# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI



Ħarġa Letterarja XCI 2018

Il-Malti
Ħarġa Letterarja XCI 2018

# Il-Malti

Rivista tal-Akkademja tal-Malti

ĦARĠA LETTERARJA

XCI

2018

Pubblikazzjoni

L-Akkademja tal-Malti

**klabb kotba maltin**

**Il-Bord Editorjali**

*Editriċi*: Dr Josette Attard

*Membri*: Phyllis Debono

Rev. Norbert Ellul Vincenti

Marlene Saliba

Qari tal-provi: Joseph P. Borg, Reno Fenech, Maria Ferstl

Pubblikazzjoni tal-Akkademja tal-Malti

© 2020 L-Akkademja tal-Malti

ISBN: 978-99932-7-761-3

Iddedikat lill-awturi u 'l-poeti li ħabirku fi ħdan
il-Moviment Qawmien Letterarju

# Werrej

L-Editorjal
*Josette Attard* ... ix

**POEŻIJI**

Lir-Ramla t'Għawdex
*Rev. Geoffrey George Attard* ... 2

Jekk f'dawl sabiħ
*Charles Bezzina* ... 4

Bejn ħolma u oħra
*Charles Bezzina* ... 5

Tneżżigħ
*Ġorġ Borg* ... 6

Tbissima
*Louis Briffa* ... 7

Nixtieqni spirtu
*John Caruana* ... 9

Żewġ kelmiet fir-ramel
*Charles Casha* ... 11

L-Ombra tal-Passat
*Charles Casha* ... 13

Għelm
*Manwel Cassar* ........ 14

Kultant
*Carmel G. Cauchi* ........ 16

Angelina
*Claudia Gauci* ........ 17

Għajnejn minn ġo Aleppo
*Claudia Gauci* ........ 18

Paġni minn djarju tat-tielet millennju
*Jane Micallef* ........ 19

Fuga
*Jane Micallef* ........ 21

In medio statione aperuit os eius
*Manwel Schembri* ........ 23

Bla ħjiel
*Manwel Schembri* ........ 24

Passi fuq ir-Ramla
*Immanuel Mifsud* ........ 25

Mitluf f'Belgrad
*Immanuel Mifsud* ........ 26

Allat Imrażżna
*Therese Pace* ........ 27

Il-Mantra Tiegħek/Dawl
*Therese Pace* ........ 29

## PROŻA

L-Anniversarju
*Charles Casha* ........ 32

In-Nies tal-iPad u r-Rutella
*Victor Fenech* ........ 42

Concerto
*Jane Micallef* ........ 44

L-Art ta' Xuxa
*Alex Mizzi* ........ 49

Ġmiel jew inqas ġmiel
*Therese Pace* ........ 52

Tgħanniqa
*Rita Saliba* ........ 56

Nikotina
*Rita Saliba* ........ 60

Taparsi
*Rita Saliba* ........ 61

Id-Daqqaq milwien tal-flejguta
*Joseph Vella* ........ 62

Il-Belliegħa
*Trevor Żahra* ........ 70

## TRADUZZJONIJIET

Mamà
Shahd Alshammari
*Toni Aquilina* ........ 74

Dfin
*Burial*
Shahd Alshammari
*Toni Aquilina* ........ 77

L-Avultun
*Der Geier*
Franz Kafka
*Manwel Cutajar* ........ 78

Kieku Inti Kont Rajt Smewwieti
*Se tu avessi visto i miei cieli*
Alda Merini
*Sergio Grech* ........................................ 80

Framment Epistolari, lit-Tfajjel Codignola
*Una Disperata Vitalità* (minn Taqsima IV)
Pier Paolo Pasolini
*Therese Pace* ........................................ 81

Xenqa
*Желание*
Alexander Pushkin
*Yana Psaila* ........................................ 83

Hallelujah
Leonard Cohen
*Ivan Said* ........................................ 84

Resumè
Dorothy Parker
*Kevin Saliba* ........................................ 88

Ode lill-Poeti
*Ode ai Poeti*
Laura Melis
*Kevin Saliba* ........................................ 89

Din l-Id li Tgħix
*This Living Hand*
John Keats
*Salv Sammut* ........................................ 91

Kostantinopli
Théophile Gautier
*Paul Zahra* ........................................ 92

## NEKROLOĠIJA

L-Għawdxi li rebaħ l-Insularità: Pawlu Mizzi (1929-2019)
*Sergio Grech* ........................................ 104

# L-editorjal

Josette Attard

Merħba għal din il-ħarġa letterarja ta' *Il-Malti* b'varjetà ta' xogħlijiet letterarji kif ukoll ta' kittieba. Ladarba qiegħda nsemmi lill-awturi, nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-kontributuri kollha tax-xogħlijiet interessanti li bagħtulna biex din ir-rivista tissokta xxerred ġeneri letterarji diversi fost il-poplu Malti kollu, kif ukoll tkompli tagħni l-istorja letterarja nazzjonali kif ilha tagħmel għal dawn l-aħħar kważi mitt sena. U tassew il-bord editorjali qagħad attent biex din il-ħarġa letterarja tkun varjata kemm jista' jkun.

Imma varjata f'liema sens? Varjetà mhux biss ta' kittieba, li jirrappreżentaw kemm il-ġenerazzjoni moderna bħal Ġorġ Borg, Victor Fenech, Charles Bezzina, Trevor Żahra u oħrajn, iżda wkoll hemm rappreżentanza tal-ġenerazzjoni kontemporanja bħal Claudia Gauci, Immanuel Mifsud, Rita Saliba, Paul Zahra u l-bqija. Hija varjetà li tindika wkoll għażla bejn kittieba maskili kif ukoll femminili. U la qiegħda nsemmi l-kittieba femminili, nixtieq nagħmel appell biex aktar kittieba nisa jinvolvu ruħhom u jipparteċipaw aktar billi jagħtu sehemhom f'rivisti letterarji lokali li mhux biss għandhom storja twila warajhom, iżda wkoll li maż-żmien kisbu ċertu kalibru.

Varjetà wkoll ta' ġeneri u stili. Minkejja li din il-ħarġa hija maqsuma fi tliet ġeneri: il-poeżija, in-narrattiva u t-traduzzjoni letterarja, fi ħdan kull ġeneru hemm stili diversi li jirriflettu kemm il-personalità u l-burdata ta' kull kittieb/a, kif ukoll il-perjodu li fih ikun inkiteb ix-xogħol. Hija varjetà maħsuba biex tikser il-monotonija u biex tikxef ukoll ċerta esperimentazzjoni fil-kitba

b'mod speċjali taż-żmien attwali. Ngħidu aħna, f'din il-ħarġa wieħed jiltaqa' ma' żewġ mikro-stejjer ta' Rita Saliba, li l-ġeneru tagħhom għadu fil-fażi esperimentali fix-xena letterarja lokali. Il-ħsieb warajhom hu li kittieba oħra jitħajru jiżviluppaw u jistabbilixxu dan il-ġeneru li kapaċi joffri gost u jistimula aktar il-ħsieb f'kitba daqshekk konċiża li mhix daqstant faċli biex tinħoloq minħabba l-limitu fit-tul.

Qiegħda nikteb dan l-editorjal b'ċerta diqa wara li ftit tal-jiem ilu tajna l-aħħar tislima f'din id-dinja lil Pawlu Mizzi – Missier il-Ktieb Malti. Ma nistax nagħlaq dan l-editorjal bla ma nagħti, f'isem il-bord editorjali kollu, il-kondoljanzi lill-familja Mizzi. Kienet tassew xierqa u f'waqtha d-dedika tal-aħħar ħarġa letterarja ta' din ir-rivista lis-Sur Mizzi – ġest żgħir ta' apprezzament għall-ġid kbir li għamel biex il-pubblikazzjonijiet bil-Malti laħqu l-livell li qed igawdu llum. Din il-ħarġa tinsab f'idejkom bis-saħħa tiegħu li għal dawn l-aħħar għoxrin sena ħa ħsieb il-pubblikazzjoni tagħha b'tant interess u mħabba lejn il-prodott letterarju lokali. Fi tmiem din il-ħarġa hemm in-nekroloġija miktuba minn Sergio Grech li tindika b'mod dettaljat il-ħidma kontinwa tas-Sur Mizzi f'dan il-qasam.

Fl-aħħar nett nixtieq nirreferi għad-dedika ta' din il-ħarġa. Il-bord editorjali qabel li jagħmel din id-dedika kollettiva li fiha tiġbor lill-kittieba kollha fi żmien il-Moviment Qawmien Letterarju. Bosta minn dawn il-kittieba għadhom attivi letterarjament u qegħdin isegwu u jsostnu l-vuċijiet ġodda tal-ġenerazzjoni ta' warajhom. Tassew li l-istorja tirrepeti ruħha. It-tranżizzjoni letterarja li ġabu l-kittieba tal-Moviment Qawmien Letterarju permezz ta' xogħlijiethom, issa qed jaraw ir-rifless tagħha bħallikieku f'mera bis-saħħa tal-kitbiet tal-awturi kontemporanji. Għalhekk hija tassew xierqa din id-dedika għall-kittieba tas-sebgħinijiet b'sinjal ta' apprezzament tal-kontribut li taw fl-istorja letterarja Maltija.

Nawguralkom qari pjaċevoli!

# POEŻIJI

# Lir-Ramla t'Għawdex

Rev. Geoffrey George Attard

Daqsek lil ħadd ma nħobb ja Ramla tiegħi
fil-jiem xemxija tax-xhur twal xitwija;
immut sabiex inħoss ma' wiċċi ramlek
ta' lwien dehbija!

Meta nintasab fuqek kollok ħlewwa
u fuq ir-ramel tiegħek – sodda bnina
inħoss is-sema u l-art jissieħbu miegħi
f'għanja ħanina!

Daqsek lil ħadd, għax int għal ftit tnessini
it-toqol tal-imgħoddi kollu diqa
meta ridt niġri, ntir, niġġerra u naħrab
minn dar l-għallieqa![1]

Kemm nifraħ meta int f'dirgħajk teħodni
tħallini nishar miegħek taħt is-sema
kaħlan, filwaqt li l-mewġ ilissen ġrajja
bilkemm tinstema'!

Mhux hekk jien ngħid għalik fix-xhur sajfija
meta tan-nies il-għagħa jerġagħlek f'daqqa;
f'saħna ninkorla għalik waqt li nistenna
ix-xita tfaqqa'.

Inħobbok wisq għax lilek biss baqagħli
biex troddli ftit tal-ferħ f'waqtiet sewdiena
inti l-Elizju f'nofs l-infern ta' ħajti
int trodd il-ferħ lill-qalb u l-moħħ għajjiena!

*26.1.2013*

[1] Li għandhom setgħa li jgħallqu.

# Jekk f'dawl sabiħ

Charles Bezzina

Jekk f'dawl sabiħ tal-qamar
għad niżfnu fuq l-għoljiet,
inniżżlu fl-art il-kwiekeb,
u niddu f'satra skiet.

U nibqgħu qajl nitbaħbħu
fid-dija tfuħ tal-qamar,
sakemm mal-lejl jinkewa,
iqattar ġamar f'ġamar.

U nishru f'rit tal-qedem,
induru man-nirien,
u naqbżu 'l fuq mal-fjammi,
intiru 'l hinn miż-żmien.

Sakemm bil-mod ibexbex,
u l-ħolm isir duħħan,
nittewbu max-xemx tielgħa
fi ħdan ir-raġġi sħan.

# Bejn ħolma u oħra

Charles Bezzina

Bejn ħolma u oħra ngħixu
fil-barma tal-irjieħ,
nilagħbu bl-illużjoni
fil-ġenn u fil-mistrieħ.

U qatt ma naslu ngħidu
jekk dan huwiex stħajjil,
jew ħolm ta' ġrajja stramba
ta' lejl mudlam u twil.

Jekk hux xi miraġġ ieħor
li ġieli nilmħu 'l bogħod
bejn ħajta dawl u dalma
fejn nisktu b'qalb tirtogħod.

Jew forsi hux misteru
li rridu naċċettaw
bla nifhmu l-profil kollu,
u jkollna nirriskjaw.

# Tneżżigħ

Ġorġ Borg

Bħas-siġar li jinżgħu
għas-sigra ta' ħajti jkun hemm
it-tneżżigħ
u l-ġranet mgħoddija fil-ksieħ.

U f'fażi bħal din
dis-siġra li nafha mhux ftit
tkun qiegħda tistenna
li tilbes mill-ġdid.

# Tbissima

Louis Briffa

Min-nida fuq kaptell
mirżuħ ta' qabar,
mill-vina ħadranija
tal-ħajja
b'xenqa tixrob it-tbissima.

Ixxenxel taħt ħaddejna
għerq il-qerq
jew għerq il-verità.

Diffiċli nipprevedu
hix falza jew ġenwina
it-tbissima.
Taf tittradixxi anki 'l-egħref bniedem
u titfgħu f'ħalq in-nar.

Tiddellel it-tbissima
b'fantażmi tal-passat
kull meta l-fakriet stużi
jitilgħu
jimburġaw
satal il-konxju

mill-ħerża primordjali
bil-maġija.
Mill-miġra tal-preżent
tlegleg mhux ftit,
u tfaqqa’ spirtu pront
f’mument ta’ ferħ.
F’waqtiet ta’ disprament
ma titfaċċax ’qas b’nemes.

Li nċarrtu kemxejn ħalqna
xejn mhu faċli...
Fid-dlam ikollna ngħarrxu
għaliha b’kalamita
għax kultant
daqs labra taf tkun żgħira,
u daqsha taf ittaqqab bla rimors
il-laħam tari.
Tbissima,
imqar jekk tkun daqs ħajta,
f’funeral
taf tkun bżonjuża
għax minnha jintradd l-għomor
bejn ġemgħa b’ras baxxuta
tikkontempla
misteru jorjentaha
man-naħa l-oħra,
mal-qawma mill-imwiet
li b’qawwa temmen fih.

Tisfronda l-ħajja muta,
u tħajjel it-tbissima
b’Jaħwe skussjat jorgażma,
u jħabbel univers
b’kewkbiet ta’ bjuda tgħammex,
b’kometi, bi pjaneti...
iwerżqu fi tnissilhom b’ħajrhom lejh.

Tbissima bl-amneżija ma tbatix
u lill-burdata mqanżħa tibbustjaha!

# Nixtieqni spirtu

John Caruana

*Ħa nħuf f'natura mqita*

Meta x-xemx tinsatar
u s-sema jitgħajjeb
bi sħab irmiedi,
sewdieni,
saff wara saff
bħall-ġganti fil-ħrejjef
mikula kurżità,

Meta r-ragħad ikarwat,
leħnu żorr
idamdam,
jinkorla f'qerda dejjiema,

Meta s-sajjetti jċaqċqu,
jitkagħwġu ganċ,
u l-beraq teptiepi
idawlu
iwerwru sat-trufijiet,

Meta x-xita tiġma',
imbagħad tinżel
imgħaddba
bla rażan,
issabbat, issawwat
bħal tifel bla lġiem,

Meta l-ilma jaqbeż igelgel,
ifawwar minn xquq is-sejjieħ
u jlebbet għafrit
lejn il-wied....

Nixtieqni spirtu
ħa nħuf u nserrep il-mogħdijiet,
nisseqqer l-irdumijiet
u nitferragħ mill-ġwiebi.
Ħallini mbagħad illebbet fis-swieqi
inżiġġ l-għadajjar
u ntarraġ l-għelieqi....

U meta l-burraxka tehda
nitfarfar minn frigħet is-siġar.

*21.04.2016*

# Żewġ kelmiet fir-ramel

Charles Casha

Xtaqt nisma' l-bikja tiegħek
moħbija f'qalb muġugħa,
biex forsi nifhem sewwa
x'kien qed itaqqal qalbek.
U f'dik il-lejla rajtek
fi nżul ix-xemx għajjiena,
bi dmugħ għajnejk iġelben
fuq wiċċek lellux isfar.
Staqsejtek biex tweġibni
'ma fommok baqa' sieket,
filwaqt li b'mewġ ritwali
saqajk tmellsu, mistrieħa
fir-ramel, artab, niedi
li fuqu ktibt bir-rogħda
iż-żewġ kelmiet tal-biża'
li fija nisslu diqa.
Titgerbeb għal għarrieda,
ġiet mewġa b'qawwa kbira,
f'dagħbien mudlam ħaditek,
'il bogħod f'lok misterjuż,
fejn forsi wara kollox

int dejjem xtaqt li tmur,
biex tibki dik il-bikja
fejn ma jisimgħek ħadd.
U jien hawn għadni waħdi
nistenna f'xatt il-baħar
biex għada jew pitgħada,
il-mewġa ġġibek lura,
u ż-żewġ kelmiet fir-ramel
ma jkunu jfissru xejn.

# L-Ombra tal-Passat

Charles Casha

Fil-fond, midfuna f'qalbek
hemm l-ombra tal-passat,
li qiegħda therri 'l ħajtek
b'tant niket u weġgħat.

Nixtieq li nista' nifhem
x'qed tostor dik il-qalb,
li dejjem fis-silenzju
tixtieq tinfexx fit-talb.

Ħabbejtek malli rajtek
taħt dawl qamar fiddien
ħosbiena ħdejn il-baħar
u ħemda kullimkien.

Kif tista' mħabbti tirbaħ
fuq l-ombra tal-passat
li tul dawn is-snin kollha
lil qalbek ibbalzmat?

# Għelm

Manwel Cassar

Dil-qatra
tiġbor fi ċkunitha
il-kobor sħiħ
ta' eżistenza tul il-millennji.
Dil-qatra mill-miżieb
l-aħħar li ġelbnet.
Taħtu l-ponsjetta
taf id-dilluvju li żbroffa
fuq saqaf id-dar.
Ġarrbet ir-ragħad li damdam
bit-tnabar fil-festa
li tridek taf biha
fil-festeġġjar
tal-univers.

Diċ-ċagħqa għamla ta' qalb
li għażilt u ħfint
mill-ixkaffa, tkellimni
fuq l-irdum
mikul bi snien il-mewġ
sekli fuq sekli;

qalba waħdanija
waħħada mal-biljuni
itektku l-imħabba sħiħa... imtertqa
ta’ qlub tul l-umanità.

Il-waħdan
ħjiel tal-kotra.
Wara t-tiċpisa
hemm l-istampa l-kbira.
Hemm tnebbiħ iżolat
li jberraq u minnufih
jikfes dawlu,
biżżejjed biex ikeskes il-ħsieb
fuq tkebbis l-assolut
imkebbeb fid-dlam inkejjuż.
Xegħil torċa fettieħa
jolqot għal waqt
moħba misterjuża
li biex tinżel tistħarriġha
ġo fond għerien is-seħer
ma twegħidx li ssib taraġ.

# Kultant

Carmel G. Cauchi

Kultant inħoss li jien daqsxejn ta' fjura
tixxejjer 'l hawn u 'l hemm
ma' kull buffura.

Kultant inħossni mdaħħal f'avventura
li minnha m'għandix ċans
li nerġa' lura.

Kultant inħoss li jien ġarra miksura
b'ġebliet b'saħħa mwaddbin
minn id għajjura.

U dan għax jien marid b'marda bla kura
imsejħa minn xi wħud
Letteratura.

*08.10.17*

# Angelina

Claudia Gauci

Il-ħars jinħaraq mas-sigaretti f'dal-bar
Tliet nisa-allat bilqiegħda jħarsu lejn il-burdati
ibiddlu l-kulur minn waqt għall-ieħor –
daqqa suwed imbagħad sofor daqqa vjola
jisfukaw dabra f'qalbhom bħal tbenġila.

Mal-aħħar grokk qamar iswed
ħarġu n-nies fi triq ma tinfed għal imkien,
bil-kliem imrembel ma' xoffithom
li baqgħu ma lissnu qatt
ħallewh fuq mejda ġewwa
ħallewh aħmar imċappas mas-srievet.

# Għajnejn minn ġo Aleppo

Claudia Gauci

Ma nafx kontx tifel jew tifla,
tfaċċajtli fuq skrin biered
ġo kċina sħuna riħa ta' milied.
Għajnejk beraħ
setgħu kienu s-sema billejl
jew toqob bini mġarraf.
F'xagħrek nokkli, traċċi tad-deheb,
setgħu kienu bebbux
ipassi f'għalqa wara x-xita
jew ċagħaq imrekken
igedwed ħrafa minn tfulitek.

# Paġni minn djarju tat-tielet millennju

Jane Micallef

Il-missili ballistiċi
imwielda mill-imħuħ morda ta' skiżofrenija f'poter ta' setgħa
jinfdu l-iżraq tal-ġenesi
u jċarrtu fi triqithom il-bandiera tal-paċi tferfer dejjiema fuq l-arblu tal-istorja;
Tixxawwat il-qiegħa fil-medda ta' friexhom.
U f'ġuf l-art jitkebbsu fran il-qerda li jfaqqsu fossili ġodda,
mill-ħlejjaq hienja li darba kienu.
..........

Il-klima tilfet il-boxxla għalkollox.
Is-silġ, reduċi mill-era glaċjali, irvella; art mheżża mqarqċa u għargħar.
Nirien imfaqqsa jinfirxu bħal ilsna jilagħqu mappa feruta li tnixxi d-dmija;
Bla għadd l-imwiet bla sens u ta' vjolenza.
..........

L-epidemija tinfirex dejjem iżjed.
Il-midja soċjali faqqħet kull ċinga ta' lġiem u xorbot id-dinja f'ponn ċkejken ta' konnettività.
Ponn miżgħud b'elf virus moħbi li jnawwar is-sentimenti siewja tal-umanità.
Imħuħ torja għatxana jixorbu l-velenu li jisqihom konfużjoni u immoralità,
u għajnejn is-safa jittappnu f'mera falza ta' interattività.
..........

F’dil-bajja mwarrba, fil-ħemda, meta tinżel ix-xemx
Ifewweġ imnikket l-eku tal-karba tas-sireni,
Ilfiq bla heda fuq midfen l-eżodi tat-tama mitmuma f’għarqa mistennija.
..........

Illum infittex li nitfarraġ bil-frak li fadal minn dak li darba kien, loqom tifkiriet tfuliti.
Qabel joktru t-torrijiet li jniggżu s-sħab u jifirxu aktar swaba’ dellijiet il-kilba;
Qabel ikompli jiddardar il-baħar kontaminat bl-abbużi mixtrija bi flejjes maħsula fis-satra;
Qabel tintebaq għalkollox id-dinja tal-firmament li jsaħħar f’mixegħla ta’ ljieli sajfija.
..........

Nistenna d-dalma.
Taħt kewkba ħabibti nishar il-lejla sad-difa t’għodwa bikrija.
Nitħarrek mal-ewwel imrieżaq li jfiġġu fiddiena
u nixrob fi mnifsejja l-aħħar nida li titnikker
fejn forsi waslet biex tinbet l-aħħar fjura.

# Fuga

Jane Micallef

Jien għada nippakkja
u naħrab ’il bogħod
inkiss inkiss noħroġ
u nagħlaq bil-mod.

’L isfel mill-għatba
mogħdija għat-telgħa
lejn qċaċet maħsula
bid-dija tas-sema.

Iż-żrar taħt għarqbejja
iqarmeċ b’mixjieti
ruxxell ilma ġieri
jgħannili fi triqti.

’Il fuq dejjem iżjed
bla nehda jew negħja
tilħaqni ħajbura
tiżżeffen sa ħdejja.

Fuq friex fin u artab
bl-ilwien tal-qawsalla
induq l-ewwel balzmu
mis-saltna ta' Alla.

Minn hemm nifli taħti
dinjieti mbiegħda
l-isfera mdennsa
b'tingiż, ġlied, mibegħda.

L-aħħar tislima
minn xemx tarmi l-ħmura
u nkompli fi triqti
... biex qatt nerġa' lura.

# In medio statione aperuit os eius

Manwel Schembri

Madonna sewda b'binha mbissem
tittawwal fuq ġens maqtugħ minn niesu
b'għajnejha mdallma miftuħa beraħ
biex tara dak li ma jidhirx
dak li fl-arja kiesħa jinħass jaħraq bla ma jaqbad.

Is-soru mserdka, b'ngħasha moħbi b'velu llamtat
xtaqet tifhem ġnus imbiegħda bla ma tisforza ħsiebha
biex tħossha tinfatam minn dawk li nissluha.

Il-mara mlefilfa fi gverta ċċangjata mitfugħa kobba
fuq għatba kiesħa u qierħa titlob bla ħsejjes
u b'xofftejn jitriegħdu b'tifsir il-qtigħ il-qalb
w ir-reżħa, titkaxkar lil hinn mill-bieb imbexxaq.

U l-jien dar id-dawra mal-maqdes, bil-presbiterju maħnuq
b'uċuħ serji, b'għajnejn marsusin, b'subgħajn minsuġin
f'kobba tonda, bl-irjus baxxuta
sa ma wasal quddiem ix-xbieha samra
tal-Omm li tqassam il-ġid ta' binha li ma kiber qatt.

In-niżla 'l barra mit-tempju niżlet għasel
bit-tifkira tat-telgħa iebsa tintilef
fl-imgħoddi jgħum fl-arja kiesħa.

*Czestochowa, 1.10.2015*

# Bla ħjiel

Manwel Schembri

Dejjem bit-tama li jasal iż-żmien
li nħossni bħal darba, li qiegħed xi mkien
fejn xemx ilha tisreġ u ssaħħan l-idwar
tal-qlub tant imħeġġa, imġammra bin-nar

li qabad f'salt wieħed bla ħadd ma stennieh
u fawwar u ħammar bla ħadd ma tefieh,
għax tajjeb li tħossok tinbala' fil-ġmiel
ta' min ikun ħabbek bla qatt ma tak ħjiel

ta' x'hemm f'dak qiegħ ruħu x'żamm moħbi għalik
tul jiem u snin twal li satrulek ġo fik
dik il-ħeġġa u l-ħerqa misrura fil-qalb
biex tinfeda r-rieda ta' min heda fit-talb.

*30.3.2017*

# Passi fuq ir-Ramla

Immanuel Mifsud

Fuq dir-ramla, xi mkien, għad hawn il-passi
ta' ċorma tfal li ġrew itajru t-tajra,
ta' maħbubin li nfirdu qabel mietu,
ta' ħafna xjuħ li ħarġu bil-pensjoni.

Jekk tfittex sew issib il-passi tiegħek:
issib il-passi li mexxietek ommok
meta kont għadek tibża' tinżel fl-ilma;
inkella l-passi meta ġrejt mar-riħ
u ħalliek warajh b'sidrek tiela' w nieżel.
Issib il-passi illi mxejt mal-folla;
il-passi li mexxietek magħha l-merħla.

Imbagħad issib il-passi li mxejt waħdek.

# Mitluf f'Belgrad

Immanuel Mifsud

*Lil Maja Ćuk*

Illum rajtek waħdek, mitluf fit-toroq
li ma jwasslu għal imkien ħlief għall-bidu –
u int il-bidu għadek ma nqlajtx minnu;
għadek hemmhekk iddur bħal tifel żgħir.
Xagħrek bjad, xagħrek ħfief u għadek tfajjel
jittanta l-ewwel pass fuq riġlejn fraġli;
iħażżeż fuq il-ħajt bil-lapes l-iswed
u jibki meta jmutu l-ġugarelli;
ipinġi nies irqaq u rashom kbira;
itenni dak li sema' mill-iskola;
jistaqsi 'l ommu dwar sigriet il-ħajja
biex jiskoprih bil-moħbi mingħand sħabu;
jersaq beżgħan fi mkejjen mhux tant xierqa.

Fittex fil-mappa forsi ssib fejn sejjer
qabel jidlam, qabel titlef il-vista.
Ma jkun ġara xejn jekk tkompli tintilef:
it-toroq kollha jagħtu għal post wieħed.

# Allat Imrażżna

Therese Pace

*(Kwadri ta' Nisa Nudi f'Gallerija tal-Arti Privata)*

B'għajnejn ħabsin,
filgħodu jispezzjonaw 'il xulxin
għan-nemex u d-difetti.
Jippużaw għad-dawl tan-neon
ikkakkmat jissindika kilowottiku
'l-għeriewen iċċassati, imdendla, inkwadrati
jimmeditaw l-inkant projbit tan-narċissiżmu;
jadulaw l-anatomija mġissma,
l-isdra konikali merfugħa 'l fuq
bir-rifda taż-żgħożija,
inkella mlanġsa 'l isfel biż-żmien keddied
u s-seqi sfiq tat-trabi li kien radda'.

Wara ftit ħin, jegħjew minn ġmiel xulxin:
jimteddu mikxufin
b'riġlejhom imrikkbin; xbejbiet perfetti, żnelli,
inkella mpaħpħa u tondi
bit-telqa fiżjonomika ta' ġisimhom

tingrazzja l-lożor sfondi.
B'salarji ma jafux.
Ħlas m'hemmx għal-letarġija.
Hemm biss l-ikkarezzar
t'għajnejn lewżija fuq il-kontorni mberrħa.
U s-solitudni qierħa
minkejja l-kumpannija.

Filgħaxija,
josservaw il-jum inin fuq dahar xulxin;
jirreġistraw il-ħin li jtul,
ikarkar bħall-għana la Bormliża;
jistaqsu lil xulxin kemm ser idumu hawn
jirahnu l-essri. X'inhuma sewwasew,
x'funzjoni qegħdin jaqdu,
humiex skjavi bbalzmati, sottomessi
għax-xewq ta' min għamilhom,
inkella allat imrażżna jgħixu l-erotika Rubenseska
mal-bikma tal-istasi, mingħajr konxjożità,
mingħajr sens ta' pudur u ta' mistħija.

L-għada filgħodu jibdew kollox mill-ġdid
mill-kakkmi    mill-inerzja    mit-turija.

# Il-Mantra Tiegħek/Dawl

Therese Pace

*(L-għerf jgħajjat fit-triqat,*
*leħnu jgħolli fl-imsieraħ, Prov:1:20)*

Il-mantra tiegħek
dawl jiftaħli 'l moħħi.
Xjenza li tgelgel
fawwara ta' skola.
Sapjenza li ċċaqlaq
mill-inerzja
'l-imħuħ mimlija għanqbut
u toffri b'abbundanza
mill-għerf li jagħmilha għerf.
Toħroġ tfittixni
bil-lampa tal-oraklu
u jekk inħobbok, tħobbni.
Hekk nisker. Hekk nikber:
nishar u ngħasses
mal-għatba ta' biebek,
nitliegħeb f'ħofortok
b'xoffti minn xofftok
issoff l-erudit.
Il-bewsa ta' fommok
fuq fommi
trapjant li jaħjini.

Bl-istoffa jimlieni.
Sebbieqa, fejjieda
terfagħni minn xejni
bħall-art lin-nebbieta.

Rumi bniek f'saffi immortali.
Salamun imtela bik u idda.

# PROŻA

# L-Anniversarju

Charles Casha

Jien ngħix waħdi. Kif jgħidu, jien sid tiegħi nnifsi għalkemm kultant hija ħaġa tajba li jkollok lil xi ħadd min imerik, ma' min targumenta jew ma' min taqsam ħsibijietek. "No man is an island," darba qrajt. Imma jien kuntent li ngħix qisni gżira mdawra bil-baħar li meta jkun imqalleb jaf iżomm 'il bogħod lil dawk li jħobbu jdeffsu mneħirhom f'kollox. U minn dawn issib kemm trid. U meta jkun baħar bnazzi, inkun nista' nimraħ ftit lil hemm mill-għeluq ta' dari. Naturalment jien għandi l-istramberiji tiegħi u ma niddejjaq xejn li ngħixhom jum wara l-ieħor. Nemmen li dawn jagħmluni kif jien – jagħtuni l-individwalità tiegħi wkoll jekk ħaddieħor jarahom tad-daħk. Ftit li xejn jimpurtani x'jaħsbu dwari dawk li jafuni u wisq iktar dawk li ma jafunix. Dejjem kont nemmen li meta l-bniedem jispiċċa biex jagħti kas wisq ta' kif jidher f'għajnejn dawk ta' madwaru, jispiċċa biex ma jibqax hu imma jsir biċċa għaġna f'idejn ħaddieħor.

Sentejn ilu rtirajt mix-xogħol wara li kont ili erbgħin sena naħdem ma' kumpanija kbira, dejjem bit-tama li xi darba nieħu promozzjoni, imma din ma waslet qatt. Bdejt bħala skrivan u hekk bqajt. Il-Bord tad-Diretturi kienu jfaħħruni darba fis-sena fi żmien il-Milied meta kienu jiltaqgħu mal-impjegati biex jagħtu l-awguri. Kienu jiġu fis-sala, x'aktarx dejjem tard u jitilqu wara ftit. Jagħmlu diskors li bejn wieħed u ieħor ikun l-istess bħal dak tas-sena ta' qabel, u l-għada jintesa kollox. Bqajt hemm għax ma kontx kapaċi nsib xogħol ieħor, u biex inkun għedt kollox, ma kontx imdejjaq. Fl-aħħar għaxar snin li għamilt mal-kumpanija, fl-uffiċċju kienet ġiet mara li kelli grazzja magħha

imma kienet miżżewġa. U allura kelli nikkuntenta ruħi bix-xewqat, bil-fantasiji, kultant xi ftit erotiċi, u aktar importanti bil-preżenza tagħha ħamest ijiem fil-ġimgħa. Kienet miżżewġa raġel żorr għall-aħħar, ikbar minnha fl-età, imma kif kienu qaluli, kien tal-flus. U mid-dehra Carolina kienet tħobb il-flus aktar minn kollox u għalhekk qatt ma telqitu. Kien ikolli ġenn biex jgħaddi tmiem il-ġimgħa u jasal it-Tnejn filgħodu biex nerġa' noqgħod nitpaxxa biha. Meta ma kinitx tidħol għax-xogħol, għal xi raġuni jew oħra, kont indendel geddum sal-art u jkolli ġenn biex nitlaq lejn id-dar. Sħabi li kienu jafu x'kont inħoss għal Carolina, kienu jitfgħuli xi botta kemm bi nkejja u kemm biex jgħaddu ż-żmien. U jien kont nilgħabha tal-iblah taparsi m'iniex nifhem.

Meta l-ġenituri tiegħi kellhom jgħaddu l-aħħar snin ta' ħajjithom f'dar tax-xjuħ immexxija mis-sorijiet, jien ħtaft l-opportunità u mort noqgħod f'appartament żgħir qrib il-post fejn kont naħdem. Qatt ma tgħallimt insuq u dejjem ivvjaġġajt b'tal-linja, jaqbilli u ma jaqbillix. Imma ma kontx niddejjaq. Waqt xi vjaġġ, meta ma kontx insib ruħi bilwieqfa, nitbandal 'l hemm u 'l hawn u nxomm ir-riħa tal-għaraq ta' xi ħadd imkaħħal miegħi, kont nedha nħares 'il barra mit-tieqa nara d-dinja għaddejja.

Waħda mill-istramberiji tiegħi, jekk tista' ssejħilha hekk, hi li, meta jiftilli, nidħol il-Belt u minn hemm naqbad karozza tal-linja, tkun liema tkun. Immur fejn jeħodni r-riħ. Meta nasal f'xi raħal jew belt, noqgħod indur mat-toroq, u meta jagħmel bija l-ġuħ, nidħol f'xi ħanut jew restorant biex niekol xi ħaġa. Din xi ħaġa li tant nieħu gost nagħmel. Xejn xejn timlieli l-ġurnata għax meta tkun tgħix waħdek, il-ħin tarah itwal milli hu. Passatempi qatt ma kelli, u meta rtirajt, ridt nara kif se nimla l-ġurnata. Ridt insib xi ħaġa li żżommni għaddej bir-rutina li kont imdorri fiha għal ħafna snin. Ridt insib skop għalfejn kull filgħodu nqum, ninħasel, nilbes u noħroġ mid-dar. Bdejt nibża' li jekk ma nsibx skop ieħor f'ħajti, nispiċċa magħluq bejn l-erba' ħitan tad-dar u niġġennen.

Mhux l-ewwel darba li dawn il-ħarġiet tiegħi bil-karozza tal-linja daħħluni f'xi avventura jew laqqgħuni ma' xi esperjenza stramba. Waħda minn dawn ma ninsieha qatt.

Kien is-Sibt filgħodu. Dħalt il-Belt u qbadt l-ewwel karozza li ġiet quddiem għajnejja. Lanqas biss tajt kas x'kienet id-destinazzjoni. Kif kont nagħmel u għadni nagħmel. Wara kollox, bħas-soltu ma kelli l-ebda pjan. Wasalt u qbadt indur mar-raħal bla ma naf fejn kont sejjer. Fl-aħħar sibt ruħi fi pjazza żgħira mdawra bil-ħwienet. Fosthom kien hemm wieħed tal-kafè. Ir-riħa tfuħ li kienet ħierġa mill-ħanut ħajritni nidħol ġewwa. U fuq kollox kont mejjet għal naqra

kafè. Il-ħanut kien kważi mimli. Intfajt ma' mejda li kien hemm ħdejn id-daħla tal-ħanut. Kienet mejda żgħira, b'żewġ siġġijiet fi spazju limitat.

Fuq in-naħa l-oħra tal-bieb ta' barra kien hemm mejda oħra żgħira, b'siġġu wieħed u fuqha tabella bil-kelma *reserved*. Ġietni kurżità kbira li nsir naf għal min kienet riservata dik il-mejda b'post wieħed għax ħafna drabi meta jkun hemm xi mejda riservata tkun għal tnejn min-nies jew aktar. Imma malajr warrabt din il-kurżità meta bdew jinteressawni xi nies li kien hemm fil-ħanut. Il-gost tiegħi noqgħod inħares u nifli dak kollu jkun għaddej madwari. Le tifhmunix ħażin. M'iniex xi wieħed li nħobb innemmes jew nilħaq salib ħaddieħor, imma nħobb nara l-ħajja għaddejja għalkemm m'iniex xi wieħed li jtajjar in-nar. Għax bħala karattru jien bniedem kajman kemm trid u l-kelma *għaġla* ma teżistix fid-dizzjunarju tiegħi.

Fuq il-mejda maġenbi kien hemm erbat irġiel imdaħħlin fiż-żmien mitlufa jitkellmu dwar il-politika, suġġett li dejjem evitajt li nitkellem dwaru. Il-mentalità tribali li ngħixu fiha qatt ma ħmiltha, iktar u iktar meta kont nisma' lil ommi u lil missieri jargumentaw għax missieri kien Laburist u ommi Nazzjonalista minn twelidha. Fuq il-mejda, dawk l-irġiel kellhom xi fliexken tal-birra u plattini b'ikel mimli melħ biex iqabbadhom aktar għatx u jordnaw aktar xorb. Mid-dehra ħadd minnhom ma kien ibati bi pressjoni għolja. Jew jekk kienu, ma tantx kienu jħabblu rashom. Jew ma kinux jafu. U meta ma tkunx taf ma tinkwetax!

Ma ridtx wisq ħin biex ninduna li kienu partitarji akkaniti tal-partit fil-Gvern. Skont huma Malta kienet miexja fuq ir-rubini. Kont qrib biżżejjed biex stajt insegwi elenku sħiħ ta' ħmerijiet u nofs veritajiet, x'aktarx riżultat ta' brain washing li min jaf kemm kien ilu jaħdem fuqhom. Għalkemm ma kinux qegħdin jimpressjonawni, stajt nifhem li wara kollox dawn kienu sabu l-kumpanija ta' xulxin, sabu fuq xiex jitkellmu bla ma jitlewmu u qegħdin jimlew il-ħin u jieħdu gost. X'hemm ħażin wara kollox? Jien qatt ma stajt nagħmel bħalhom. U forsi lanqas ma ridt nagħmel hekk. F'ħin minnhom dawru d-diskors fuq il-futbol u hawn mill-ewwel indunajt li ma tantx kienu tal-istess gosti. Ma kinux qegħdin jargumentaw fuq il-futbol lokali imma fuq il-league Taljan, u wieħed li kien partitarju akkanit tal-Milan ħa tbaqbiqa sħiħa meta wieħed minn sħabu qallu xi ħaġa dwar xi wieħed mill-plejers.

Tfajla barranija, liebsa dublett iswed u blaws abjad, kienet qiegħda ddur mal-imwejjed, isservi lill-parruċċani. Ma tantx kienet taf titkellem bl-Ingliż, imma b'xi mod jew b'ieħor kienet qiegħda tiftiehem x'kienu qegħdin jordnaw il-klijenti. Naħseb li kemm kienet ilha taħdem fil-ħanut, tgħallmet biżżejjed

kliem biex tiddobba. Kellha wiċċha ħelu, sider wieqaf u par saqajn li jixirqilhom xi dublett mini. Kellha xagħarha bjond u għajnejn kbar żoroq. Ma tħarisx darba lejha u tinsieha. U jien hekk ġrali. Ma stajtx naqla' ħarsti minn fuqha u qattajt l-isbaħ ħames minuti nitpaxxa biha naraha ddur mal-imwejjed sakemm fl-aħħar indunat bija u resqet lejja. Tbissmet u staqsietni xi xtaqt nordna. Quddiemi fuq il-mejda kien il-menù, iżda jien lanqas biss kont għadni ħarist lejh. Aktar kont moħħi fl-ambjent (u f'dik it-tfajla) milli fl-ikel.

Ħassejtni ninfixel xi ftit, iżda malajr ġejt f'tiegħi u għedtilha biex iġġibli cappuccino u żewġ qassatat tal-piżelli. Ħadet nota fuq notebook ċkejken li kellha f'idha u telqet. Xtaqtha li baqgħet ftit ieħor quddiemi għax kien ikolli ftit ħin biex noqgħod nitpaxxa biha aktar mill-qrib, imma barra li kellha ħafna x'tagħmel, żgur li ma kellha ebda ħajra li toqgħod taħli ħinha ma' xi wieħed bħali, anzjan bla sura. Ftit wara indunajt li dik it-tfajla, li jkolli ngħid kienet mill-Ukrajna, kienet tgħallmet bil-Malti aktar milli ħsibt jien.

Wara l-bank stajt nara mara ta' madwar il-ħamsin sena, b'wiċċ daħkan, x'aktarx qasira u b'xagħar isfar li żgur ma kienx il-lewn naturali tiegħu. Ma domtx ma sirt naf li kien jisimha Tracy għax ftit wara daħal raġel jixtri xi qassatat u sejħilha b'isimha b'leħen għoli.

Fuq mejda oħra kien hemm żewġ nisa anzjani, irranġati b'make up professjonali biex jagħmilhom jidhru iżgħar milli kienu u jgħinhom jiġġieldu lill-qilla taż-żmien li fl-aħħar mill-aħħar jirbaħ dejjem lil kulħadd. Quddiemhom kellhom teapot kbir u żewġ qassatat tal-irkotta. Ma stajtx naqbad fuqiex kienu qegħdin jitkellmu imma jkolli ngħid li d-diskursata tagħhom kienet dwar il-moda.

Komplejt nilħaq salib dawk li kien hemm fil-ħanut. F'rokna tal-ħanut kien hemm koppja li ġibdu l-attenzjoni ta' dawk li kien hemm madwarhom, l-aktar il-mara, li kellha leħinha għoli u kellha xi argument mar-raġel dwar oħtu, li mid-dehra ma tantx kienet tinżlilha. Fuq għonqha kellha tattoo li minn fejn kont ma stajtx nidentifika x'kien.

Ħanut mimli nies, għagħa u ċekċik ta' platti, kikkri u tazzi. Wara l-bank fejn kien hemm Tracy, kien hemm screen kbir tat-televixin bis-sound mitfi. Ħadd minn dawk li kien hemm fil-ħanut ma kien qiegħed iħares lejh. X'jiswa? F'dak il-ħin kien għaddej xi programm tar-riklami fejn mara ta' mezza età kienet ġabet fl-istudjow kemm alla ħalaq ħwejjeġ (probabbli xogħol taċ-Ċina) biex tipprova tħajjar lit-telespettaturi fid-djar jemmnuha li kellha prodotti rħas u ta' kwalità superjuri.

Kienu għaddew xi ftit minuti meta fil-ħanut daħal wieħed raġel u poġġa bilqiegħda fuq dik il-mejda riservata li kien hemm qrib tiegħi. Ħares lejja, tbissem u minn taħt l-ilsien qalli:

"Bonġu!"

Jien sellimtlu lura.

"Bonġu ħabib."

Kif ratu, Tracy qalet b'leħen għoli minn wara l-bank:

"Bonġu Fred. Dalwaqt miegħek. Kollox lest."

Dak ir-raġel kien pront weġibha:

"M'hemmx għaġla Tracy. Meta tkun komda."

Mela dik il-mejda żgħira b'post wieħed kienet riservata għal Fredu, li mid-dehra kien parruċċan speċjali fil-ħanut ta' Tracy. U hawn imtlejt bil-kurżità. Min kien dan Fredu? X'kienet lestiet Tracy? Kelli nistenna sakemm stajt naqta' l-kurżità.

Fredu poġġa bilqiegħda, u b'dik it-tbissima, li donnha kienet permanenti fuq dak il-wiċċ għajjien, beda jħares lejn kull min kien hemm fil-ħanut. Ftit wara, Tracy ħarġet minn wara l-bank u f'idha kellha kejk imdaqqas, u warajha ġiet it-tfajla barranija b'turrun plattini u poġġew kollox fuq il-mejda quddiem Fredu.

"Jogħġbok, Fred?" staqsietu Tracy.

"U kif! Kull sena tagħmel kejk wieħed isbaħ u itjeb mill-ieħor," weġibha Fredu ferħan.

"Pjaċir tiegħi, Fred," weġbitu Tracy, u filwaqt li poġġiet idha fuq spallejn Fredu, daret lejn in-nies li kien hemm fil-ħanut.

"Sinjuri... Jekk jogħġobkom... ftit attenzjoni."

Imma donnu li ħadd ma ta kas x'kienet qalet Tracy. It-tfajla barranija marret ħdejn il-bank, qabdet tazza twila u sikkina u bdiet ittektek fuq it-tazza u tgħajjat:

"Attention please... sinjuri..."

Kemm kellha aċċent ħelu! Iggustajtha u xtaqt li baqgħet sejra tgħajjat biex tipprova tiġbed l-attenzjoni tal-parruċċani. Imma ftit wara, fil-ħanut l-għagħa bdiet tonqos sakemm waqa' s-skiet. Kulħadd dawwar ħarstu għal fuq Tracy biex jaraw x'kien se jiġri.

"Sinjuri," bdiet Tracy meta rat li kellha l-attenzjoni ta' kulħadd. "Kull sena l-ħabib tagħna Fredu jiġi hawn bħal-lum biex, ma' dawk kollha li jinzertaw fil-ħanut, jiċċelebra l-anniversarju tiegħu. Intom mistiedna biex minn hawn u ftit ieħor tieħdu biċċa minn dan il-kejk, imma qabel nistedinkom biex lill-ħabib tagħna nagħtuh ċapċipa kbira."

In-nies bdiet iċċapċap, u naħseb li bħali ħadd ma kien jaf x'anniversarju kien qed jiċċelebra Fredu! Jien tajt ħarsa lejn il-kejk. Fuqu, bil-ġelu kien hemm miktub biss:

"Happy Anniversary". Xejn iktar. L-ebda ħjiel. U l-kurżità kompliet tagħmel bija.

Fredu kien ġie waħdu. U jien bdejt nistaqsi lili nnifsi.

"Jekk dan hu l-anniversarju taż-żwieġ, il-mara fejnha?"

"U jekk hi mejta, għalfejn qagħad jiġi hawn? Se jiċċelebra anniversarju mingħajrha? Ma jistax ikun!"

"Jew xi anniversarju ieħor?"

"U għaliex Tracy ma qalet xejn? Ma tat l-ebda informazzjoni! Stramba din!"

Sadanittant it-tfajla ġabitli l-cappuccino u l-qassatat u poġġiethom quddiemi fuq il-mejda. Irringrazzjajtha u bdejt niekol.

Tracy ġabet kafè u żewġ pastizzi lil Fredu u, qabel warrbet minn ħdejh, qaltlu:

"Minn hawn u ftit ieħor niġi u nqassmu l-kejk."

"Inħalli f'idejk", weġibha Fredu bl-istess tbissima li ma warrbitx minn fuq wiċċu sa minn mindu daħal fil-ħanut.

Jien u Fredu bqajna nieklu bil-kwiet u kultant inħarsu lejn xulxin, nitbissmu bla ma ngħidu kelma. Ma kontx ċert jekk kienx qiegħed jistennieni li nkellmu. Min-naħa tiegħi kont mejjet biex nagħmel dan imma qgħadt pass lura.

Ftit wara, Tracy u t-tfajla barranija ġew ħdejn Fredu u sidt il-ħanut bdiet taqsam il-kejk fi slices u tpoġġihom wieħed wieħed fil-plattini. Dik l-anġlu mill-Ukraina bdiet tieħu l-plattini u tqegħedhom fuq gabarrè kbir u meta mtela, bdiet tqassam il-plattini bil-kejk tal-anniversarju fuq l-imwejjed biex kulħadd jiċċelebra ma' Fredu bla ma kien jaf x'kienet l-okkażjoni. Ħadd ma staqsa xejn, imma jien kont deċiż li nsir naf. Xi raġuni kien hemm. Minn kliem Tracy fhimt li din ma kinitx okkażjoni ta' darba, iżda kienet ilha sejra għal numru ta' snin. U aktar ma din iċ-ċerimonja kienet stramba, aktar bdiet tinteressani. Kont deċiż li ma nitlaqx minn hemm ġew qabel ma nipprova nsir naf l-istorja kollha.

Meta kont lestejt mill-ikel u l-kikkra tal-kafè kienet vojta, qomt minn mal-mejda, ersaqt lejn Fredu u għedtlu:

"Din ta' bla ħsieb dalgħodu, ħabib. Grazzi. Jimporta noqgħod ħdejk?"

Fredu tbissem u għamilli sinjal b'rasu li ma kellu l-ebda oġġezzjoni li jien immur inżommlu kumpanija. Qbadt is-siġġu u poġġejt ħdejh.

Fuq wiċċu kien għad hemm dik it-tbissima.

"Jimporta nistaqsik xi ħaġa?" għedtlu.

Fredu ħares lejja u weġibni:

"Nista' nimmaġina x'tixtieq tkun taf, ħabib. X'anniversarju qiegħed niċċelebra, mhux hekk?" qalli bid-daħka.

"Hekk hu. Imma jekk qed nindaħal fejn ma jesagħnix, għidli. Imma għax, tgħid, qanqalt fija kurżità kbira."

“M’intix waħdek u lanqas ma hi l-ewwel darba li xi ħadd għamilli din il-mistoqsija,” qalli.

“Ma niskantax,” qbilt miegħu. “Imma jekk...”

“Ngħidlek, mela le,” kien pront qatagħli kliemi Fredu.

“Inġiblek kafè ieħor?” offrieli. Ma kellix dubju li kien lest li jagħtini l-informazzjoni li xtaqt.

“Grazzi,” weġibtu. “Nieħu cappuccino ieħor. Imma ġib xi ħaġa għalik ukoll. U dawn għalija.”

Fredu għamel sinjal lit-tfajla u din resqet lejna.

“Tnejn cappuccino,” qalilha.

Imbagħad irranġa l-ġlekk u beda r-rakkont tiegħu.

“Meta kelli xi erbatax-il sena, kont iltqajt ma’ tfajla li mill-ewwel issaħħart warajha. Konna għadna l-iskola u kont nagħmel minn kollox biex niltaqa’ magħha. Kont ngħaddi ħafna drabi mit-triq fejn kienet toqgħod u kuljum kont immur wara l-bieb tal-iskola nistennieha ħierġa. Ma konniex immorru fl-istess skola, iżda l-iskejjel kienu qrib sew. Mhux dejjem kien jirnexxili naraha u wisq anqas inkellimha, imma din l-avventura ta’ kuljum kienet tagħtini gost kbir. Għax kif jgħidu, kultant il-bniedem jieħu gost bi ħwejjeġ sempliċi u kultant banali.

Kbirna u bdejna naħdmu. Bqajt insus warajha u fl-aħħar ġietni x-xoqqa f’moxtha. Inzertajna mistednin f’tieġ ta’ ħabib tiegħi u hemm ħtaft l-okkażjoni u qattajt ħin twil magħha. Qabel ma nfridna, tlabtha biex nerġgħu niltaqgħu u ma qaltlix le.

Bqajna noħorġu flimkien u m’hemmx għalfejn ngħidlek li kont fis-seba’ sema. Wara sena noħorġu flimkien, tlabtha biex niżżewġu. Kelli ġenn li ma tmurx titlaqni jew taqbad ma’ ħaddieħor. Ridt inserraħ rasi li tkun tiegħi.”

Hawnhekk Fredu waqaf għax it-tfajla barranija waslet bil-cappuccino u ż-żewġ pasti li ma konniex ordnajna iżda li Tracy qabdet u poġġiet fuq plattina bħala omaġġ. Forsi għax din kienet okkażjoni speċjali għal Fredu.

“U x’qaltlek? Aċċettat?” staqsejt lil Fredu.

“Le. Bdiet tidħak u qaltli li kien għadu kmieni wisq. Riedet aktar żmien. Jien kont sirt inħobbha daqs dawl għajnejja u naħseb li hi kienet saret tħobbni wkoll. U bqajna flimkien sakemm għaddew xi sentejn oħra. Staqsejtha xi drabi oħra jekk kinitx lesta li tintrabat miegħi għal dejjem, iżda hi kull darba kienet tgħidli li għadha mhix lesta. U jien kont nirrassenja ruħi u nistenna. Ma kienx hemm ħaġa oħra x’nagħmel.”

Kliem Fredu fakkarni meta kont żagħżugħ. Kien hemm tfajla fost il-ħbieb li kelli, li kelli grazzja magħha iżda din ma riditx taf bija. U minn dakinhar qatt iktar ma tħajjart li nsib is-sieħba tiegħi. Kont nistaqsi lili nnifsi:

"Imma jien veru li kont kuntent kif kont? Waħdi, bla ma jindaħalli ħadd."

Illum nifhem li ma kontx. Imma kont nipperswadi ruħi li kont biex ma nammettix li kont beżżiegħ u qtajt qalbi mal-ewwel intopp li sibt quddiemi. Imma issa li kien kien. Il-ġrajja ta' Fredu kienet aktar interessanti.

"Imma kontu żżewwiġtu fl-aħħar mill-aħħar?" staqsejtu.

Fredu reġa' tbissem.

"Darba minnhom staqsejtha u qaltli iva. Bilkemm ridt nemmen lili nnifsi u rġajt staqsejtha. Bdiet tidħak u qaltli:

"Xi tridni nagħmel? Niktibhielek?"

Minn hemm bdejna nippreparaw bis-serjetà. Il-ġenituri tagħha kellhom dar Buġibba li kważi dejjem battala. Offrew li mmorru fiha sakemm inkunu nistgħu nixtru xi biċċa art u nibnu dar għalina jew nixtru waħda. Din l-idea għoġbitni. B'hekk stajna ngħaġġlu iktar id-data taż-żwieġ. Krejna s-sala, irranġajna għar-riċeviment, għall-knisja u kollox deher li kien ġej kif xtaqt jien.

Xi xahar qabel iż-żwieġ, kellna l-inviti lesti u ftehemna li filgħaxija mmur għand Samantha..."

"Samantha? It-tfajla?" staqsejtu.

"Iva. Għandek raġun. Jien lanqas biss għedtlek x'kien jisimha. Mort għandha biex niktbu l-indirizzi flimkien. Dakinhar rajtha xi ftit imdejqa, inkwetata, imħassba... insomma ma kinitx bħas-soltu. Kif kont se nibda nikteb l-ewwel indirizz mil-lista, waqqfitni u qaltli:

"Fred... tikteb xejn."

Dak il-ħin inħsadt. Ħarist lejha u staqsejtha:

"X'ġara? Għaliex ma tridnix niktibhom? Jaqaw ma tiflaħx? Ma nafx kif qed narak. Fil-każ mur strieħ u noqgħod nagħmilhom jien."

Qaltli li xtaqet tgħidli xi ħaġa. U hawn faqqgħet il-bomba. Kif jgħidu, kienet qisha sajjetta fil-bnazzi. B'leħen miksur u tlaqlaq qaltli li ma kienx se jkun hemm żwieġ. Li kien reġa' bdielha. Li jkun aħjar li nħassru kollox għall-ġid tagħna t-tnejn.

Bqajt ċass inħares lejha. Ma kontx naf x'ħa naqbad ngħid. Imbagħad qamet u telqet 'il barra mill-kamra tibki, u jien bqajt hemm bilqiegħda mal-mejda b'dawk l-inviti kollha quddiemi. Ftit wara daħlet ommha u qaltli li Samantha kienet ilha tiddubita minn dan il-pass li kellha tieħu. Qaltli wkoll li kien qed jiddispjaċihom ħafna, imma aħjar issa milli wara.

Serrħitli rasi li kienu se jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż kollha u talbitni biex naħfrilha.

Qomt u tlaqt 'il barra bejn irrabjat u bejn imbellah. Mat-triq bdejt nistaqsi lili nnifsi jekk din kinitx ħolma. U hekk intemm kollox. Minn dakinhar lil Samantha ma rajthiex iktar. Għamlet żmien ma toħroġx mid-dar u xi żmien wara sirt naf li kienet siefret u marret tgħix barra minn Malta.

Wara dik il-lejla kerha bqajt dejjem bit-tama li xi darba jerġa' jibdielha u ċċempilli, iżda dan ma ġara qatt. Illum Samantha tgħix il-Kanada, miżżewġa u għandha tlitt itfal. U jien għadni hawn ngħix fil-ħolm li qatt ma seħħ.

Waqt li kien qiegħed jirrakkonta din l-istorja kollha, Fredu baqa' b'dik it-tbissima fuq wiċċu. Ma stajtx ma nistaqsihx jekk dak l-anniversarju li kien qiegħed jiċċelebra kienx marbut ma' dik l-istorja li kien għadu kif irrakkontali. U hu, b'dik l-istess tbissima, weġibni:

"Dan żgur! Bħal-lum tmienja u għoxrin sena kellna niżżewġu. Iż-żwieġ ma sarx, imma għalija baqgħet ġurnata li tfisser ħafna. Xewqa, ħolma, sejħilha li trid. U għalhekk inkun waħdi. Għall-ewwel snin kont niċċelebraha waħdi d-dar. Imma mbagħad ġietni din l-idea li naqsam il-kejk ma' min ikun hawn fil-ħanut ta' Tracy. Kellimtha u mill-ewwel qablet miegħi għalkemm naħseb li ħasbet li moħħi kien beda b'xi mod jiżbilanċja. Imma dejjem ħadet ħsieb il-kejk."

"Tidher li ma' Tracy tmur tajjeb," għedtlu.

Fredu tbissem. Tani l-impressjoni li wkoll, jekk ikun imdejjaq jew imnikket, dan il-bniedem stramb kien jitbissem biex jaħbi dak li jkun qed iħoss.

"Ħafna. Tirrispettani ħafna."

F'daqqa waħda qam u lesta biex jitlaq. Mar fejn il-bank biex isellem lil Tracy u beda ħiereġ. Ħriġt warajh. Waqafna t-tnejn fuq il-bankina.

"Din l-esperjenza ma ninsieha qatt!" għedtlu.

"Jekk trid, sena oħra ejja u tieħu biċċa kejk oħra," qalli.

"Bil-qalb kollha," weġibtu.

Kont fiħsiebi li nerġa' mmur u neħodlu rigal ċkejken. Imma kien għad fadal sena. Ħadt nota tad-data li ma mmurx ninsa.

Qabel ma telaq qalli:

"Bilħaqq, għax ma għedtlekx. Tracy tiġi oħt Samantha. Il-familja tagħha baqgħu jħobbuni ħafna. Imma d-destin ried mod ieħor."

U bla kliem u bla sliem qasam it-triq u telaq għal riħu.

Is-sena ta' wara mort fil-ħanut ta' Tracy biex inżomm l-appuntament tiegħi ma' Fredu. Hemm erġajt rajt il-mejda b'siġġu wieħed riservata u fl-istess ħin jasal Fredu b'dik it-tbissima fuq fommu. Kif kont wegħedt lili nnifsi, ħadtlu

rigal ċkejken u dam jirringrazzjani ħafna. Tkellimna xi ftit, imma ma tantx dam għax kellu jmur xi mkien ieħor.

Għaddiet sena oħra u rġajt mort fil-ħanut ta' Tracy. Ftakart li din is-sena Fredu kellu jiċċelebra t-tletin anniversarju taż-żwieġ li qatt ma seħħ. Kif dħalt fil-ħanut, ħarist lejn il-mejda li s-soltu tkun riservata għal Fredu f'jum l-anniversarju stramb tiegħu. Din id-darba ma kienx hemm siġġu wieħed, imma tnejn. Fuq il-mejda kien hemm dvalja sabiħa u bukkett fjuri fin-nofs. It-tabella bil-kelma *reserved* kienet hemm ukoll. Il-mejda fejn kont qgħadt l-ewwel darba li ltqajt ma' Fredu kienet meħuda minn waħda anzjana u allura kelli nsib xi mkien ieħor fejn noqgħod. Sibt mejda vojta fuq in-naħa ta' ġewwa tal-ħanut u minn fejn kont stajt nara sewwa l-mejda riservata għal Fredu. Għall-ħabta tal-ħdax, bħas-soltu, Fredu tfaċċa fid-daħla tal-ħanut. Fuq wiċċu kellu dik it-tbissima tipika tiegħu. Imma dakinhar ma kienx waħdu.

# In-Nies tal-iPad u r-Rutella

Victor Fenech

F'dak il-kwiet ta' filgħaxija kien iħossu paċi m'Alla, man-natura, u mal-bhejjem, mal-għasafar, ma' kulħadd. Mal-ħlejjaq kollha tal-Mulej. U fuq kollox kien iħossu sħiħ ġo fih, magħqud miegħu nnifsu. U seta' joħlom seta' jaħseb u jiftakar b'ebda xkiel.

Imma darba nħasad waħda sew ...

Kien ġa rahom xi drabi oħra, tlitt irġiel lebsin pulit qed ipassu tul l-għelieqi ta' biswitu u l-ħin kollu jiddiskutu, imbagħad jitilqu bil-vetturi kbar u sbieħ bl-istess kwiet illi ġew bih. U stkerrahhom bla ra wiċċhom, bla ma kellu ebda ħjiel x'kien qed iseħħ.

Ftit jiem wara reġgħu ġew ma' xi ħadd ieħor, bdew ikejlu bir-rutella jteftfu fl-iPad xi figuri. Baqa' m'għarafhomx u kien ċert li ma jafhomx. Imma l-preżenza tagħhom beda jħossha ombra kerha.

Kien wiret din il-għorfa f'nofs sitt sigħan għelieqi m'għand missieru vija ċorma bużnanniet. U kienlu kbir id-diżappunt meta f'daqqa ż-żewġ uliedu – la issa saru 'tal-iskola' – iddeċidew favur għajxien aktar 'nadif' u ħafn'inqas fatikuż. Kien ġara wkoll li, mhux wisq wara dan, il-bidwi safa' waħdu għaliex martu marret torqod u mir-raqda ma qamitx. Ħiemda bewġet ħabta u sabta lejn lok aktar permanenti, lok li kienet temmen fih bl-ispirtu kollu ta' ġo fiha.

Kos, sibt ruħi nirrifletti, isħaħ minni dawn il-bdiewa, għax jien dal-'post aħħari' dejjem qistu bil-burdati, daqqa nemmen daqqa le. Post ambigwu/misterjuż, post reali/fantasjuż, frott il-moħħ l-ewwel biblisti illi bħali xejn ma

fehmu ż-żewġt itruf eżistenzjali – il-ġenesi u l-apokalissi – u spiċċaw tawhom it-tifsira li nagħrfuhom biha llum.

Imma dal-bidwi ta' bla skola kien bħal dinu, u bla qatt inkwieta dwaru dal-misteru rabtu għoqda fi twemminu. U għex bosta snin waħdu qalb l-għelieqi fejn fl-iljieli twal stellari kien sikwit iħoss 'il-qawwa' tiggwidah mill-ibgħad baħħ universali.

Imma, miskin, dan-nies li ġew bin-notebook u r-rutella bdew iħassrulu jiemu. U mal-ewwel gafef għaraf li bdiet riesqa lejn tmiemha dil-ġenna ċkejkna tiegħu ... li daqt xi ħmar il-lejl ta' Babel se jkun ikkakkma miegħu!

# Concerto

Jane Micallef

Kien wasal il-waqt li tant kont ili nħoss li kellu jasal. Rajtu hemm, wieqaf fir-rokna mbiegħda u mudlama tas-sala.

Kien waqt wieħed misruq minn subkonxju misterjuż li ma stajtx nifhem. Kont bħal għaddas li jżomm in-nifs biex jisraq dehra ta' għeġubijiet mifruxa fuq sodda fonda u misterjuża. Mijiet ta' metri 'l bogħod, iżda b'qerq ġenjali tan-natura tant fil-qrib. U hemm, fil-ħemda tal-qiegħ, reġgħu dwew f'widnejja l-istess noti ossessivi li baqgħu jiġru warajja sena wara sena bla tifsira.

Dan il-waqt kont għextu qabel. Saħansitra s-sala b'riħitha ta' njam antik u tapizzeriji mitfija fgata bil-għabra ma kinetx ġdida għalija. It-tieqa kienet mitbuqa wara l-bellus misjur li min jaf kemm ilu ma jara dawl. Iżda xorta waħda kont naf sew x'kien hemm barra dawk il-persjani maqfula. Kieku ridt stajt ngħoddhom waħda waħda s-siġar taċ-ċipress f'ringiela funebri wara l-balavostri mmermra tal-passaġġ twil u kiebi. Stajt nara wkoll il-vaska niexfa bin-ninfa mmankata wieqfa f'nofsha bħal monument ta' reżistenza tisfida l-elementi.

Iżda t-tieqa baqgħet magħluqa. Kien impuls ta' waqt li ħarrabni lejn dak l-imkien mistur f'dak in-nofsinhar ħiemed meta qillet ix-xemx ħakmet lil kollox u lil kulħadd f'loppju tqil ta' ngħas. Lil kulħadd barra lili.

Kienet safra li kont ili mwebbla biha minn mindu kont tfal.

Wieħed xwejjaħ b'għajnejn żoroq twajbin kien waqaf iserraħ fuq il-bastun tiegħu ħdejn il-bieb ta' darna. Konna jien u oħti, flimkien, bilqiegħda fuq l-għatba f'lejla fgata ta' sajf Malti. Tbissmilna u beda jkellimna kif jafu jitkellmu

n-nanniet maċ-ċkejknin ta' wliedhom. Fil-but kellu l-ħelu u beda jqassmilna minnu; pastilji żgħar tal-maskta li jinħallu bil-mod taħt l-ilsien u jħallu togħma mħawra u bnina titnikker f'ħalqek għal bosta ħin wara li l-ħlewwa nnifisha tkun inħliet u dabet.

"'Il bogħod 'il bogħod", kien qiegħed jgħidilna, waqt li għolla driegħu 'l fuq, "hemm araw, fejn sejjer dak l-għasfur, hemm art kbira ma tispiċċa qatt, fejn il-bnedmin m'għadhomx iżjed bħalma kienu darba... U f'nofs dik l-art kbira, fejn timxi u timxi u tħossok li qatt m'inti sa tasal fejn trid, hemm dar kbira u sabiħa, maqtugħa għalija, imwarrba qalb il-ħdura... u", hawn tniehed, "bħal din id-dar ma ssib imkien!"

Wiċċu f'dak il-waqt libes bixra stramba ta' swied il-qalb kbir, li dak iż-żmien ma kontx għadni naf naqra. Sebgħu l-werrej kien għadu merfugħ, miksur lejn il-beraħ tas-sema. U żewġt itfal kurjużi ħarsu 'l fuq it-tnejn flimkien, 'il fuq fil-għoli lejn fejn għasfur waħdieni kien qiegħed jofroq l-ikħal karg ta' fuq rashom jaqdef lejn il-baħħ.

Leħen ix-xwejjaħ kważi ħasadna.

"Fil-ġnien ta' din id-dar," kompla, "hemm passaġġ twil u dejjaq mgħasses minn siġar għolja u mħaddrin fejn sejjer ifittex il-bejta dak l-għasfur qalbieni ... U f'tarf il-ġnien hemm vaska sabiħa ttajjar l-ilma. Kull min jasal sa ħdejha, jaħsel wiċċu u jistrieħ, u jinsa l-għeja kollha."

Ix-xiħ tniehed waħda twila waqt li ħareġ aktar ħelu mill-but biex jagħtihulna.

"Kulu, kulu, ħa tikbru u tmorru intom ukoll tfittxu din id-dar sabiħa!"

Għadni nħossha sal-lum it-taptipa t'idu fuq spallti qabel reġa' tbissmilna, u tbiegħed bil-qajla l-qajla lejn tarf it-triq.

Is-snin gerbu. U jien u oħti sifirna 'l bogħod, infittxu l-mhux magħruf fejn darba rajna sejjer l-għasfur ta' tfulitna. Irfisna l-art kbira tal-ħrejjef fejn donnok qatt ma tasal fejn tkun triq tasal, fejn il-bnedmin tbiddlu f'awtomi mgħaġġla, jiġru mġenna wara l-minutieri tal-ħin. Wasalna fil-pajjiż maħnuq b'eluf ta' wċuħ bl-espressjoni llamtata, bħal stampi ħierġa minn pressa waħda ta' kundizzjonament.

Il-belt kienet mitlufa fin-nagħsa mħeddla li takkumpanja l-ewwel sigħat tqal ta' wara nofs il-jum. Aktar minn hekk, is-sħana ta' dawk l-aħħar jiem kienet ta' barra minn żmienha. In-nies kienu jidhru maħkuma minn nuqqas kbir ta' sabar u jfittxu kemm jista' jkun il-kenn ta' bejn il-ħitan magħluqa. B'hekk it-toroq f'dawn is-sigħat kienu jitbattlu min-nies u jittrasformaw ruħhom fi sriep sewdiena jarmu nifsijiet ta' fwar li bħal lega ta' ċpar kienu jitkaxkru tul it-toroq mibruma u fis-sqaqien.

Jien ma stajtx norqod iżjed. Il-rożor ħassejthom jeħlu ma' ġismi. Nuqqas kbir ta' sabar qabbiżni barra minn soddti.

Sejjaħt lil oħti bil-mod għal darba tnejn, iżda din kienet mitlufa fl-isbaħ raqda. Ersaqt lejn it-tieqa u komplejt niftaħha beraħ biex forsi titħarrek daqsxejn ta' arja. Iżda l-kalma u t-toqol tal-atmosfera kienu tal-mewt. Imbagħad ħarsti ħassejtha tieqaf u tibbies.

'Il bogħod mid-djar imgeddsa ta' taħti, bħal f'nofs mera mdaħħna ta' ilma u ċpar, ir-raġġi tax-xemx kienu qed joħolqu pajsaġġ surreali. Lil hinn mill-belt, qalb il-ħdura mdennsa stajt nilmaħ il-ħitan għoljin u t-turretta ta' dar kbira u mwarrba. U bqajt maħkuma f'morsa ta' sensazzjonijiet sopranaturali li jafu jiġbru eternità fi ftit waqtiet.

Viżjoni likwida. Id-dar il-kbira tgħum f'qiegħ tal-baħar bla tmiem ta' taħti. Xbieha tmewweġ, issa ċara u soda wieqfa f'nofs ċirku ta' dawl, issa tinbaram u sserrep mal-ilmijiet. Id-dar tax-xwejjaħ kollha kemm hi! Swaba' moħbija reġgħu qarsu n-noti misterjużi li għal darb'oħra reġgħu bdew jidwu ġewwa moħħi. Is-swaba' ta' jdejja bdew jaqbżu fuq ħoġor it-tieqa bl-istess vibrazzjoni li kienet ħakmitni tant drabi qabel fis-saltna tal-ħolm.

.... It-toroq f'dak il-pajjiż tabilħaqq donnhom bla tmiem. U timxi u timxi u donnok għadek fil-bidu tal-mixja tiegħek. Taħt il-ħarsa mberrqa tax-xemx, il-pajsaġġ isir baħar wieħed ilellex u safrani. U tagħsar għajnejk u tgħajbek elf xemx oħra li tinħalaq madwarek. Tidħak bik il-ħemda u int tifhem kemm tassew int differenti min-nies l-oħra fil-kenn tal-ħitan għolja tal-belt.

. . . . . . . .

Il-bieb sibtu miftuħ qisu qed jistennieni. Iċ-ċappetti msadda kienu ċedew u l-bieb imbexxaq kien strieħ fuq l-art bit-toqol mastizz tiegħu. Bqajt dieħla mingħajr ebda biża' jew suspett fuqi. Għalkemm għajnejja ma kinux għadhom qed jaraw xejn ħlief dlam, ġbidt dritt lejn il-lemin u bdejt tielgħa t-taraġ. Kont f'dar li kont naf sewwa. Ir-rifsa ta' kull tarġa mikula ħassejtha parti minni u dirgħajja ħarġu istintivament biex iħaddnu l-irħam kiesaħ tal-kolonna ta' fuq, bħalma wieħed jerġa' jħaddan mill-ġdid xi ħaġa għażiża misjuba wara ħafna żmien. Imbagħad ġrejt lejn is-sala li naf li kont ġejt infittex. U ma waqaftx qabel ma rfist ġewwa.

Diġà f'widnejja kienet bdiet għaddejja t-tema misterjuża li tant drabi qabel kienet żaritni bnadi oħra. Iżda issa, in-noti smajthom iktar ċari, aktar ħielsa, inqas imjassra u mrażżna. Ersaqt aktar fil-qrib sakemm ġejt wiċċ imb wiċċ

mal-pjanu kbir u iswed wieqaf bħala bhima goffa rieqda f'tarf is-sala. Ħassejt qalbi trid tfur u tinfexx f'għajta ta' rebħa. Żammejt pass wieħed lura. B'qima kważi sagra ħarist għal ftit waqtiet lejn il-velu trab bħal star minsuġ mix-xhur u s-snin li bħal żiffa siekta għaddew u strieħu fuqu. Imbagħad, deċiża, poġġejt bilqiegħda u l-ewwel nota kisret is-siġill tas-sikta.

Minnufih subgħajja ħarbu minn nota għal oħra fil-melodija li tant kien ilha maqfula ġewwa fija. U dak il-ħin faret bħal nixxiegħa ħielsa mingħajr ilġiem u fissret il-ħsus kollha li kien hemm imħabbla f'qalbi. Sakemm il-melodija ntemmet. U jien ħassejtni meħlusa, mistrieħa.

Għalaqt il-pjanu u mxejt bil-mod il-mod 'il barra. Il-persjani bqajt ma ftaħthomx. Lanqas il-purtieri. Ħassejt li ma kelli dritt immiss xejn iżjed. Inżilt it-taraġ u ħriġt mill-istess bieb li kont dħalt minnu. Mingħajr ma ħarist lura, qbadt it-triq twila li wasslitni lura fil-belt.

Ix-xemx warajja, issa kienet iktar ħanina u l-ħajja fil-belt kienet reġgħet bdiet tistejqer. Lil oħti sibtha għadha sa tibda tistenbaħ mir-raqda tagħha u lanqas kienet intebħet bin-nuqqas tiegħi. It-tieqa kienet għadha miftuħa kif ħallejtha jien. Imxejt lejha. Ix-xemx kienet bdiet nieżla. Għajnejja ġrew 'il bogħod ifittxu l-ħitan għolja tad-dar il-kbira. Imma għalxejn. Barra l-belt infirxet kampanja ċatta bid-dwieli jħaddru. L-ebda sinjal ta' bini ħlief xi girna żgħira 'l hinn u 'l hawn.

. . . . . . .

L-iljieli mużikali għad-dawl ta' qamar huma tradizzjoni għax-xhur sajfin f'dak il-pajjiż imbiegħed. F'jiem bħal dawn, il-pjazza antika t'arkitettura Gotika mdawla kulur l-ambra minn wara xtieli mwerrqa, terġa' tiġri lura fis-snin biex tieħu bixra ta' paġna minn leġġenda mitfija. F'nofsillejl, ma' leħen il-qanpiena tal-kampnar veteran, il-ħsejjes kollha jinqatgħu, u min mhux miġbur rieqed f'daru, jitwaħħad fl-ispirtu ta' dan l-ispettaklu artistiku.

Il-pjanu kbir u iswed imqiegħed f'nofs il-misraħ inxtorob u deher bħal kaxxa ta' bużullottist tistenna id l-imgħallem biex tikxef is-sigrieti moħbija ġewwa fiha. Kienu għoddhom it-tlieta ta' filgħodu u l-kunċert kien qed joqrob lejn it-tmiem tiegħu. Xi mkien 'il fuq, fil-ħemda assoluta, forsi f'bejta mibnija fit-tinqix tal-ġebel warajna, għasfur pespes l-ewwel tpespisa bikrija ta' jum ġdid riesaq bis-serqa lejn xefaq għadu moħbi.

Ċirku dawl qawwi nxtegħel madwar il-pjanu, waqt li b'pass meqjus u kemxejn imkaxkar deher miexi lejh żagħżugħ twil u rqiq b'xagħar safrani.

Għajnejh kienu baxxuti f'wiċċ ta' bjuda kważi trasparenti. Qabel poġġa bilqiegħda, waqaf għal waqt u għolla ħarstu 'l fuq b'tislima lin-nies tistenna fuq it-turġien madwaru.

F'dak il-waqt, bilqiegħda maġenb oħti fil-filliera ta' fuq nett f'dak l-anfiteatru ħiemed, ħassejt dehxa tiġri ma' ġismi kollu. Par għajnejn żoroq miksura fi tbissima malinkonika kienu qegħdin jaqsmu d-distanza ta' bejnietna f'raġġi djagonali u jinfdu dritt minn għajnejja għal qalbi. Ma kienx hemm dubju! Griżmejja nixfu f'daqqa. B'ġest impulsiv idejja bdew iteftfu fil-but tal-ġakketta jfittxu l-pastilji żgħar tal-ħelu li kelli drawwa nġorr miegħi kull fejn immur.

Għalaqt għajnejja. Erġajt sibt ruħi waħdi. Quddiemi ċrieki maħlula bdew jiżfnu fl-arja, jersqu eqreb ta' xulxin u jingħaqdu f'katina twila. F'dik il-ħemda tal-qabar erġajt ħassejt l-għasfur bla sabar jitħarrek u jħarbex fil-bejta, fil-qrib, ħafna fil-qrib. Waqt wieħed, meta l-fus tad-dinja donnu weħel u waqaf. Waqt li ħadd ħliefi ma ntebaħ bih. Nifs wieħed twil minn eżistenza. Nifs wieħed u kollox reġa' daħal fir-ritmu tiegħu meta leħen il-preżentatur kiser is-skiet u nstema' jidwi fil-pjazza.

"In Memoriam" – kompożizzjoni għall-pjanu ta' kompożitur anonimu. Il-manuskritt, misjub qalb it-tiġrif ta' dar imwaqqgħa waqt l-aħħar gwerra, ġie mħolli f'testment lill-awtoritajiet minn xwejjaħ li kien ġabru mill-post wara d-diżgrazzja. Fil-kitba li ħalla warajh wera x-xewqa li dan ix-xogħol jiġi esegwit l-ewwel darba hawnhekk f'dan it-teatru miftuħ, propju llum, f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena minn mewtu."

U fil-misraħ dwiet deċiża l-ewwel nota.

# L-Art ta' Xuxa

Alex Mizzi

Missieri, Alla jaħfirlu, dejjem stinka għalina, imma kultant ngħid m'għarafx id-dinja. Għax kieku għarafha, kieku forsi llum qegħdin mod ieħor. Moħħu, għan-negozju, kien itih. U allaħares ma kienx hekk. Kieku kif kien se jrabbi tlett itfal b'paga ta' skrivan tal-Gvern u jara li qatt ma jonqosna xejn? Għalkemm forsi meta kellna l-iktar bżonn, l-affarijiet ma kinux baqgħu bħal qabel.

Kien beda fis-sittinijiet. Għamel ħbieb ma' bennej li kien wiret xebgħa għelieqi li dak iż-żmien kienu jiswew ftit xelini l-qasba u beda n-negozju miegħu. Missieri l-moħħ, u Grezzju l-idejn. U minn dar dawru oħra u minn oħra tnejn. Sakemm spiċċaw li anki xi blokka flettijiet bdew jibnu flimkien u jbigħuha lill-barranin, l-iktar Ingliżi. 'Ġieli anki fuq il-pjanta kont inbigħ u mingħajr qatt m'għamilt sold dejn mal-bank,' kien jiftaħar missieri. Imbagħad, meta t-tfal ta' Grezzju kienu laħqulu u setgħu jaqdfu għal rashom fin-negozju, missieri u Grezzju ftehmu li jaqsmu, avolja kienu baqgħu ħbieb sal-mewt. Imbagħad niftakar missieri beda jixtri l-irziezet. Jixtrihom bi ftit mijiet u jbigħhom lill-Ingliżi bl-eluf. Dak li għalina dak iż-żmien ma kellux valur, għal ħaddieħor kien jiswa d-deheb, u kellhom jgħaddu ħafna snin biex aħna bdejna napprezzaw dak li kien tagħna u li ħaddieħor kien beda jogħxa fuqu ferm qabilna.

U missieri tant kien sejjer tajjeb li l-kelma ġriet u l-bdiewa u r-raħħala nfushom kienu jmorru jfittxuh biex joffrulu xi razzett jew għalqa li kienu jkunu jridu jneħħu. Min għax għeja, min għax it-tfal ma ridux jafu, min għax

kien se jżewweġ xi tifla u kellu bżonn il-flus, u sejrin. U missieri qatt ma qal le lil ħadd. U jien daqsxejn ta' tifel niġri miegħu għand in-nutara biex jiffirma l-konvenji u l-kuntratti, għax dejjem lili kien jieħu, biex forsi jserraħ ftit 'il ommi minn tlieta jiġru ma' saqajha. Saħansitra tant kien beda jsir kunfidenti li ġieli anki xtara mingħajr ma mar fuq il-post għax inzerta jaf lill-bejjiegħ. Imma naħseb li l-iktar l-iktar li kien jissogra jagħmel hekk kien għax kien ikun moħħu mistrieħ li jixtri x'jixtri kien se jirnexxilu jirranġah ftit, jew jibni fuqu u jerġa' jbigħu ftit wara bi qligħ tajjeb mingħajr wisq tbatija.

Imbagħad darba xtara biċċa art kbira, xagħri. Naħseb kien fiha mal-għoxrin tomna jekk mhux iżjed. Kont iġġib Għar Lapsi u Filfla taħtek. L-Art ta' Xuxa konna nsibuha. Kien xtraha bi ftit flus u tgħidx kemm kien ferħan meta akkwistaha. 'Jekk jirnexxili l'għandi f'rasi, miljunarji nagħmilkom,' kien spiss jgħidilna. U ommi tberraq minn taħt għax dejjem kienet tibża' li fl-aħħar missieri kien se jieħu xi falza stikka u nitilfu kulma kellna jekk ma nispiċċawx fid-dejn ukoll!

Darba minnhom narawh dieħel fil-kċina b'xi pjanti tal-bini rrumblati. Għajjat 'il ommi ħdejna u fetaħ ir-romblu fuq il-mejda. Fuq l-Art ta' Xuxa kien applika għall-permess biex jibni lukanda! Niftakar ommi kienet se tmut.

'U le, jien mhux se nibniha, għalissa tinkwetax. L-aqwa li jkollna l-permess. Imbagħad, meta jkun il-waqt nibnuha, tibżax. M'għandniex għaġla.'

Għax fil-verità l-affarijiet dak iż-żmien ma kinux sejrin tajjeb bħal qabel. Fis-sebgħinijiet ħafna mill-Ingliżi li kienu ġew jirtiraw Malta kienu beżgħu minn Mintoff u ddeċidew li jbigħu kollox u jitilqu lura lejn pajjiżhom. U dawk li riedu jitilqu malajr bdew ibigħu bix-xejn. U dan kien affettwa ħażin lis-suq tal-bini u naturalment lil missieri li, biex ibigħ xi ħaġa milli kellu, issa kienu jridu jgħaddu x-xhur u jkollu jċarrat fil-prezz. Imma biż-żmien u bil-mod il-mod l-affarijiet bdew jirpiljaw u missieri reġa' beda joħlom bil-lukanda. Għalkemm did-darba, ried jew ma riedx, kien se jkollu jdaħħal il-bank. Imma ma ħabbilx rasu għax kien konvint li l-proġett li kien faqqas f'rasu kien se jkun suċċess. Il-kalkoli tiegħu kien għamilhom u kien għamilhom sew. Imma meta ġie biex jifformalizza l-affarijiet, sab li l-permess tal-bini tal-lukanda kien skada u kellu bżonn japplika lill-awtoritajiet biex jerġgħu jġedduhulu. 'Formalità,' kien qallu l-perit. Imma fil-fatt ma kienet formalità xejn.

In-nies kienu nbidlu u l-policies qalu li kienu nbidlu wkoll u t-tiġdid tal-permess ġie rrifjutat. Skont missieri, xi ħadd li kien qrib iċ-ċrieki tal-poter kien mar sabu u sefsiflu f'widnejh x'kellu jagħmel biex il-permess joħroġ. Imma hu ma riedx ipaxxihom. U hemm bdiet battalja sħiħa li kellha tieħu

għexieren ta' snin u magħha tieħu saħħet, biex ma ngħidx ħajjet missieri, li kien ipprova kull mezz biex jieħu dak li deherlu li kien tiegħu bi dritt. Meta baqa' tiela' s'għand l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż u baqa' b'xiber imnieħer, fittex il-ġustizzja fil-qrati. Imma hemmhekk, kulma rnexxielu jagħmel kien li jidħol f'labirint mudlam ta' avukati u dokumenti, ġiri u taħbit, argumenti u kontroargumenti, provi u evidenzi, seduti differiti u spejjeż bla tarf. Sadattant isem missieri kien ġie ttimbrat, u kull permess tal-bini li kien japplika għalih kien jiġi rrifjutat. Tant li fl-aħħar kien qata' qalbu u żarma min-negozju li tant kien iħobb. Lil missieri kienu ħadulu r-ruħ u ħallewlu l-qafas mixrub ta' dak li xi darba kien sħiħ.

Imbagħad biex tara l-ironija tal-ħajja, ftit qabel ma miet, inqatgħet xi kawża u rebaħ ħamest elef ewro għal xi danni li kien sofra. Ma nafx kif kienet eżatt. Jalla jalla jekk hux minħabba t-tul esaġerat li kienet damet għaddejja l-kawża. Ma nafx. Imma l-permess kien baqa' mingħajru anki jekk illum il-bini kien baqa' nieżel mill-qalba ta' dak li darba kien raħal ċkejken sa, tista' tgħid, ftit metri 'l bogħod mill-art tagħna. Imma l-biċċa tagħna baqgħet ma tistax tinbena, minħabba xi teknikalità assurda. U kultant hekk ngħid. Ngħid forsi għamel ħażin missieri li baqa' jwebbes rasu, avolja kellu raġun. Għax hu mar minn taħt. Mur sarraf ir-raġun. Hux skont hu riedu sehemhom? Riedu terz bi sħab kien jgħid? U terz bi sħab kont intihom. Almenu kien jibqagħli żewġ terzi u probabbilment illum konna nkunu veru miljunarji bħalma kien ħolom għalina darba...

Imma mbagħad inħares lejn it-tfal tat-tifla jilagħbu ferħanin f'waħda mill-ftit biċċiet art li baqa' mhux mibnija fl-inħawi – l-Art ta' Xuxa – u narahom ifittxu l-bebbux, jaqtgħu l-qarsu, jilagħbu bir-rota jew jiġru wara xulxin b'tinbix u nkejja tat-tfal, u nibda naħseb. U nibda nġib quddiem għajnejja kemm iltqajna hemm jiena u ħuti b'uliedna meta kienu għadhom żgħar il-Ħadd waranofsinhar u kemm-il barbecue għamilna u kemm-il logħba futbol lgħabna u kemm tmegħikna mal-art u ssuttajna 'l xulxin bit-tub u kemm-il ħalba xita qabditna u aħna niġru għall-kenn lejn il-kamra fejn konna nsajru t-te u naqsmu bejnietna s-sandwiches u l-kejk li nkunu ġibna magħna u ngħid...

X'hemm xi tgħid, ibni, x'hemm xi tgħid...! Qatgħa assassini, dak li huma. Assassini. Intihulhom it-terz! Ara kemm kienet ġejja sabiħa. Fejn huma l-pjanti? Mur ġibhomli ftit mill-kexxun tal-iskrivanija. Hemm ara x'binja kien ħa jkollna...

'Imxi ħa mmorru, ħi, għax sar il-ħin u daqt tiġi l-mummy mix-xogħol.'

'Nannu, għada ħa nerġgħu niġu nilagħbu hawn?'

# Ġmiel jew inqas ġmiel

Therese Pace

Nemmen li l-burraxki tal-ħajja jinħolqu biex jidher il-kuraġġ u biex jispikka l-bnazzi għax il-burraxki jitolbu karattru sod li ma jegħriqx mal-ewwel maltempata li triegħdu mill-għeruq, imma wieħed li jżomm sod sabiex isalva. U meta jsalva, jekk isalva, jagħraf li xi ftit ikun sefa' arrikkit. Minkejja kollox, iħoss li l-agħar ikun għadda u li, bis-salvawomu tal-istint tas-sopravvivenza tiegħu jew bil-melħ ta' moħħu, kien kapaċi jżomm fil-wiċċ. U s-sħab li jiġi biex idallam, jagħti ruħu b'mirbuħ u jbewweġ. Hekk jidher li kien ġralha Selina.

Kienet mara ta' tul medju, għajnejn ileqqu lewn it-tamar ta' Bilma, u fiżjonomija li tħajrek. Jidher li n-natura kienet damet iżżejjen u tberfel fiha mhux ħażin qabel urietha d-dawl tax-xemx għall-ewwel darba. Ma kienet nieqsa minn xejn għajr minn ħaġa waħda: il-hena. Kienet iżżewġet bikri, bilkemm laħqet għalqet id-dsatax-il sena. Minn dejjem kienet tgħid li trid tiżżewweġ żgħira. Min jaf għaliex, forsi biex teħles mill-għassa kontinwa ta' ommha, li, billi Selina kienet tifla unika ta' ġenitur wieħed, ommha kienet tqisha bħalha l-uniku teżor li kellha, li kien jeħtieġ tgħożż u tgħasses bħal seqer għax kienet beżgħana li titlifha? Jew forsi għax fil-frugħa tagħha kienet tqis lil ommha bħala ostaklu, bħala mażżra m'għonqha li ma kenitx tħalliha tiġġerra u tinnamra kemm trid u kemm jogħġobha? U dak li ommha kienet bassret, seħħ.

Kienu qalu li nqala' intopp bejniethom. U telaqha. Ħallieha bħal brankutlu: vojta, mejta fil-ġewwieni żmanifestat tagħha. Tiġbor il-laqx ta' ħajjitha miksura.

U mar jimraħ f'mergħat ġodda, forsi isbaħ, forsi ikreh, forsi simili. U ħallieha ssaffar l-Aida.

Ħaqqha! Kien imissha semgħet minn kliem ommha li qatt ma setgħet iġġerrgħu fl-istonku tagħha. Kienet xebgħet treddnilha li ma kienx jgħodd għaliha għax kien jiffrekwenta postijiet fejn issib il-qixx u l-mixx u għalhekk ma setax ikun li jkun fih ħajt tal-kenn. Li qatt ma seta' jkun kollu kemm hu tagħha. Għax l-esperjenza tal-omm ta' min joqgħod fuqha. B'għamad l-imħabba fuq għajnejha, saddet widnejha, u ma tatx kas kliem ommha. Issa ż-żmien kien taha parir. Imma tard wisq. Bla mistenni kienet sabet ruħha f'salib it-toroq, għalhekk kellha ta' bilfors iddaħħal il-melħ ta' moħħha fil-kredu. Tużah, taħseb bih. Ħasbet li wisq probabbli mhux hi biss kienet fl-istess ilma. Ir-riti tal-passaġġ, kif dejjem jiġri, kienu bosta. Ġraw wieħed wara l-ieħor. L-ewwel kien hemm id-diq, is-sens ta' telfa kbira, irreparabbli. Imbagħad ġie s-sens ta' rabja. Għax kien għamlilha hekk? U kemm kien vili? Is-sens ta' abbandun ma naqasx lanqas. Issa kienet sfat waħedha, bħal naffar f'għalqa maħduma. U fl-aħħar ġie l-kuraġġ, ir-rieda li tqum u terġa' timxi. U bdiet tqis u tiżen, tkejjel u tixtarr, tħallat u tipprova tagħżel. Issa x'tagħmel, iżżomm saqajha mal-art u ma tintrabatx mill-ġdid biex tevita t-tabxiet jew forsi tfittex xi raġel ikreh, raġel ta' kruha ftit sabiħa? Li ma jxiddx klil, ma jispikkax? Mhux l-arketip, b'fiżiku perfett minħabba s-six pack u li jġennek għal warajh? Tagħżel raġel mingħajr l-arja ta' casanova, arani u la tmissnix, bil-bixra ta' eklettiku, ta' ħalliem? Forsi hekk kien ikun aħjar. Għall-inqas kien ikollha piena waħda. Li mhux cool, tal-ġenn. Ma jirrokkjax. Ridt ingħid, ma jirrukkax. Għax is-sens t'akkwist jaf sewwa kif jaħdem fuq moħħ il-bniedem. Kif jikkmandah. Imexxih. Jidderiġih. Xi minn daqqiet kif jitliflu ruħu wkoll. Għax jidħol, f'dil-biċċa, element ta' sigurtà, ta' serħan il-moħħ u ċerta padrunanza. Raġel sabiħ mhu tiegħek qatt. Huwa tad-dinja. Biex tħares lejh. Biex tammirah. Tixtiequ. Biex tara kif tagħmel u takkwistah akkost ta' kollox. Biex permezz tiegħu forsi tispikka int ukoll. Hekk taħseb ir-raġuni. Għax il-bniedem mixgħul, jaf jara. U l-ġmiel konxju ta' ġmielu. Hemm ir-riskju li dan jagħmlu egoist. Intraprendenti żżejjed. Jaf li għandu x'joffri u jrid jagħtih bl-irkant. Jitħallas sewwa tiegħu. Jaf meta u kif juża s-setgħa tiegħu. U x'jagħmel biha. Bħall-assi. Jaf kif jidħol fin fin: jinterċetta l-għajnejn, jagħrax il-qlub, jixgħel l-ambizzjoni u x-xewqat. Kif jittratjieni. U dan għandu mnejn jagħmlu qarrieq, ħażin, espliċitu żżejjed. Jaf li mhux kulħadd jirreżisti t-tentazzjoni, kif jaf eżatt kemm huwa t-tul tat-tentakli tiegħu.

Kienet taf li t-taqbil huwa odjuż, imma neċessarju. Raġel sabiħ jimtela bl-arja, jaf jerfa' rasu jekk mhux idejh ukoll. Min-naħa l-oħra, il-kruha hija umli u

l-umiltà, virtù. U l-virtujiet qed jiskarsaw. Bħal-liri. Min-naħa l-oħra, il-kruha faqar u l-faqar m'għandux għażla. Jgħaddi b'li jsib, b'dak li jaffordja. Il-kruha tagħraf lilha nfisha u l-limitazzjonijiet tagħha. Għalhekk iżżiegħel bik. Sabiex tingħoġob. U Selina mhux dan li kienet trid? Żegħil. Kuntatt. Skop. Sens ta' ċens perpetwu tal-qalb tagħha f'qalb xi ħadd, xi raġel? Fejn kienet semgħetha li l-ġmiel ifotti 'l-ġmiel? Forsi fid-diskursati filosofiċi ta' ommha illitterata imma mimlija għerf il-ħajja? Ma basritx li kien se jiġrilha hekk. Imm'issa temmen. U kif! Il-prova tan-nar hi dik l-għalliema li ssaffik minn għarbiel id-dubju, u tifdik għax tgħallmek bl-esperjenza. Issa taf li raġel sabiħ hu bħall-bużżieqa li ma tafx tgħidlek 'tonfoħnix iktar għax ninfaqa'.'

Trid tikber, iżżid tikber sakemm ma tiflaħx iktar u tisplodi. U toħloq straġi. Hekk hu l-ego ta' raġel. Hekk kien ħassu Kurt. U forsi ħtija tagħha. Kienet imkabbra wisq bih. Laqqgħetu ma' kulħadd. Offrietu għall-irkant mingħajr ma kienet taf. U nxtara. U ħallset il-prezz qares. Għax prezzu għoli l-ġmiel. U fommu mqit. U l-mara dellha tqil. U l-mara kultant belha.

Fejn kienet l-intuwizzjoni tagħha tant eloġjata fil-kotba tal-filosofija, dak id-don imprezzabbli, dak it-traġitt istmiku ta' spiss lejn is-salvezza, dik il-vuċi astuta ġewwiena, misterjuża, pro-mara, b'għajnejn iħarsu 'l bogħod, fil-fond ta' mħuħ u qlub il-bniedem, u li xejn ma jaħarbilha? Ma titqarraqx. Dik li skont il-liġi tan-natura kellha żżomm man-naħa tagħha, tgħinha fl-iskrutinju silenzjuż tal-immaġni tal-bniedem u s-sitwazzjoni tal-ħajja. Tilluminaha, tirraġuna magħha, twiddibha, u bħall-anġlu kustodju tħarisha mit-tiġrib? Kienet għadha teżisti, jew bħall-virtujiet, kienet iddgħajfet, hekk maħkuma mis-seħer ta' ġmiel ġuvni? Ġmiel li did-darba kien irħis, vulgari u, għaliha, illużorju wkoll? Ma' liema kategorija ta' nies kienet tgħodd lilha nfisha? Mal-inġustizzjati? Mal-boloh? Ma' dawk li twieldu taħt stilla kerha? Mal-meħlusin mill-ipokrisija tal-bnedmin? U issa x'kienet se tagħmel? Tintelaq mal-kurrenti u fejn imexxuha tmur? Iġġarrab bis-sabar mewta naturali ġewwiena bħal tina li titqadded ġewwa s-siġra għax ebda id twajba ma ttawlet biex taqtagħha, jew iddur tfittex il-kruha jew aħjar, l-inqas ġmiel, is-sempliċità, biex forsi fl-aħħar issib l-hena? Għarfet li wara kollox, ħafna drabi l-moħħ jaqdik aħjar mill-qalb. Li din id-darba kellha żżomm saqajha mal-art. Tagħżel id-dell. Id-dell jostor mill-ħars, u hekk, forsi mit-tradiment. Tfittex fil-ġenb tat-triq, fiċ-ċrieki ta' fuq barra. Ma tagħżilx xmux, allat. Għax jafu jkunu foloz. L-aqwa li jkun sinċier u jkollu qalbu tajba!

Ma setgħetx tibqa' għal dejjem hemm, wieqfa f'salib it-toroq. Kienet għadha fit-tletinijiet u quddiemha kellha nofs ħajjitha x'tgħix u riedet tgħaddiha

hienja. Għalhekk għamlet il-kuraġġ, ħejjiet it-tarki ta' qalbha u ta' moħħha biex jilqgħu għad-daqqiet futuri tal-ħajja u quddiemha lemħet is-sinjali l-ħodor li kienu jfissru li setgħet tkompli miexja biex taffronta bl-aħjar mod possibbli dak kollu li d-destin kien sejjer jibagħtilha. Issa li lill-ikbar burraxka ta' ħajjitha kienet tefgħetha wara spallejha, beda jxeffaq bil-mod il-bnazzi li riedet tgħożż u tgawdi sal-għaxija ta' ħajjitha.

# Tgħanniqa

Rita Saliba

Il-figuri ta' fuq l-iskrin qażżuni. Ix-xogħol baqa' dieħel u n-numri bdejt narahom geġwiġija. Xejn ma beda jagħmel sens. Ridt insib skuża biex noħroġ minn dan l-uffiċċju. Ma npejjipx u ma stajtx nitlaq minn hawn ġew kull nofs siegħa bħal Maxine.

Qatt ma fhimt kif jirnexxilha taħdem b'dawk id-dwiefer. Hekk kif tidħol lura ddaħħal magħha taħlita ta' nikotina u fwieħa Chanel No. 5. Kompliet dardritni. Taħseb li tiġbed l-attenzjoni bis-superfiċjalità tagħha. Tferfer xagħarha iswed bi sfumaturi koħol, lagħqa żebgħa ġdida tal-aħħar. Terġa' tpitter xofftejha. Trosshom ma' xulxin biex il-lipstik jidħol tajjeb u timsaħ iż-żejjed minn ma' snienha sofor. Tinjorani. Lanqas biss issellem filgħodu. Tiċċaċċra fuq il-mowbajl minn kmieni. Tibqa' taħdem u ttella' x-xogħol u taqla' l-prositijiet. U jien nitbagħal u nogħdos u nitqalla' bil-fwieħa li nħaslet biha. Ġieli bqajt inxommha fuq il-qmis li nkun liebes. Qabel nibda naħdem kont intella' jdejja ma' wiċċi biex nostor lili nnifsi mill-irwejjaħ imħallta li tħalli warajha Maxine xħin tiċċaqlaq. Xi ħadd, darba, ġibidli l-attenzjoni b'dal-vizzju ġdid li kont qbadt.

Sibt skuża. Lissint lill-iskrin ta' quddiemi li ħiereġ nixtri xi ħaġa x'niekol. Bqajt trasparenti għal Maxine. Seta' għadda spirtu minn quddiemha, imma x'titnejjek. M'iniex bħal Brian, jiġi jħokk magħha, jew is-Sur Pavia jikkumplimentaha kemm jixirqulha l-ilbiesi ssikkati jerħu riħitha. Hawn min jagħma fix-xejn. Tassew li għandha preżenza li ma tistax tinjoraha, imma ġenbejha narahom ftit wisgħin iżżejjed, saqajha twal somor ... kont

nippreferihom kieku kienu bojod bħal tat-tfajliet barranin mitfugħin bl-addoċċ fuq ix-xtut fis-sajf. Ġieli għaddieli minn rasi ngħaddilha kumpliment forsi tibda tinnotani, tirrikonoxxi li naħdem magħha fl-istess uffiċċju, li jien ukoll ikolli x'nirrakkonta t-Tnejn malli nidħlu. Forsi tibqa' lura għax iċċempilli Therese filgħodu biex tara wasaltx tajjeb. Imma lil Brian ta' spiss tistaqsih fuq Ruth ... turi interess falz fuq familtu. U dak il-baħnan iliegħeb għaliha!

Barra l-uffiċċju ħadt nifs twil u tqil imniġġes bid-dħaħen tal-karozzi. Madankollu l-arja hawn barra ħassejtha eħfef minn dik ikkondizzjonata tal-uffiċċju b'taħlita staġnata ta' nifsijiet jonfħu n-nervi 'l barra. Imxejt ftit passi. Ma ridtx nitbiegħed. Jekk indum, ix-xogħol jiġi għal wiċċi. Dort lura iżda warajja ħassejt preżenza riesqa lejja. Għaddieli ħsieb li kien xi kurnut mix-xogħol, xi ħadd li tah f'għajnu li qbadt u ħriġt. Ried ikun jaf fejn sejjer, hekk ħabta u sabta. Iżda nħsadt hekk kif minn warajja qabżet forma ta' tfajla bjonda. Ibblukkatli triqti. Għal ftit ma dħaltx ġo fiha, stajt qlibtha iżda kienet ħafifa daqs farfett. Mad-daqqa t'għajn lanqas tajtha għoxrin. Xagħarha lixx ħafif u l-ġilda kważi trasparenti kixfitha li ma kinitx Maltija. Waħda minn dawk ta' fuq ix-xatt, ħsibt. Fixlitni tħares ġo wiċċi. Ma stajtx inkompli nimxi.

"Għandek xi €5, jekk jogħġbok?" staqsietni b'Malti tajjeb b'aċċent barrani, ftit imkaxkar. Qtajtha xi Russa. Setgħet kienet Ukrena, mis-Serbja ... Għalija kollha Russi jibqgħu. Iktar ħawditni. Baqgħet tħares f'għajnejja b'par għajnejn ċari, bi ħjiel ta' ftit irtokk ħafif. Ma kellhiex bżonn irtokk, mhux bħal Maxine, li issa riedet tinġabar ftit. Din aktarx kienet xi għaxar snin iżgħar minn Maxine. Taħbi kemm taħbi, Maxine, in-natura ma kinitx qed taħfrilha. Għalxejn tross xofftejha biex il-lipstik ma jaqbiżx il-linja. Xorta jirnexxilu jiskula qalb dawk l-ixquq irqaq ta' madwar ħalqha. Ridt inkun kawt. Dit-tfajla ġiet waqqfet lili minn tant nies fit-triq. Tajt daqqa t'għajn madwarna. Setgħet ma kinitx waħedha. Riedet tilgħabni. Tgħallmet frażi bil-Malti biex tapprofitta ruħha. Żammejt il-mowbajl sewwa f'idi. B'idi l-oħra ħassejt il-but tal-qmis fejn kont inżomm xi flus.

"Xi tridhom il-€5?" staqsejtha forsi naqtgħalha qalbha.

Għajnejha karbuli. Għaqdet idejha flimkien u reġgħet talbitni, "Sinjur, €5 biss! Għandi l-ġuħ u rrid nixtri xi ħaġa x'niekol!"

Aktar gerfxitni. Ippruvajt naħseb iżda sibt ruħi nifliha. Ħwejjiġha ma kinux ta' waħda mejta bil-ġuħ. Liebsa libsa ħafifa tassew, iżda ma kienet xejn differenti milli jilbsu tfajliet tamparha. Tal-aħħar moda. F'saqajha sandli komdu, xejn imkagħbar. Ma kinitx tidher xi tfajla miskina jew bla flus. Ma ridtx naqa' għal xi lixka. Tbissimtilha ħafif u komplejt għal triqti imma t-tfajla

reġgħet ġiet quddiemi. Kelli nieqaf f'salt. Bżajt li qed tagħmel apposta biex naħbat magħha, taħtafli l-flus. Waqqfitni iżda nġibdet lura.

"Jekk jogħġbok, Sinjur!" tkarrbitli, "issakkart barra l-flett. Sħabi jdumu ma jiġu lura u għandi l-ġuħ!"

Skantajt kemm bdiet tkellimni b'Malti tajjeb. Ridt nistaqsiha kemm ilha hawn, kemm-il wieħed waqqfet biex titolbu l-flus ... Il-ħin kien għaddej. Mhux suppost li kont ninsab hawn barra. Ma ridthiex tiġi bit-tul. Daħħalt idi fil-but tal-qmis biex neħles minnha. Sibt €10 u tajthomlha.

"Grazzi", qaltli toqmos. Xejjirt idi biex inġegħilha twarrab minn quddiemi u ħaffift lejn ix-xogħol. Iżda lanqas ilħaqt għamilt erba' passi li ma ħassejthiex miexja warajja. Bsart li reġgħet ġejja għal xi ħaġa oħra, xi logħba tagħha. Kinitx xi waħda minn dawn ir-Russi moħħhom biex jirkbu lil ħaddieħor? Isibu xi wieħed bħali biex jisolħuh. Xtaqt nitlaq niġri, imma bżajt li nidher ta' ħmar, li għamiltilha xi ħaġa u ridt naħrab mill-post. Joħorġuni ta' miġnun, ma stajtx nara tifla, nittien. Il-passi ta' warajja għaġġlu ma' dawk tiegħi. Bdejt intella' u nniżżel niqafx, noħdilha l-flus minn idha u nimbuttaha għal tulha fl-art. Dort f'daqqa. It-tfajla ħabtet ġo fija. Xagħarha ħafif tħabbel quddiem wiċċha u fuq sidri. Minn ma' wiċċi għaddiet bħal fewġa… riħa ta' xampù, ħjiel ta' frott tar-rebbiegħa. Xagħarha kien maħsul frisk, forsi wara għuma, nofstanhar tixxemmex b'tama għal ftit kulur. Ersaqt pass lura.

"Xi trid minni, issa?" ridt li ninstema' urtat, irrabjat imma leħni donnu ċeda dak il-ħin u l-mistoqsija ħarġet fi tnehida.

"Xejn, Sinjur!" qaltli b'għajnejha mberrqin. "Tħallini ngħannqek waħda?"

Bħal f'seħer idejja nfetħu u t-tfajla bajda ntefgħet fi ħdani. Għal ftit ma kontx naf kif se nġib ruħi. In-nies baqgħu għaddejjin madwarna għall-affari tagħhom. Dawret dirgħajha fraġli madwar qaddi. L-għafsa tagħha ma' żaqqi mqabbża 'l barra kellha minn ta' tifla tifraħ b'rigal tal-Milied. Tgħanniqa li ma kellha xejn minn dik ta' bejn żewġ maħbubin jew ta' xi waħda misruqa f'kafetterija ta' uffiċini. Irħiet riħa delikata ta' fwieħa, imħallta ma' għaraq frisk wara ġirja… donnha kellha mit-tfulija, minn banju mimli bżieżaq tas-sapun filgħaxija. Għaraftha iżda ma ridtx naħseb x'kienet. Niżżilt idejja fuq spallejha u qlajtha minn miegħi. Ma setgħetx tintelaq fi ħdan kull raġel li tara tfajla bħal din. Kieku kelli l-ħin, kont nagħmlilha prietka. Iżda ma kienx lok li neħel hawn barra l-uffiċċju. Resqet pass lura. Għajnejha baqgħu jitbissmuli.

"Issa se tħallini mmur?" staqsejtha bil-ħlewwa. Tat daqqtejn b'rasha, daret u telqet minn ħdejja. Ħallietni qisni statwa. Bilkemm ridt nemmen li kien għadu kemm ġrali. Xi stajt insejħilha biċċa bħal din, xorti? Ma kinitx xi ħaġa

ta' kuljum li tara tfajla fil-fjur ta' żgħożitha trid tintelaq fi ħdan raġel ta' mezza età. Tajjart kull suspett li riedet tisraqni jew tapprofitta ruħha. B'xi mod kienet biddlitli l-burdata. Iċċekkjajt li kont għadni nġorr il-mowbajl u rġajt messejt il-flus li kelli fil-but. Kollox kien għadu f'postu. Ħarist lura iżda t-tfajla kienet għebet. Ġibtha quddiem għajnejja tiekol xi berger u tixrob flixkun luminata minn stro, bilqiegħda fuq għatba, tlaqqat subgħajha delikati. Min jaf kinitx qed taħseb fija jew issa li għannqitni kinitx ħallset id-dejn li kellha miegħi u setgħet tinsieni.

Dħalt lura l-uffiċċju nitbissem. Xi ħadd tbissimli lura. Poġġejt quddiem l-iskrin. In-numri kienu għadhom hemm lesti biex jiġu ppustjati fil-kaxxi tal-Excel. Maxine ma kinitx f'postha. X'aktarx marret tpejjep sigarett ieħor, jew għaddiet ħdejn Brian terħi fuqu ftit mill-fwieħa miżża li kienet iġġorr. Waqaft u ħadt nifs 'il ġewwa. In-numri fuq l-iskrin dehru ċari, jistennew li jibdew deħlin f'posthom b'effiċjenza. Tellajt idejja ma' wiċċi, lest li nibda naħdem. Dak il-ħin bħal xammejt ħjiel ta' fwieħa delikata u l-qmis li kont liebes kellha traċċi ta' riħa ta' xampù.

# Nikotina

Rita Saliba

Darba argumentajna. Niftakrek tqum minn mal-mejda u tonfoħ id-duħħan ’il barra f’wiċċi.

Għedtli li xbajt tisma’ l-istess prietki, taħsel snienek qabel tbusni, toħroġ tpejjep fil-gallarija għax ngħidlek li r-riħa tas-sigaretti tidħol ġo xagħri, ġo ħwejġi. Iddejjaqt tbiddel qomos meta jkunu ġejjin il-ħbieb id-dar għax ngħidlek li għalkemm inħaslu, xorta waħda baqgħu jrejħu n-nikotina.

Bqajt tkellimni rilassat u sammartni mas-siġġu nisimgħek. Għajnejk ħomor wara snin jitgħammxu quddiem il-ġamra ma wrew l-ebda ħjiel ta’ emozzjoni. Ma kontx qed tara x’kienu qed jagħmlulek? Ħadulek ruħek. Bilkemm għaraftek mill-ewwel darba li ltqajt miegħek, f’dik id-diskoteka. Ftit kien impurtani jekk kontx tpejjep. Kulħadd l-istess riħa kellu fuqu. Stordejna qalb arja mtappna u ħsejjes itarrxu. Intlifna f’dirgħajn xulxin. Riħtek għoġbitni.

Tlaqt u sabbatt il-bieb. Erġajt ħabbatt, u għal mument qalbi bdiet tħabbat b’tama li ddispjaċiek, indunajt li ma tistax tgħix mingħajri. Iżda hekk kif ftaħt, għajnejk ma rawnix. Ħarstek kienet vojta, tfittex. Bqajt dieħel fil-kċina ġġib pakkett sigaretti li kont ħallejt warajk.

Bqajna biss ħbieb. Wara ftit bgħattlek messaġġ. Għedtlek li sibt lil xi ħadd li jieħu ħsieb saħħtu, jiekol organiku u jħobb il-ħajja. Ġejt għall-funeral tiegħu u għannaqtni meta rajtni se nogħtor hekk kif niżżluh fil-qabar. Għaddast rasi ġo sidrek. L-aħħar sigarett li pejjipt daħallek fil-pavru tal-kowt. U jien ġbidt nifs ’il ġewwa.

# Taparsi

Rita Saliba

Bartilmew Bonnici ma kellux ħbieb, iżda kien jattendi għal kull funeral li jsir fir-raħal.

Jintasab fuq wara jifga l-biki f'maktur. Mhux għall-mejjet kien jibki, iżda xħin kien iħares lejn il-korsiji mimlijin, il-kor tat-tfal, it-tebut mimli fjuri… iġib quddiem għajnejh il-funeral tiegħu ġo knisja vojta b'Dun Nikol jgħid kelmtejn dwaru lill-bankijiet bl-abbati jittewweb ħdejh.

Għodwa waħda daħħalha f'rasu li jikri kumpanija ta' atturi. Kitbilhom skript ta' quddiesa ta' funeral. Għażel teatru miftuħ, kera s-siġġijiet u ordna kuruni tal-fjuri b'biljetti marbutin ma' żigarelli vjola. Hekk kif bdiet it-taparsi quddiesa, Bartilmew ħass dmugħ jaħraq iġelben ma' wiċċu. Il-qassis attur ipprietka l-linji mirquma bl-akbar sengħa. Semma l-virtujiet ta' Bartilmew Bonnici, il-ħajja eżemplari li dejjem għex, li qatt ma xerred kalunnji dwar il-proxxmu, il-karità li għamel bla qatt daqq trombi u li mnalla kien hu biex issewwiet il-koppla tal-knisja… Bartilmew qasam qalbu tassew. Ipprova jrażżan il-biki. Fi ftit ħin sab ruħu jixher u jolfoq. Iżda l-atturi ħadmu l-parti tajjeb. Ma tawx kas tal-ilfiq u komplew għaddejjin b'xogħolhom.

Fl-aħħar tal-quddiesa rreċtata, hekk kif l-atturi reffiegħa daru mat-tebut, tir ta' pistola riegħed il-post. Bartilmew spara għal rasu. Iżda kien qabbad l-aqwa atturi, ħallashom tajjeb. Lagħbu l-parti ta' qraba sogħbiena, ixxuttaw demgħat inviżibbli minn għajnejhom u ħarġu bil-mod mix-xena f'korteo sieket.

# Id-Daqqaq milwien tal-flejguta

Joseph Vella

Steinbeck wasal id-dar għajjien mejjet. Kien għadu kif qandel il-basket tal-iskola mballat bil-parafernalja edukattiva l-medda kollha ta' erba' blokok bini, fejn kien ħallieh bħas-soltu x-xufier tal-vann. Aktar milli ħass it-'tgħanniq tax-xmejxa sħuna' kif deskritta mill-Poeta tan-Niket f'*Għanja*, ix-xemx kif ġarrabha kienet tax-xorta ta' *Nofsinhar Sajfi*. Għalkemm Awwissu kien għad baqagħlu max-xahrejn biex jasal, is-sirġa tax-xemx, imċaħħda mis-saff tal-ożonu li fiż-żmien kien jilqgħalha, kienet fl-aqwa tagħha fil-qali tal-ġrieden.

Bl-għaraq mielaħ dieħel f'għajnejh, iż-żerbinott daħħal iċ-ċavetta-qisha-muftieħ fis-serratura tal-bieb ta' barra, dawwarha b'ħeffa pprattikata, ġibed u kaxkar il-basket li kien xeħet mal-art biex għamel dan, u darba daħal mill-għatba 'l ġewwa, sabbat il-bieb warajh b'daqqa ta' sieq.

Baqa' jkaxkar il-basket fuq il-madum leqqien tul il-kuritur wiesa' sa ma telqu quddiem bieb kamartu, u baqa' dieħel issa ħieles minnu sa ma wasal fil-kċina spazjuża open-plan ta' dar ommu u missieru. Hemmhekk mar lejn il-bank tal-kċina, u sab nota tgħidlu biex joħroġ mill-friża tmien chicken nuggets u jaqlihom ma' daqsxejn ċips tal-McCain, flimkien ma' bajda.

F'għemża t'għajn kien esegwixxa l-istruzzjonijiet u pprepara kollox. Wara għafsa esperta ta' kull flixkun tal-plastik xieraq, kellu tliet ċrieki konċentriċi ketch-up, mayonnaise u mustarda għat-togħma; u bi slajs ħobż tal-kexxun mixħuta tgħatti kollox qisha saqqu mormi f'xi għalqa, grazzi għall-microwave, sa għaxar minuti wara kien qiegħed f'kamartu, bil-kundizzjonatur tal-arja

jreżżaħ b'qawwitu kollha; bilqiegħda fuq is-siġġu bir-roti b'disinn ergonomiku għall-gamers, bil-platt bil-fwar tiela' minnu fuq ix-xellug tat-tastiera, u bil-monitor milwien mixgħul quddiemu, joffri dehra ta' muntanja maestuża virtwali pprovduta gratwitament mill-Microsoft. Għajnejn Steinbeck kienu jibbru quddiem l-iskrin jilma, u l-għaraq li ftit ilu xawwathomlu kien ġa għeb.

Il-basket imburġat tal-iskola kien tħalla fil-kuritur, minsi barra l-bieb issa magħluq.

***

Xi erba' sigħat wara fid-dar silenzjuża nstema' jħammem il-mutur tal-bieb tal-garaxx sakemm tela' kollu u nbaram spirall fuq il-fus tiegħu qrib is-saqaf. Imbagħad instemgħu jwerżqu kemxejn il-brejkijiet ta' karozza dieħla b'lura fir-rampa, ftit wara l-ħoss tal-handbrake jittella', u fl-istess waqt li l-bieb reġa' beda jirrombla triqtu kuntrarja 'l isfel, issabbtu żewġ bibien tal-karozza kważi flimkien, u ftit mumenti wara xirfu għal ġol-kuritur tad-dar mara li kienet fuq in-naħa l-ħażina tal-erbgħinijiet, għalkemm ma tidhirhomx; u warajha daqsxejn ta' tfajla qisha verżjoni oħra tagħha imma kemxejn iċken fl-istatura u għadha m'għalqitx is-sbatax.

"Ufff! Ufff!! Ufff!!!" lissnet din tal-aħħar hija u tirfes għal ġol-kuritur bla ma għalqet il-bieb fi tmiem it-taraġ warajha. "Iva għadni kif għamilthom jumejn ilu! Ħamsa u għoxrin ewro down the drain!"

Kienet tinstema' qalbha maqsuma; hekk, kif kienet qiegħda tħares lejn subgħajha ż-żgħir ta' idha l-leminija, u l-ġar dejjiemi tiegħu, issa t-tnejn imsieħba fil-miżerja, għaliex it-tnejn kienu nieqsa mid-dwiefer tal-acrylic blu skur li kienu għadhom igawdu l-kumplament tas-swaba' ġirienhom, waqt li jżommu wieħed mill-aħħar smartphones fis-suq, mogħti lilha b'rigal tal-Milied mingħand nannitha armla min-naħa t'ommha.

"Ili ngħidlek li b'dak il-backpack tqil ma ddumx tgawdihom. Lanqas li mhux diġà ġratlek dil-biċċa, imma int rasek taż-żonqor, ma titgħallem qatt!" ċanfritha ommha mill-kċina, fejn kienet baqgħet dieħla biex marret issaħħan żewġ porzjonijiet imqarrun, mixtrija f'kontenituri fiddiena xi siegħa ilu, qabel ma weħlu weħla ġmielha fit-traffiku.

"Allura x'tissuġġerixxi? Li mmur il-Kulleġġ bla noti u kotba?" weġbitha l-bint waqt li daħlet fil-kċina u ntasbet qisha xkora patata fuq siġġu mal-mejda, u nfexxet tiskrollja u tibbrawżja faċċata wara faċċata daqqa 'l fuq u daqqa 'l isfel fuq il-mowbajl.

"Bla notebook forsi ... hemm bżonn kanun biex toqtol nemusa? Fi żmienna ..." bdiet it-tgemgim tas-soltu l-omm tgerrem l-imqarrun.

"Fi żmienkom, fi żmienkom ..." kienet pronta pronta rrispondiet biex qatgħetilha ħesrem il-fil reminixxenti l-bint bejn magħda u oħra tal-imqarrun.

"Għedtlek kemm-il darba biex ma titkellimx bl-ikel f'ħalqek! Imma ejja, fittex lesti ħalli tmur tinħasel, tbiddel u nerġgħu nitilqu għall-privat tas-Systems."

"M'għandix aptit immur; għandi wġigħ ta' ras. Għejejt."

"Tmur ikollok. Għandek bżonn."

"U bid-dwiefer hekk? F'dal-istat? X'mistħija!!"

"Ejja fittex kul u ċaqlaq! Imbagħad erġa' mur għada għand in-nail technician ... jekk iżżommok. Steinbeck! Steinbeck int hawn?" Kieku s-sejħa saret fi truf xi dagħbien, forsi kien jinstema' mqar id-diwi ta' leħinha, ħasbet. Imma mhux f'did-dar fejn is-skiet risposta.

B'erba' passi għaġġelija sabet ruħha quddiem il-bieb ta' kamret binha, bil-basket sentinella quddiem l-istess bieb – basket li l-Bambin ħabbha li ma kinitx tgerbet fih meta telgħet mill-garaxx, għax lanqas biss kienet lemħitu biex tfittex tmur issaħħan.

Ħabbtet żewġ taħbitiet ħfief mal-bieb, fetħet u sabet lil binha jilgħab xi logħba fuq il-kompjuter; bħas-soltu kien bil-headphones bil-mikrofnu ħerġin minnhom għal ma' fommu; u malli induna li fetħitlu l-bieb, kien pront tella' sebgħu l-werrej dritt ma' xofftejh u "Xxxxx!! Oqgħod kwieta għax tinstema'," immajmjalha l-kliem bla ħoss, filwaqt li għajjat għal ġol-mikrofnu – "Alleċ! Ar'hemm warajk, warajk, spara Man, sparalu issaaaa f'..."

L-omm leħqet lemħet bħal mostru muqran jiġi ddiżintegrat fuq l-iskrin quddiem binha jtektek fuq il-buttuni tat-tastiera b'tali mod li tajpista ta' żmienha żgur kienet tgħir għalih.

"Għamiltu l-homework? Għandek x'tistudja? Kif mort l-iskola? Dil-friża kollha hawn ġew ...!?"

"Xxxxx!! Iskot għax tinstema'," reġa' mmajmjalha bla ħsejjes xejn u did-darba żied ixejrilha b'idu 'l hawn u 'l hemm biex tfittex toħroġ minn kamartu u ma ttellfux aktar. Għajnejh kienu jtajru x-xrar dak il-waqt.

Bla ma fehmet hi stess għaliex, tawlet idha bil-pala miftuħa fid-direzzjoni tal-platt b'bajda moqlija b'gidma nieqsa minnha, u l-fdal ta' nofs chicken nugget, kollox nofsu mgħargħar f'tagħsida pjuttost oranġjo. Ħaditu minn id binha li newwilhulha bl-amment b'interruzzjoni minimissima mit-tastiera, u sabet ruħha mill-ġdid fil-kuritur, in-naħa l-oħra ta' bieb kamret binha, magħluq bilġri minn dan tal-aħħar li ma tmurx terġa' tittanta ttellfu minn għemilu ħarkien.

Nofs siegħa wara kienet lura fil-karozza wara l-istering, bil-bieb tal-garaxx miftuħ, qed tiskrollja u tibbrawżja hi fuq il-mowbajl tagħha biex taqra n-Notifications ta' Facebook, waqt li tistenna 'l bintha tinżel forsi b'xi intervent divin tilħaq twassalha l-privat fil-ħin.

L-iskrin milwien f'idejha kien ikanġi minn waqt għal ieħor, u għajnejha kbar kienu jixegħlu daqsu waqt li tittekstja l-OMGs u l-LOLs b'reazzjoni għall-kummenti u r-ritratti (prominenti fosthom għadd ġmielu li juru kejkijiet u pastini) ippowstjati virtwalment fuq il-World Wide Web minn sħabha tax-xogħol.

***

Daqs nofs siegħa wara li l-bieb tal-garaxx kien reġa' ngħalaq, sab ruħu qiegħed jerġa' jinfetaħ hekk kif wasal id-dar il-missier, b'binhom iċ-ċkejken marbut fil-car seat, b'wiċċu kollu tidlik u tiċlis taċ-ċikkulata li kienet tatu nanntu, omm missieru, kontra l-protesti tal-istess missieru, li ried iħares it-tapezzerija ta' karozztu l-ġdida; qabel ħalliet lil binha jeħodhulha mill-'kustodja' tagħha.

Xħin tela' fuq biż-żgħir (issa wiċċu mimsuħ bil-wet wipes), għoddu ħadha għal wiċċu fuq il-basket tal-iskola ta' Steinbeck, li kien għadu sentinella minsi fejn tħalla. "Alleċ!" esprima l-missier b'qawwa.

Niżżel liċ-ċkejken fuq saqajh prinċipjanti, u fetaħ bieb ibnu l-fustani bla ma ħabbat. Sabu propju kif kienet sabitu ommu, qisu m'għaddiex il-ħin li kien għadda. "Steinbeck, kemm-il darba għedtlek ..."

"Xxxxx!! Oqgħod kwiet għax tinstema'," kien prontissimu jimmajmjalu l-kliem bla ħoss Steinbeck, filwaqt li għajjat għal ġol-mikrofnu – "Alleċ! Ejja ħdejja Manfred, ejja maġenbi ħa navvanzaw flimkien ..."

"Eh? Manfred qiegħed hawn?" saqsa mifxul il-missier.

"Xxxxx!!" Din id-darba b'vuċi għolja u għajnejh imberrħa. "Qiegħed onlajn. Tfixkilnix."

"Il-homework lest? Studjajt? Daqqejt kurunetta?"

"La llesti. Issa ħallini għax ittellifna. Ar'hemm Man, alleċ, se ninqatlu, ar'hemm ..."

Il-missier ħareġ u għalaq il-bieb warajh qisu lluppjat. Dar dawramejt u ma lemaħ liċ-ċkejken imkien. "Jürgen!" għajjat b'vuċi ta' barri waqt li ġera (iva ġera minkejja l-korpulenza tiegħu) tul il-kuritur, lejn is-salott. Ma sabux. Għamel U-turn u tar (iva tar), lejn il-kċina. Ma rahx. Ittawwal taħt il-mejda ... ebda Jürgen, lanqas xamma tiegħu.

Il-missier reġa' dawwar denbu lejn is-salott u din id-darba sab liċ-ċkejken Jürgen infilsat bejn iż-żewġ sufanijiet-recliners li kien iħobb jitħaxken bejniethom, il-kenn solitu tiegħu.

"Alleċ! X'qatgħa tajtni ja xifajk. Ejja ħa nqiegħdek fil-playpen!"

***

L-għaxra ta' filgħaxija. Ħemda taħsdek mad-dar kollha.

L-omm tinsab imsammra mat-32" HD LED Smart TV installat fis-salott, b'wiċċha jitlewwen skont dak li jemanixxi mill-iskrin tiegħu, għajnejha jgħumu fid-dmugħ għax grazzi għall-interactive tv, qiegħda tara l-episodju tal-bieraħ tat-telenovela li ma setgħetx tara f'ħinu. Peress li għandha 'l Jürgen jitniegħes b'sebgħu l-kbir ġo dak il-fomm ċkejkuni tiegħu f'ħoġorha, it-televixin għamlitu bil-volum imsikket, iżda xorta waħda qiegħda ssegwi kollox mill-istampa biss, donnha kisbet il-ħila li taqra xofftejn l-atturi, inkella tintuwixxi x'qegħdin jgħidu.

Gertrude qiegħda f'kamritha, kamra li, kif wieħed jista' jikkonferma ta' spiss mill-istessi li ttella' fuq l-Instagram, ma tinżammx fi stat denju ta' tfajla galbata. Bħalissa tinsab tiċċettja fuq in-notebook ma' sħabha, u tikkummenta dwar kemm Helga ġiet tidher tan-nejk fl-aħħar vidjow li tellgħet. Mill-ammont ta' roża fuq wiċċ Gertrude, wieħed jista' jiddeduċi li libset Helga hi tal-istess lewn, aktarx tifforma parti minn xi linja tal-ħwejjeġ ta' Tally Weijl, New Look jew Ralph Lauren. Inkella li din tinsab b'ħafna minn dak li tatha ommha n-Natura fi stat naturali. Għajnejn Gertrude qegħdin ileqqu daqs l-iskrin.

Steinbeck fl-aħħar jinsab minsub għal tulu fuq soddtu, wiċċu 'l fuq b'idejh kemxejn mgħollija, iħares sfiq lejn il-mowbajl miżmum sod f'idejh it-tnejn, issa jsegwi 'l KSI, issa 'l jacksepticeye, fuq il-YouTube. Fuq il-kommodina l-ktejjeb bid-definizzjonijiet tal-Physics jinsab wiċċu 'l isfel, qisu farfett maħsud mill-pestiċidi. Il-kamra b'mod ġenerali donnha laqatha uragan. Widnejn Steinbeck misdudin bil-headphones iż-żgħar u għajnejh qegħdin jibbru jagħtuk x'tifhem li għandu d-deni. Wiċċu vampa nar minkejja l-a.c. ireżżaħ il-kamra, u m'għandu ebda ħjiel ta' ngħas. Għajnejh vibranti wisq.

U l-missier. Il-missier jinsab fil-għoli, fl-istudju *sanctum sanctorum* tiegħu. Imdawwar dawramejt bil-kotba li tant jgħożż u li spiss sar jilmenta li qajla għad baqagħlu ħin għalihom. Jinsab jagħfas il-buttuni tat-tastiera tal-laptop li għandu quddiemu. Dawn ma jtektkux, għandhom l-għafsa mrattba; bilkemm ma jħossux qiegħed idoqq il-pjanu li baqa' ma tgħallem qatt.

Ftit mumenti ilu daħal fl-Inbox tiegħu biex itajjar minnha dawk l-ittrejiet li

kinulu superfluwi, inkella li sarulu sorpassati. Imma qabel għamel dan, kienet ġietu x-xewqa jikser is-skiet tal-maqdes tiegħu u allura daħal fil-YouTube, u wara ftit sekondi jmaħħaħ dwar x'kellu aptit jisma', mill-kantina mudlama ta' moħħu bla ma jaf għala telgħet fis-sular ta' fuq il-kanzunetta *The Windmills of Your Mind*. Dak il-waqt lanqas biss seta' jiftakar min kien ikantaha, imma kien pront ittajpja isimha u telgħulu quddiemu għadd ta' ritratti b'wiċċ il-kantanti varji li jinterpretaw dil-kanzunetta. Ħabat jiġi bejn ħaltejn liema jisma', jekk hux dik ta' Noel Harrison, ta' Dusty Springfield, ta' Alison Moyet u tant oħrajn.

Aktar ma beda jiskrollja 'l isfel, aktar kien qiegħed iħossu kostrett jismagħhom kollha, sabiex jara x'differenzi jidentifika bejn interpretazzjoni u oħra; l-effett tat-timbru ta' vuċi minn ieħor, femminili, maskili, ir-ritmu, u l-bqija.

Biex joħroġ mill-vortiċi li ħassu jinqabad fih, deherlu li jisma' l-ewwel dik ta' fuq nett, dik ta' Harrison, anke għax deherlu jiftakar remotement li kienet il-verżjoni oriġinali. U x'hemm isbaħ milli wieħed jirritorna lejn l-oriġini? Jew li jibda mill-bidu? *Ab ovo*, tbissem f'moħħu għat-tawtoloġija intenzjonata.

Għamel kif kien iddeċieda. Il-ħaġa stramba kienet li waqt li kien baqa' b'nofs moħħu jnaddaf l-Inbox u bin-nofs l-ieħor isegwi simultanjament il-verżjoni mkarkra ta' Dusty Springfield, xħin sema' l-kliem lajman "*like the images unwind / like the circles that you find / in the windmills of your mind*", kpiepel għajnejh tqalu u ngħalqu bla ma ried u ħassu qed joħlom li qed joħlom li hu Lucy (imma b'wiċċ bintu Gertrude) fil-film *Narnia*.

Lemaħ lilu nnifsu/lilha quddiem il-fuklar fid-dwejra tal-fawnu Tumnus, lemaħ lil dan idoqqilha n-noti ħelwin saħħara-ħeddiela mill-flejguta tiegħu, ra ċ-ċirku ta' fawni diminuttivi u semitrasparenti oħra jduru dawra tond fuq il-fjamma tħeġġeġ tal-fuklar, u raqad bħal Lucy f'dik il-ħolma f'ħolma, u fiha ssokta joħlom li qiegħed jara lid-daqqaq milwien tal-flejguta ... ta' Hamelin! Wiċċ id-daqqaq kien dak ta' Noel Harrison kif muri fuq il-YouTube, imma mhux aktar monokromatiku. Issa kien ikanġi u jisfuma kontinwament minn waqt għal ieħor.

U mal-ħaġra t-tajn beda jisma' mhux aktar il-lirika tal-*Windmills of Your Mind*, imma fl-imtieħen ta' moħħu bdew jinħattu bħall-ħjut ta' marella xi versi mit-taqbila-rakkont ta' Peter Browning li hu kien tgħallem bl-amment ta' tlettax-il sena, u li bi stagħġib kbir għalih qiegħed jiftakarhom –

To think we buy gowns lined with ermine  
For dolts that can't or won't determine  
What's best to rid us of our vermin!  
You hope, because you're old and obese,

To find in the furry civic robe ease?
Rouse up, sirs! Give your brains a racking
To find the remedy we're lacking.

Meta kien għadu Form Two, ftakar ukoll, hu u sħabu tal-lezzjoni tal-Letteratura Ingliża kienu rreċtawha fir-*Rector's Day* bħala sorpriża lill-istess Rettur tal-Kulleġġ li fih kien jattendi.

Alleċ, fejn kien mar dak iż-żmien? F'liema ħarq għammieq kien inbela'?

Ħass li kien jinsab f'labirint kurjożament mixgħul bi lwien jgħajtu, u xi mkien f'dak il-labirint ta' moħħu lemaħ lilu nnifsu u lil martu tqila għall-ewwel darba, mixħutin wiċċhom 'il fuq f'nofs pjanura miżgħuda bil-peprin, għajnejhom magħluqa għall-kħula tas-sema, it-tnejn b'xi mod joħolmu ħolma waħda, fil-mgħawma ta' ħmura ta' taħt għotjien għajnejhom, b'xi mod jaraw lil uliedhom jilagħbu ferrieħa qrib xatt il-baħar, mal-plajja, fuq il-ħaxix ta' xi mergħa mhux magħrufa; sakemm is-sema ddallam f'daqqa, bwieb is-sema nfetħu, u flok xita milwiema bdiet nieżla xita ta' ġrieden qishom tal-bakalajt, min b'denbu tal-wajer u min mingħajru; b'dawk tal-ewwel b'denbhom marbut ma' nases kbar f'forma ta' hard-disks, u b'dawk tat-tieni b'għajn waħda ħamra Ċiklopika f'żaqqhom.

Steinbeck, Gertrude u Jürgen kienu waqfu ħesrem jirraġġaw fil-logħob ferrieħi ta' qabel, u qagħdu bilqiegħda t-tlieta flimkien, ilkoll b'daharhom lejn xulxin, bi spallejhom biss imissu ma' tal-aħwa l-oħra, f'forma ta' trijumvirat iħares 'il barra, flimkien imma fl-istess waqt għal rashom; entità waħda b'kull membru aktarx maqtugħ għalih waħdu.

U kienu qagħdu propju fiċ-ċentru ta' dik ix-xita ta' ġrieden u apparat ieħor elettroniku. U kienu jissawbu b'enerġija tremenda minn kull apparat li jolqothom u jidher jisfuma fix-xejn; enerġija li temanixxi fi dwal varji minn għajnejhom; u fl-istess waqt iżżid issammarhom statiċi fil-qagħda li kienu jinsabu fiha.

U flok ragħad u sajjetti f'dik id-dalma waħxija kienet tinstema' l-melodija tal-*Windmills of Your Mind*; imma bil-versi rripetuti bħallikieku d-diska weħlet fuq xi turn-table ta' dari –

When you knew that it was over
Were you suddenly aware
That the Autumn leaves were turning
To the colour of her hair

F'daqqa waħda l-missier stenbaħ maħsud minn dil-ħolma mibdula f'inkubu li kien tħabbel fiha, imma b'xi mod għaraf li kien għadu f'saff ieħor fid-dinja ħalliema għaliex issa lemaħ lil uliedu mexjin serbut lejn il-bibien imberrħa fil-bokka ta' għar enormi f'ġenb muntanja massiċċa sewdinija. L-ewwel Gertrude, dritta u wieqfa fuq qaddha, b'difrejha għadhom kif ingħataw dwiefer ġodda fjamanti ħamranin tal-acrylic. It-tieni Steinbeck, ibnu l-fustani, liebes ta' Iron Man (tal-Marvel Comics, ftakar b'mod li ħassu redikolu). Ibnu Steinbeck, android invertit, b'wiċċu ma jidhirx, imma jaf li jinsab hemm ġew, taħt dik is-sura robotika. U t-tielet Jürgen, iċ-ċkejken Jürgen, jimxi mbe, iqum, jaqa', u jerġa' mill-ġdid. Minkejja li f'dil-ħolma huwa Jürgen irreali, għandu l-bixra ta' Jürgen ir-reali.

Ra l-bieb jingħalaq b'tisbita definittiva warajhom.

Fid-disprament ta' nifsu jinqata' Mulej-Sinjur-aħfirlu dak il-waqt xtaqhom għamja, trux, u zopp rispettivament, sabiex il-bieb jilħaq jingħalaq u jitħallew barra. Basta jibqgħu ħielsa mill-priġunerija ta' dik il-muntanja żonqrija; anke jekk in-naħa l-oħra tagħha, inkella fi ħdanha stess kienet toffrilhom ħajja etereali suprema għal dik li qatt seta' joffrilhom hu fir-realtà. Anke jekk is-sigħat fid-dinja virtwali setgħu kienu aqwa milli fl-aqwa libbiena, lil uliedu riedhom miegħu, riedhom għal dejjem fi ħdanu; riedhom jarawh jixjieħ, jidbiel; jerġa' jsir it-tfajjel daħkani li darba kien bħalma huma darba kienu, u xi drabi (anke jekk rarament) għadhom ikunu. Xtaq li jxejjen kull effett taż-żmien u jgħix, aktar milli jeżisti, ħieles minn kull rabta xekkiela oħra ħlief dik tal-imħabba wettieqa tiegħu ma' wliedu u martu.

Xtaq.

# Il-Belliegħa

Trevor Żahra

Fi tfulitu kien spiss jiġi jittawwalli. Kien jiftaħ l-għatu tal-bir, jixxabbat 'l isfel u jgħidli "Baaa!" U jiena kont inwieġbu lura: "Baaa!" Kont ngħid f'qalbi, "Dat-tifel għad xi darba nisirqu!" Kellu barmil ċkejken tal-baħar, kollu tpinġija ta' ħut u arzell. Fettillu jorbtu ma' biċċa spaga u jipprova jtella' l-ilma bih. Imma l-ispaga ma felħitx it-toqol tal-ilma ... u sraqthulu. Beda jibki u mar jiġri jġib ir-rampila. Imma ma ħallejtux jieħdu lura. Hawn għadu għandi, imsaddad u mmermer, bl-arzell u l-ħut ifittxu l-ilma baħar għalxejn. Darba oħra, mid-dehra, ma kienx qed jistudja biżżejjed. Kont smajt lil missieru jirrabja miegħu u jgħidlu li qed jaħli wisq ħin jilgħab b'dawk l-imgħarrqin suldati taċ-ċomb li kienet tatu zitu. U meta t-tifel beda jtawwal ilsienu, il-missier kien tilef sabru. Fetaħ l-għatu tal-bir u qallu:

"Min ma jismax bis-sewwa, ikollu jisma' bid-dnewwa!"

U s-suldati niżlu jiġru ħdejja u minn ġellieda felħana spiċċaw bugħaddasa mitlufa. Imbagħad it-tifel ġie jittawwalli, jibki u jolfoq. U jiena bkejt miegħu.

Għaddew tliet snin jew erbgħa u t-tfajjel beda jitfarfar. Dakinhar li reġa' ġie jittawwalli ma kienx qed jibki u jolfoq. Kien jidher imbażża'. Ta daqqa t'għajn madwaru u f'leħħa ta' berqa xeħitli rigal. Arloġġ tal-polz. Baqa' jħares lejja biex jaċċerta ruħu li lqajt ir-rigal li offrieli ... u blajtu. U meta ħarist sewwa f'għajnejh qrajt l-istorja kollha. Kien arloġġ ta' missieru. Fettillu joħodhulu biex jippruvah ftit mal-polz tiegħu. Żelaqlu minn idu u l-ħġieġa saret frak. U waqt li l-arloġġ iltaqa' mal-barmil u s-suldati, il-minutieri waqfu fuq is-sagħtejn u kwart, u jiena rġajt ħarist f'għajnejh u għidtlu:

“Tinkwetax tfajjel. Jiena nostorlok is-sigrieti tiegħek kollha. Bħalma għadni nostor is-sigrieti t’ommok.”

Dik ukoll, snin twal ilu, kienet ġiet tittawwalli mwerwra. Kellha f’idha kaxxa tal-landa, u qabel ma xeħtithieli, fetħitha biex tagħti l-aħħar daqqa t’għajn lil dawk l-ittri għeżież. U qrajt il-ġrajja kollha fil-biża’ t’għajnejha. Issa li l-maħbub tagħha kien abbandunaha, riedet tara kif teħles minn dawk l-ittri. Ma riditx li jiġu f’idejn żewġha. Kienet se taħraqhom, imma ma kellhiex qalb tixħithom l-infern. Rassithom ġo kaxxa tal-landa u tathomli. U l-istess bħalma għamel binha snin wara, qagħdet tħares lejja u lejn is-sigriet li kienet fdatli.

Għaddew is-snin u t-tfajjel kiber u xjaħ u kont ili għomor ma narah. Iżda dan l-aħħar reġa’ ftakar fija. Ħa drawwa jiġi jiftaħ l-għatu tal-bir u joqgħod jittawwalli. U meta nħares f’għajnejh u nara fihom sensiela twila ta’ eleġiji, nibda ngħidlu:

“Din x’ħajja hi li qed tgħix? Ejja għandi u nnessik kollox!”

Imma t-tfajjel-xwejjaħ kien jagħlaqli l-bieb f’wiċċi u nibqa’ nisimgħu jokrob ħdejn il-ħerża tal-bir. U hemmhekk sabuh imgeddes il-ġirien meta kienu ilhom xi ġranet ma jarawh. U jiena bkejtu wkoll u b’qalbi maqsuma għidtlu:

“Għax ma ġejtx għandi? Kont nerġa’ nostorlok is-sigrieti tiegħek. Kont illaqqgħek mas-suldati taċ-ċomb, mal-barmil tal-ħut u l-arzell u mal-arloġġ li għadu wieqaf fuq is-sagħtejn u kwart. U fuq kollox, kont niftaħlek il-kaxxa tal-landa u ngħidlek min kien missierek tassew!”

# TRADUZZJONIJIET

# Mamà

Shahd Alshammari (1986 - )
*Traduzzjoni ta' Toni Aquilina*

Ma kinitx sempliċiment omm. Forsi qatt ma kienet maqtugħa biex issir omm. Iżda rnexxielha tasal, kontra kull tfixkil, u ssir kapaċi tħammeġ idejha – fit-tajn li tiċċappas bih omm Palestinjana qalb nies li l-kultura tagħhom hi waħda Bedwina għalkollox. Lil missieri kienet hi li żżewġitu, u hu kien l-għażla tagħha. Kienu għadhom t'għoxrin, u qatgħuha li kienu jinħabbu. Iżda huma ma kinux sempliċiment opposti. Hi kienet Palestinjana, mara liberali li tħobb u tgawdi l-libertà tagħha, xagħarha isfar maqtugħ qasir jiżżeffen fuq tiegħu, ħwejjiġha mimlijin dejjem ilwien: ħomor, koħol, roża. L-iswed ma kinitx tista' għalih, madankollu snin wara hija libset l-*abbaya* sewda li fil-kultura u t-tradizzjonijiet tiegħu kienet meqjusa bħala n-norma.

Sabiex inkun nista' nifhem kif imiss it-trobbija ta' missieri, f'familja Bedwina, l-ewwel ma jkolli nagħmel hu niddefinixxi t-terminu Bedwin. Bedwin normalment ifisser nomadu, u dan jiġifieri n-nies tal-Peniżola Għarbija, id-deżert. Il-Bedwini ġejjin minn tribujiet differenti. Hemm Bedwini mferrxin mal-Golf kollu, iżda prinċipalment, hija l-Arabja Sawdita fejn il-kotra żżiegħed. It-tribù ta' missieri ġej mis-Sawdi Arabja. Ħadd minn familtu ma kien ġie edukat. Fil-biċċa l-kbira tagħhom in-nisa jżewġuhom ta' età żgħira ħafna; huma mistennija jwelldu subien, pjuttost milli bniet, għax fit-tribù kienu jiċċelebraw biss it-twelid tas-subien.

Ommi żżewġet lil missieri għax saret tħobbu. Inġibdet lejn l-immaġni eżotika tal-Bedwin, bl-imħabba li għandu għaż-żwiemel, għall-iġmla, għall-għana,

u għan-nobbiltà fi mġibietu. Minħabba li żżewġet lilu, hija tilfet lil kull min kien iħobbha. Familtha għal ftit ma ħarġuhiex mill-wirt, u familtu seħtuh talli ħammeġ demm it-tribù tagħhom. Hi kienet barranija għalihom, għariba – u għariba baqgħet. Ma kinitx mgħottija b'velu meta żżewġitu. Hi kienet tħobb id-dbielet qosra, u hu kien iħossu jiġġennen minħabba l-għira li kellu għaliha u t-trobbija tribali tiegħu. Darba saret tqila riedet teħles minnha t-tarbija; dik it-tarbija kont jien. Ħassitha fgata bl-eżistenza imminenti tat-tarbija, u ma setgħetx tasal biex tistħajjel lilha nfisha omm ta' tarbija b'missier iġib ruħu magħha ta' Bedwin għafsi. Kienet imwerwra sew fl-interess tagħha stess kif ukoll tat-tarbija. Xtaqet li jkollha tifel jekk mhux għal ħaġa oħra biex ikun jista' jinqala' minn miegħu. Tifel kapaċi jkun jaf jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Tifel ikollu d-drittijiet. Tifel jiġi mħares; tifla jinfexxu fiha ħajjitha kollha. Ma kienx possibbli għaliha tabortixxi, u b'dankollu hi ppruvat b'kull mod li ġieha f'rasha. Kienet mara t'għoxrin sena li ma kinitx lesta tiled, u kienet irrealizzat bl-iżball li għamlet meta żżewġet lil dar-raġel.

It-tarbija żammet iebes, u ma riditx tmur. It-tarbija twieldet: tifla b'saħħitha b'żewġ ġenituri għalkollox differenti minn xulxin. Missierha ħares lejn it-tarbija tiegħu tat-twelid u xtaq li kienet tifel; dejjem bniet kellu u ħassu mxebba'. Hu kien diġà miżżewweġ qabel, miżżewweġ lil kuġintu, u kellu ħamest ibniet. Jien kont is-sitt bint ta' missieri, u l-unika waħda ta' ommi.

Sa ma ġejt biex ikolli sentejn jew tlieta, hi kienet żviluppat biża' li titlifni. Nannti paterna, mara tribali b'saħħitha u kattiva, kienet il-ħin kollu theddidha lil ommi. Hedditha li kienu sa jisirquni, li kelli nintbagħat xi mkien ġol-Iraq, fejn ħadd ma jkun jista' jsibni. Riedet tagħtiha tagħlima lil ommi, skont ma qalet hi.

"Tagħlima f'dik li hi xaħta. Ħalli tkun taf x'jiġifieri joħdulek wildek minn taħt idejk. L-istess bħalma int ħadtli 'l ibni." Dawk kienu kliem nannti. Dal-kliem baqa' jippersegwita 'l ommi għal għomorha. Ma kinitx taf jekk kinux sa jħalluha żżommni, jekk kinitx sa tkun tista' ssibni jekk nittieħed minn magħha. Għallmitni, mank ilħaqt tlaqt ilsieni, il-kelma "Ambaxxata". Infurmatni sew x'għandi nagħmel, tgħallimni l-ħin kollu kemm kienet ħaġa importanti li nsib triqti lura d-dar.

"Ara li dejjem issib lili, *Mamà*. L-ewwel, mur sib l-ambaxxata. L-ambaxxata ssiblek lill-*Mamà* tiegħek," kienet tgħid.

Iżda jien ma ttiħidtx minn magħha. Minflok, trabbejt fil-biża' u l-mibegħda. Kbirt konxja tal-fatt li jien u ommi konna għorba, mibgħudin minn kulħadd. Ħuti fardsieq kienu jobogħduni u jġibu rwieħhom miegħi ta' bulijiet, jiddieħku b'ommi, b'nisilha, u jogħxew jarawni mhux kapaċi nitkellem b'Għarbi tajjeb.

Ommi kienet insistiet li ningħata edukazzjoni tal-Punent għax kienet tibża' li qatt ma seta' jkolli li jinħtieġ sabiex nibni karattru. Ma riditnix inħoss rabta la mal-kultura ta' missieri u lanqas ma' tagħha. Ma riditx triq tan-nofs għalija. Riditni nsib lili nnifsi fuq barra taċ-ċirku tagħhom. U rnexxieli. Qatt ma stajt nifhem il-kunċett ta' appartenenza, t'ingaljar. Ma konniex inġerrgħuhom il-kaxex, jien u ommi.

Hi kienet tpinġili ċirku u turini x'infinità ta' possibbiltajiet kellu. Bla tmiem. Bla limitu. Minn ċirku ma kienx hemm triq mnejn toħroġ, kellek tkompli sejjer. Tissielet, tippersevera. Jiddependi kif tħares lejn iċ-ċirku. Kien iċ-ċirku għakkies daqs kaxxa? Iċ-ċirku kien f'moviment, moviment bla tmiem, u aħna ma kellniex alternattiva, għajr dik li nibqgħu mexjin, f'dinja li kienet tipprova twaqqaf lill-mara milli timxi 'l quddiem.

Hekk hu kif il-kunċett ta' familja nbidel biex sar ifisser biss *Mamà*. Familti kienet *Mamà*. U kienet *Mamà* li nnegozjat il-ħelsien tiegħi. Kienet tħallas hi għall-edukazzjoni tiegħi; hu ma kellux għax jinkwieta finanzjarjament. Kienet taħdem xiftijiet doppji biex tlaħħaq, u ħafna kienu dawk il-ġranet li fihom ma kellhiex flus biżżejjed biex tixtrili l-ħtiġijiet bażiċi: ilbiesi, ikel, affarijiet tal-iskola. Minkejja dan kollu kampat. Waslet, mingħajr l-għajnuna ta' ħadd. Tgħid li hi bħal dik ix-xemgħa tixgħel għalija, biex iddawwalli triqti, u bħax-xemgħat kollha, dak l-aktar li taf tagħmel. Hi għall-ewwel ma riditnix, u jien dħalt f'din id-dinja bla ma riedet taf bija.

Sibt li dawn l-istejjer ta' kif tidħol fid-dinja, dak li tagħmel fis-snin bikrin ta' ħajtek, dawn huma l-istejjer li jibnuk u jwassluk sal-quċċata, jibnulek l-istorja tiegħek, u jagħtuk għan fil-ħajja. "Mamà" hi l-ewwel mitografija meħuda minn *Notes On The Flesh / Noti Fuq Laħam Il-Ġisem* ta' SHAHD ALSHAMMARI

# Dfin

*Burial*

Shahd Alshammari (1986 - )
*Traduzzjoni ta' Toni Aquilina*

Darba hija fdat,
Darba hija tkellmet,
Imsikkta sfat.
Darba hi rvellat,
Midfuna sfat.
"Għattuha. Li ma tmurx moħħ tfajliet oħra tniġġes."

# L-Avultun

*Der Geier*

Franz Kafka (1883-1924)
Traduzzjoni u nota ta' Manwel Cutajar

Avultun kien qiegħed inaqqar bil-goff ma' saqajja. Kien diġà qattagħli l-istivali u l-kalzetti, issa beda jnaqqar l-istess saqajja. Għal bosta drabi beda jagħti daqqiet qawwija fuqhom, imbagħad beda jdur miegħi bla waqfien, imbagħad kompla jattakka saqajja.

Għadda sinjur, waqaf għal mument iħares lejja, imbagħad staqsieni għaliex qiegħed inħalli l-avultun iweġġagħni.

"Ma nista' nagħmillu xejn," weġibtu. "Meta ġie u beda jattakkani ppruvajt inkeċċih, anki saħansitra ppruvajt noħonqu, imma dawn l-annimali huma b'saħħithom ħafna, kien se jibda jattakka wiċċi, imma jiena ppreferejt nissagrifika saqajja. Issa dawn kważi mbiċċrin kollha."

"Imma hi ħaġa tal-iskantament kif qiegħed tħalli lilek innifsek tiġi ttorturat b'dal-mod," qal is-sinjur. "Kulma jrid tir wieħed u dak ikun it-tmiem tal-avultun."

"Tabilħaqq?" staqsejtu, "u inti dan tista' tagħmlu?"

"Bil-pjaċir kollu!" weġibni s-sinjur. "Kulma għandi nagħmel hu li mmur id-dar u nġib l-ixkubetta tiegħi. Tista' tistenna nofs siegħa oħra?"

"M'iniex ċert dwar dan," għidtlu jiena, u għal mument ibbist bl-uġigħ. "Ikun xi jkun, ipprova, jekk jogħġbok."

"Mela tajjeb ħafna," qalli s-sinjur, "ngħaġġel kemm niflaħ."

Matul din it-taħdita l-avultun qagħad jisma' bil-kalma kollha, ħalla għajnejh jiġru minn fuqi għal fuq is-sinjur. Issa indunajt li hu kien fehem kollox. Ħin bla waqt fetaħ ġwenħajh wesgħin u b'ħeffa kbira tar lura ħafna biex ikun jista'

jieħu rankatura lejja, u mbagħad bħal ġavelin mitfugħ, imbotta b'qawwa kbira munqaru ġo ħalqi, sa isfel nett fil-ġewwieni tiegħi. Waqt li waqajt lura, ħassejtni nistrieħ meta ħassejtu jegħreq f'demmi, li kien qiegħed jimla kull profondità tiegħi, u jgħarraq kull post xott fija.

Din l-istorja, li l-isem oriġinali tagħha bil-Ġermaniż hu *Der Geier*, Franz Kafka kitibha bejn is-snin 1917 u 1923. Tittratta dwar il-marda li Kafka kien ibati biha, it-tuberkulożi, li fil-fatt wasslitu għall-mewt fl-età ta' 40 sena. Fl-istorja, l-avultun jippersonifika l-marda u s-sinjur hu t-tabib li kien jieħu ħsiebu.

# Kieku Inti Kont Rajt Smewwieti

*Se tu avessi visto i miei cieli*

Alda Merini (1931-2009)
Traduzzjoni ta' Sergio Grech

Kieku inti kont rajt smewwieti
U r-reliġjonijiet tiegħi
U s-sarkofagi kollha tal-fidi tiegħi
Kont titlaq kollox
Biex tiġi tgħix miegħi fqira.
Imma ladarba l-ambizzjoni
Hi l-benniena tal-bniedem
Inkompli mmut
fi skietek.

# Framment Epistolari, lit-Tfajjel Codignola

*Una Disperata Vitalità* (minn Taqsima IV)

Pier Paolo Pasolini (1922-1975)
Traduzzjoni ta' Therese Pace

Għażiż tfajjel, iva, ċertament, ejja niltaqgħu
imma tistenna xejn minn din il-laqgħa.
Jekk xejn, delużjoni ġdida, vojt
ġdid: minn dawk li jagħmlu ġid
lid-dinjità narċissistika, bħal xi dulur.
Ta' erbgħin sena jien donni ta' sbatax.
Iffrustrati, dak tal-erbgħin u dak tas-sbatax
jistgħu, ċertament, jiltaqgħu, itemtmu
ideat konverġenti, dwar problemi
li fosthom jinfetħu żewġ deċennji, ħajja sħiħa,
u li, għalkemm fid-dieher, huma l-istess.
Sakemm kelma, ħierġa minn griżmejn inċerti,
miblula bid-dmugħ u b'xewqa ta' solitudni,
tikxef id-differenza bla kura tagħha.
U, magħha, ikolli nibqa' nagħmilha ta' poeta
missier, u allura nintewa fuq l-ironija
– li timbarazzak: li nkun dak tal-erbgħin
iktar allegruż u żagħżugħ minn dak ta' sbatax,
hu li diġà padrun fuq il-ħajja.
Iktar minn din id-dehra, din is-sembjanza,
m'għandi xejn iktar xi ngħidlek.

Jiena xħiħ, dak kollu li għandi
inżommu għalija marsus ma' qalbi mxajtna.
U ż-żewġ pali ta' ġilda bejn l-għadam ta' ħaddejja u geddumi,
taħt il-ħalq mgħawweġ bil-furja tat-tbissim
ta' mistħija, u l-għajn li tilfet
ħlewwitha, bħal bajtra li mraret,
jidhrulek ritratt
propju ta' dik il-maturità li tagħmillek ħażin,
maturità mhix aħwija. X'jiswielek
wieħed tamparek – sempliċiment imdejjaq
b'sikma li tiblagħlu l-laħam?
Dak li ta ta, il-fdal
hi ħniena xotta.

# Xenqa

*Желание*

Alexander Pushkin (1799-1837)
Traduzzjoni ta’ Yana Psaila

Bil-lajma jgħaddu l-jiem tiegħi
U kull mument fil-qalb imdejqa kollha disperazzjoni
Qed ikattar tal-imħabba sfortunata l-gwaj
Waqt li qed iqajjem kull ħolm tal-ossessjoni.
Però nżomm fommi sieket, ma jinstemax tgedwid,
Qed nibki, id-dmugħ għalija jkun tisbir,
Qalbi maqbuda sew fil-morsa tat-tnehid
Issib fih ftit għaxqa morra u pjaċir.
Tal-ħajja s-siegħa! Tir, ma jisgħobbini xejn għalik,
Tista’ mid-dlam tinbela’, ja fatat inutli!
Qed ngħożż ta’ dil-imħabba d-disperazzjoni,
U nista’ mmut, però se nieħu l-aħħar nifs mimli passjoni!

# Hallelujah

Leonard Cohen (1934-2016)
Traduzzjoni u nota ta' Ivan Said

Issa sirt naf b'akkordju sigriet
Li David daqq u l-Mulej sabu għaxqiet
Iżda int x'tinteressak il-mużika, veru?
Jindaqq hekk, il-kwarta, il-kwinta
Il-kaduta minuri, il-passaġġ maġġuri
Mifxul is-Sultan jikteb "Hallelujah"

Hallelujah, Hallelujah
Hallelujah, Hallelujah

Int dinek sod, 'ma prova ridt
Tinħasel ilmaħtha fuq il-bejt
Sbuħitha w dawl il-qamar għelbuk
Mas-siġġu tal-kċina rabtitek
Tronok kissritlek, xagħrek qatgħetlek
U minn bejn xofftejk siltet l-Hallelujah

Hallelujah, Hallelujah
Hallelujah, Hallelujah

Ħanini, jien hawn kont diġà
Dil-kamra naf, kont fuq din l-art
Taf? Kont ngħix waħdi qabel sirt nafek
Fuq l-arkata tal-irħam, il-bandiera rajtlek
L-imħabba mhix xi marċ rebbieħ, le!
Hija biss il-kiesħa u l-imnikkta Hallelujah

Hallelujah, Hallelujah
Hallelujah, Hallelujah

Kien hemm żmien, meta kont tgħarrafni
X'kien verament għaddej hemm taħt
'Ma issa lanqas biss qatt ma turihuli, veru?
U niftakar meta dħaltlek jien
Anke t-tajra mqaddsa tħarrket
U kull nifs li ħadna kien Hallelujah

Hallelujah, Hallelujah
Hallelujah, Hallelujah

Int tgħid li fil-batal għidt ismek
Lanqas biss naf 'il dan ismek
Imma jekk lissintu, fis-sewwa, xi ġralek?
Hemm fjamma dawl f'kull kelma l'għidt
Liem' waħda smajt, ma jimportax
Jekk hix l-imqaddsa jew l-imnikkta Hallelujah

Hallelujah, Hallelujah
Hallelujah, Hallelujah

Issa, fis-sema, jista' jkun hemm xi Alla
Iżda jien, kulma tgħallimt mill-imħabba
Kif tidrob lil xi ħadd eħfef minnek
U mhix xi għajta li tisma' billejl,
Mhix ta' xi ħadd li ra dad-dawl, le
Hija biss il-kiesħa u l-imnikkta Hallelujah

Hallelujah, Hallelujah
Hallelujah, Hallelujah

Għamilt ħilti, ma kienx wisq
Xejn ma ħassejt, allura ttantajt immiss
Għidt is-sewwa, ma ġejtx biex nidħak bik
U minkejja kollox mar ħażin
Bilwieqfa quddiem Sid il-Għana nkanta
Xejn, xejn fi lsieni ħlief l-Hallelujah

Hallelujah, Hallelujah
Hallelujah, Hallelujah

Il-kanzunetta *Hallelujah* dehret għall-ewwel darba fl-album *Various Positions* li Cohen ħareġ fl-1984. Fil-bidu ftit li xejn kellha suċċess, iżda wara li ġiet irrekordjata minn John Cale u, ftit wara, minn Jeff Buckley, din saret popolari. Is-suċċess vera ta' din il-kanzunetta ġie wara li ntużat fil-film *Shrek* fl-2001. Imbagħad, kienu ħafna l-kantanti li għamlulha arranġamenti ġodda u kantawha kemm f'recordings kif ukoll f'kunċerti. Fid-dinja jeżistu aktar minn 300 verżjoni magħrufa ta' din il-kanzunetta.

L-akbar diffikultà ta' din it-traduzzjoni hi liema verżjoni kelli nittraduċi. Cohen innifsu kiteb xi 80 abbozz tal-vrus ta' *Hallelujah*. Hawn jien ittraduċejt il-verżjoni li sibt fuq http://genius.com/Leonard-cohen-hallelujah-lyrics. Barra minn hekk, waqt il-kunċerti live, Cohen stess kważi dejjem kien ibiddel il-vrus tal-kanzunetta. L-istess jista' jingħad għall-ħafna kantanti li jkantawha. Għaldaqstant, wara li smajt ħafna verżjonijiet li kanta Cohen, speċjalment il-verżjoni li kanta f'kunċert f'Londra fl-2009, assumejt ċerta libertà biex fuq din il-verżjoni għamilt xi żidiet żgħar: "Taf?" u "le!" fit-tielet strofa, "Issa" u "le" fis-sitt strofa u "xejn" (żejda) fis-seba' strofa, li lissen Cohen stess, biex b'hekk it-traduzzjoni toqrob aktar għall-verżjoni kantata u l-vers bil-Malti jinqara aħjar.

Il-verżjoni oriġinali, dik li dehret fl-album *Various Positions*, fiha diversi referenzi bibliċi. It-titlu stess *Hallelujah* ġej mill-Bibbja, ifisser "Tifħir 'l Alla" u użat l-aktar fil-kotba tas-Salmi. Referenzi bibliċi oħra huma dawk li jevokaw

l-istejjer ta' Sansun u Dalila mill-Ktieb tal-Imħallfin ("xagħrek qatgħetlek") kif ukoll għall-istorja tas-Sultan David u Batseba ("Tinħasel ilmaħtha fuq il-bejt/
Sbuħitha w dawl il-qamar għelbuk") mit-Tieni Ktieb ta' Samwel.

Ħafna minn din l-informazzjoni slittha mill-Wikipedia. Ħajr lil Mark Amaira u lil Clare Vassallo tal-pariri tagħhom.

# Resumè

Dorothy Parker (1893-1967)
Traduzzjoni ta' Kevin Saliba

Ix-xfafar iweġġgħu;
Ix-xmajjar nidjin;
L-aċidi jtebbgħu;
Bid-drogi jtik bugħawwieġ.
Il-pistoli kontra l-liġi;
L-ingassi dgħajfin;
Il-gass jinten pesti;
Immela jaqbel tgħix.

# Ode lill-Poeti

*Ode ai Poeti*

Laura Melis (1983 - )
Traduzzjoni ta' Kevin Saliba

Poeti,
li f'nawfraġju tisfgħu f'ħin id-dlam,
sfajra u fjakki
jo' milhuġa u lelà bħat-trabi appena mwielda
intom u tqimu l-qamar bħal sider bla qies.

Ngħid għalija,
li m'jien xejn għajr spażmu fil-għana tal-imsiebaħ il-lej',
'qas jien m'għandi xaba'.
Isimgħu,
poeti li mis-sebħ tħarbxu l-unku mitraħ ta' tmiem id-dinja
u li mal-lejl ilkoll kurċifissi ssiru,
issummati bħal bniet verġni wara l-ewwel darba.
Bħalkom jiena mmaxtar daż-żewġ kwiekeb mibqija
u l-fewġa friska,
nifs il-grilli fl-aħħar jiem sajfija.

Isimgħu din poeti,
lilkom biss inweġġaħ jien,
lilkom biss nagħtih dan ġismi
dil-ħaġa safja, dal-ilma tas-sebħ,

u swejda ruħi
maħqura,
f'idejn l-irġiel.

Lilkom,
poeti li tibku fl-aħħar siegħa tal-għaxija
tikka qabel il-belt tiġi tniġġes l-erwieħ muswieda,
lilkom nagħtiha l-ikbar imħabba tiegħi,
dak kollu li m'iniex,
dak li huw'iktar tassewwa minn kewnti f'did-dinja.

Lilkom,
bhejjem ċkejkna bla rpoż
li tħaffru billejl il-kanali għall-fqajra
biex jilħqu l-baħar.

Lilkom
nagħtihom l-iljieli kollha tiegħi,
ingħoddhom wieħed wieħed,
minni nċarrathom 'il dal-uliedi bniet.

Lilkom
innewwel dal-iljieli miblugħa u moħjija
fuq irjus l-imsiebaħ il-lejl
li ħadd m'għadu bihom jemmen.

Bħalhom iddu poeti,
'il fuq itilgħu 'l fuq mal-imsiebaħ il-lej' sa ddubu fix-xej'
u 'rħulha mbagħad ħa traxxax dil-ħajja tiegħi,
dil-ħajja tagħkom,
das-sigħat tagħna,
ħa jitwelldu r-raddi
– toroq ġodda għalihom fuq il-art mifdula
lejn il-baħar.

# Din l-Id li Tgħix

*This Living Hand*

John Keats (1795-1821)
Traduzzjoni ta' Salv Sammut

Din l-id li tgħix, issa sħuna u lesta
Għal qabda għatxana, għad tista'
Meta tkun kiesħa u fis-sikta tal-qabar
Hekk issaħħar lil jiemek u tkessaħ l-iljieli
Ħolmija tiegħek, li int tkun tixtieq lil
Qalbek niexfa mid-demm biex ħajja
Ħamrana terġa' tiġġerra fija fis-sliem – araha hawn hi –
Qed inressaqha lejk!

# Kostantinopli

Théophile Gautier (1811-1872)
Introduzzjoni u traduzzjoni minn Paul Zahra

Fl-1852, fi triqtu lejn l-Orjent, il-poeta, rumanzier u kritiku Franċiż Théophile Gautier (1811-1872), imlaqqam minn Baudelaire "l-poeta impekkabbli", waqaf Malta għal ftit sigħat. Iż-żjara qasira tiegħu fi gżiritna kienet memorabbli għalih. U għalhekk, immortalizzaha permezz tal-kapitlu li jġib l-isem "Malte" fil-ktieb tiegħu *Constantinople*, li fih jiddeskrivi dak li ħass u ra f'Malta, li kienet ilha diġà aktar minn nofs seklu taħt il-ħakma Ingliża.

Għal bosta vjaġġanti ta' dak iż-żmien, fosthom Flaubert, Malta donnha kienet l-antiporta li twassalhom lejn il-faxxinu tal-Orjent. F'dan il-kapitlu nindunaw li f'Malta Gautier kien diġà qed iħossu f'ambjent eżotiku mimli faxxinu storiku u mżewwaq b'kultura indiġena. Gautier idawwarna mal-Belt Valletta. Jibda minn Bieb Lascaris, u hu u josserva u jiddeskrivi t-toroq u l-pjazez u lil min jara fihom imexxina sal-Palazz tal-Gran Mastri u l-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Id-deskrizzjonijiet ta' Gautier jeħduna lura lejn il-Belt Valletta aktar minn mija u ħamsin sena ilu. B'hekk nistgħu nqisu dan il-kapitlu bħala ritratt awtentiku tagħha fl-1852.

Bħala kritiku tal-arti Gautier ma setax ma jinnotax il-pitturi, l-iskultura u l-arkitettura li ltaqa' magħhom, u fil-biċċa l-kbira jagħti kummenti pożittivi dwarhom. "Malte" mhux sempliċement kapitlu fi kwalunkwe ktieb, ninnotaw fih l-istil letterarju mirqum ta' Gautier, li kien wieħed mill-kittieba ewlenin tar-Romantiċiżmu Franċiż. Stil li hu mħallat ukoll ma' ħsibijiet filosofiċi dwar il-frugħa tal-ħajja u taż-żmien għaddej li ma jieqaf jistenna lil ħadd.

-------------------------

## *Kostantinopli*
## MALTA[1]

Sibt, f'Malta, dak id-dawl sabiħ ta' Spanja li bħalu anki l-Italja, bis-sema tagħha tant imfaħħar ma toffrix ħlief rifless bla lewn. Jagħmel temp ġenwinament ċar, u dan mhux għabex minn dawk xi ftit jew wisq imċajprin li niddekorawh bl-isem ta' jum fil-klimi Settentrijonali. Id-dgħajsa ddepożitatni fuq il-moll, u dħalt fil-Belt Valletta minn bieb Lascaris, *Lascaris-gate*, kif tgħid l-iskrizzjoni miktuba fuq il-loġġa. Dan l-isem Grieg u din il-kelma Ingliża, issaldjati b'sing, joħolqu effett bizzarr. Id-destin kollu ta' Malta hu f'dawn iż-żewġ kelmiet; taħt il-ħnejja, fil-passaġġ bħal fil-bieb tal-Ġudizzju fi Granada, hemm kappella għall-Verġni, iggradiljata, li fil-fond tagħha jnemnem musbieħ, u li l-għatba hi imblukkata mit-tallaba, li, għas-sbuħija taċ-ċraret, ma kinux se jħossuhom mhux posthom qalb il-vagabondi tal-Albajżin; il-pajjiżi sħan idiehbu ċ-ċraret imqattgħa u jqarqċuhom skont ix-xewqa għall-paletta tal-pitturi. Minn dan il-bieb, kienet ġejja u sejra folla mżewqa u kożmopolitana; Tuneżini, Għarab, Griegi, Torok, Smirnjoti, Levantini tal-iskali kollha bl-ilbies nazzjonali tagħhom, mingħajr ma jitqiesu l-Maltin, l-Ingliżi u l-Ewropej minn pajjiżi differenti.

Niftakar f'Negru twil imgeżwer, liebes għalkollox, f'għata tas-suf li fiha kien imqartas b'mod maestuż, iħokk ma' mara żagħżugħa Ingliża b'libsa tant korretta u tant strettament Brittanika daqslikieku setgħet kienet qed tirfes il-ħaxix aħdar ta' Hyde-Park jew il-bankina ta' Piccadilly; kellu dehra tant trankwilla, tant żgur minnu nnifsu fiċ-ċarruta miskina tiegħu, li ċertament ma kienx jixtieq jibdilha mal-frakk ġdid fjamant ta' *dandy* tal-Boulevard de Gand. L-Orjentali, anki l-klassijiet inferjuri, għandhom dinjità naturali sorprendenti; kienu għaddejjin hemm Torok li ċ-ċerċura sħiħa tagħhom ma kinitx tiswa aspra[2] u li stajt tistħajjilhom prinċpijiet travestiti. Din l-aristokrazija tiġihom mir-reliġjon tagħhom, li ġġegħelhom iqisu rġiel oħrajn bħala klieb: karrettuni miżbugħin ħomor kienu qed joforqu l-folla, huma u jsallbu lilhom infushom ma' vetturi bizzarri li r-roti tagħhom huma mixħutin 'il bogħod ħafna mill-kaxxa għalkollox imwassla fuq quddiem, u li jfakkru xi ftit, għax-xeħta tat-tkaxkir, fl-imriekeb ta' Lwiġi XIV fil-pajsaġġi ta' Van der Meulen. Nemmen li dan il-ġeneru ta' vettura hu partikulari għal Malta għax ma rajt bħalu mkien. Iċ-ċirkulazzjoni tagħhom hi, mill-bqija, ristretta għal ftit toroq prinċipali billi l-oħrajn kienu maqtugħin b'taraġ jew b'rampi mżerżqin.

Ġewwa l-bieb ta' Lascaris jinsab suq kollu ħajja, animat ħafna, taħt tined u barrakki b'rastiet tal-basal, xkejjer taċ-ċiċri, biċċiet tat-tadam u ħjar, pakketti

tal-filfel, ġwielaq tal-frott aħmar, u kull xorta ta' oġġetti tajbin għall-ikel mimlijin b'kulur lokali, pittoreskament mifruxin. Funtana sabiħa b'vaska tal-irħam b'Nettunu tal-bronż twil fuqha, hu u jistrieħ fuq foxxna bi tlitt isnien b'poża diżinvolta u Rokokò, joħloq effett għaxxieqi f'nofs dawn il-ħwienet. Qalb il-ħwienet tal-kafè, il-kabarejiet, il-ħwienet tal-ikel irħas, tiltaqa' 'l hemm u 'l hawn ma' taverna Ingliża, eżibita bil-kartellun tal-bieb tagħha li twassal sempliċi jew doppju, l-*old scotish-ale*, il-*pale beer* tal-*East India*, il-ġinn, il-wiski, il-*brandwine* u taħlit ieħor vitrijoliku għall-użu tas-suġġetti tal-Gran Brittanja, li jikkuntrasta b'mod bizzarr mal-luminati, il-ġuleppijiet taċ-ċiras u x-xarbiet bis-silġ tal-bejjiegħa tas-sorbetti għall-arja aperta. Il-pulizija, armati b'lenbuba qasira bl-armi tal-Ingilterra, bħal dawk ta' Londra, jimirħu b'pass regolat din il-folla Meridjonali u jġiegħlu jirrenja fiha l-ordni. Xejn mhu aktar għaqli, bla dubju ta' xejn; iżda dawn l-irġiel serji, birdin, konvenjenti fis-saħħa kollha tal-kelma, rappreżentanti impassibbli tal-liġi, iħallu effett singulari bejn dan is-sema mdawwal u din l-art sħuna. Il-profil tagħhom donnu magħmul tal-apposta biex jibbozza lilu nnifsu fiċ-ċpar ta' High-Holborn u ta' Temple-Bar.

Il-Belt Valletta, imwaqqfa fl-1566 mill-Gran Mastru li tiegħu ġġorr isimha, hi l-kapitali ta' Malta; il-Belt ta' Senglea, il-Belt Vittorjuża, li tokkupa żewġ ponot ta' art fuq in-naħa l-oħra tal-port tal-Marsa, bis-subborgi tal-Florjana u ta' Bormla, jikkompletaw il-belt, imdawra bis-swar, bil-bastjuni, bil-kontroskarpi, bil-fortijiet u bil-fortini li jirrendu kull assedju impossibbli. Ma' kull pass li tagħmel, issibek wiċċ imb wiċċ ma' kanun meta ssegwi waħda mit-toroq li jiċċirkoskrivu l-belt, bħal Strada-Levante jew Strada-Ponente. Ġibiltà nfisha mhix irrizzata aktar bi ħluq tan-nar. L-inkonvenjent ta' dawn ix-xogħlijiet hu li jħaddnu raġġ kbir ħafna u li kien meħtieġ, biex jiġu difiżi f'każ ta' attakk, gwarniġjon numeruż, dejjem diffiċli biex tmantnih u li tirrinnovah 'il bogħod mill-patrija omm.

Mill-għoli ta' dawn il-bastjuni tiskopri, kemm tagħtik il-vista ta' għajnejk, il-baħar blu u trasparenti, jiddi b'dawl imriegħed tal-ħarir immewweġ miż-żiffa u mniggeż bi qlugħ bojod. Xi sentinelli ħomor jgħassu minn distanza għal distanza; is-sħana tax-xemx hi tant qawwija fuq il-rampi, li xoqqa, stirata b'tilar ta' tieqa u milwija fuq lasta, tagħti ftit dell lis-suldati, li, mingħajr din il-prekawzjoni, kienu sa jinxwew fil-post.

Int u titla' lejn it-tieni bieb, issib knisja bi stil Ġiżwit u Rokokò, bħall-gosti tal-knejjes ta' Madrid, li ma toffri xejn kurjuż ġo fiha. Dan il-bieb, li fih tasal permezz ta' pont li jintrefa', hu dominat minn blażun trijonfali tal-Ingilterra, u l-foss tiegħu, trasformat fi ġnien, hu oskurat b'veġetazzjoni lussuża Meridjonali

ta' aħdar metalliku u żmaltat: siġar tal-lumi, tal-larinġ, tat-tin, tar-riħan, taċ-ċipress, imħawlin kif ġie ġie f'diżordni folt u affaxxinanti. Fuq is-sur, huma u jaqbżu l-għoli tat-terrazzini tad-djar, jiftħu lilhom infushom fuq l-ikħal tas-sema sensiela ta' arkati bojod huma u jinkwadraw it-triq iċċangata għal mixi tal-Pjazza Reġina, misjuba fuq l-għoli tal-belt, u li minnha wieħed igawdi dehra manjifika.

Il-Belt Valletta, għalkemm mibnija fuq pjanta regolari u, biex jingħad hekk, minn blokka waħda, mhix għaldaqstant anqas pittoreska. In-niżla estrema tal-art tikkumpensa dak li t-tħażżiż eżatt tat-toroq jista' jkollu monotonu, u l-belt titla' permezz ta' indani u ta' gradi ta' għoljiet li hi tiksi forma ta' anfiteatru. Id-djar, għoljin ħafna, bħal dawk ta' Cadiz, biex igawdu mid-dehra tal-baħar, jispiċċaw b'terrazzini tal-porċellana. Ilkoll magħmulin mill-ġebel abjad ta' Malta, speċi ta' tufa faċli ħafna li tintaġar u li biha wieħed jista', mingħajr spejjeż kbar, jinħela f'kapriċċi ta' skultura u ta' ornamentazzjoni. Dawn id-djar rettilinji jixirqu b'mod ammirevoli u għandhom id-dehra tal-grandezza u tal-forza li jafuha għall-assenza tas-soqfa, tal-ħarriġiet u tal-kmamar 'il fuq mill-gwarniċuni. Jaqtgħu b'mod ċar b'angoli retti fuq l-ikħal tas-sema, li l-bjuda tagħhom iġġiegħlu jidher aktar intens; iżda dak li jagħtihom karattru oriġinali huwa l-gallariji proġettati 'l barra, imwaħħlin fuq il-faċċati tagħhom donnhom il-*moucharabieh* Għarab jew ir-*rairadores* Spanjoli. Dawn il-gaġeġ bil-ħġieġ, imżejnin bil-fjuri u bl-arbuxxelli, u li jixbhu lis-serer proġettati 'l barra mid-dar, iġorru fuq mensuli u modiljuni b'disinn spirali, amberżuni bis-snien, forma ta' weraq mgħawweġ, f'forma ta' kimeri ornamentali tal-fantasija l-aktar varjata.

Il-gallariji jifirdu fortunatament il-linji tal-faċċati u, meta tarahom mit-tarf ta' triq, jippreżentaw profili mill-aktar sbieħ; id-dellijiet li jċarrtu bis-saħħa tal-bunjiet b'saħħithom tagħhom jaqtgħu appropożitu mat-ton ċar tal-faċċati. Iż-żraġen tal-piżelli ta' Alġiers, l-istilel ħomor tal-ġeranju, il-fjuri tal-porċellana ta' pjanti ħoxnin, li jaqbżu 'l barra mix-xifer tal-vetrini miftuħin, iferrħu bil-kuluri vivaċi tagħhom il-blu u l-abjad, it-ton lokali tal-inkwatru. Hu f'dawn it-torrijiet tal-għassa li n-nisa tal-klassi stabene ta' Malta jgħaddu ħajjithom, huma u jgħassu għall-iċken nifs taż-żiffa tal-baħar, jew ikkollassati taħt l-influwenzi irritanti tar-riħ isfel. Wieħed jilmaħ mit-triq driegħhom abjad imserraħ u jara tleqq ir-rokna tal-ħabba t'għajnhom sewda, li tnessik b'mod pjaċevoli mill-kontemplazzjonijiet arkitettoniċi tiegħek. — In-nisa Maltin, ħaġa rari fost in-nisa li jħallu lilhom infushom jitmexxew fi lbieshom pjuttost mill-moda milli mill-gosti, kellhom is-sens tajjeb li jikkonservaw il-kostum nazzjonali

tagħhom, tal-anqas fit-triq. Dan l-ilbies, imsejjaħ *faldetta*, jikkonsisti fi speċi ta' dublett bi tfassila partikulari u bih jgħattu rashom huma u jwessgħu jew idejqu l-apertura, miżmuma minn qasba żgħira tal-għadam tal-baliena, li skont kif jilbsuha jħallu ftit jew wisq jidher wiċċhom. Il-faldetta hi b'mod uniformi sewda bħall-kostum iswed tal-ballu bil-maskri, li tiegħu għandha l-vantaġġi kollha, flimkien ma' grazzja rifjutata lill-ixkejjer tas-satin deformi li jpespsu fil-karnival fis-sala tal-Opéra; jaħbu ħadd wieħed u għajn waħda mill-ġenb mill-persuna li minnha ma jixtiqux li tarahom, jixħtu lura mill-ġdid il-faldetta jew itellgħuha mill-ġdid sa mneħirhom, skont iċ-ċirkustanzi. Hu l-ballu bil-maskri trasportat f'nofs tat-triq. Taħt il-kapoċċ tat-tafta sewda, li pjuttost jixbah lit-tereżijiet ta' nannietna, jilbsu abitwalment libsa roża jew lelà bi pnatar kbar. Sa fejn stajt niġġudika dwarhom meta żiffa propizja ttajjar il-velu misterjuż, in-nisa Maltin jixbhu lit-tip Orjentali b'għajnejhom kbar Għarab, il-kulur tal-ġilda pallida u mneħirhom ġeneralment bil-ponta milwija. Billi ma stajtx nara wiċċ sħiħ, iżda l-ħabba tal-għajn ta' dan, l-imnieħer tal-ieħor, il-ħadd ta' ieħor bħalu, u ebda geddum (ħlief fit-twieqi, imċekken mill-għoli), billi l-faldetta tiksihom, ma niġġudikax b'mod definittiv, u qed inwassal l-osservazzjoni tiegħi għal dak li tiswa.

Il-Gwidi tal-Vjaġġant u x-xogħlijiet speċjali ta' ġeografija jippretendu li n-nisa Maltin għandhom it-tempra namura u l-qalb dgħajfa. M'iniex Don Giovanni biżżejjed traxxendentali biex niżgura jien stess il-verità ta' din l-asserzjoni f'waqfa ta' ftit sigħat; iżda d-djar għandhom żewġ jew tliet sulari ta' miradori, in-nisa jilbsu b'mod uniformi fuq rashom dublett li hu l-ekwivalenti tal-maskra Venezjana tal-qedem u tal-mantilja Spanjola attwali, ix-Xlokk jonfoħ tlitt ijiem minn erbgħa, it-temperatura ordinarjament hi ta' tmienja u għoxrin grad ta' sħana, idoqqu l-kitarra fit-toroq, filgħaxija, u l-uffizzji huma bil-bosta segwiti. Barra minn hekk hu diffiċli li tkun b'mod puritan bla ħrara bejn Sqallija u l-Afrika. Din il-permessività hi attribwita, dejjem mill-istess kotba serji, għall-korruzzjoni tal-kavallieri ta' Malta; iżda l-povri kavallieri ilhom reqdin bosta snin taħt l-oqbra tagħhom tal-mużajk, fil-knisja ta' San Ġwann, u l-ħtija, jekk hemm ħtija, hi kollha kemm hi tax-xemx. Dak kollu li nista' ngħid hu li huma dehruli sħan ħafna libsin b'dan il-mod huma u jqiegħdu mneħirhom mat-tieqa mill-fetħa ta' dan id-dublett.

Niġġerra mingħajr ma naf fejn sejjer, qed niltaqa' ma' rkejjen ta' triq affaxxinanti u li kienu se jferrħu akkwarellist. Il-gallariji jiksu l-kantuniera u jifformaw diversi sulari ta' turretti jew ta' loġoġ, skont id-dimensjoni tagħhom. Madonna jew qaddis bid-daqs ta' bniedem, b'rashom taħt baldakkin tal-

ġebel, b'sieqhom fuq pedestall enormi bi ħżiem forma ta' spirali mkemmxin, jippreżentaw lilhom infushom bla ma tistenniehom għall-adorazzjoni tal-persuni devoti u għal-lapes ta' dawk li jiskeċċjaw; lanterni kbar, sollevati permezz ta' arbli b'xogħol tal-ħadid ikkumplikat, idawlu dawn l-immaġnijiet devoti u jfornu motivi ta' disinn sbieħ. Ma kontx qed nistenna li nsib slaleb it-toroq tant Kattoliċi f'Malta Ingliża. Taħt il-parti l-kbira ta' dawn l-istatwi huma miktubin, taħt skrolli mdawrin, skrizzjonijiet ta' din ix-xorta: "Mgr Fernando Mattei, Isqof ta' Malta, jew l-Eċċellenza tiegħu r-Reverendissimu Dun F. Saverio, jagħti erbgħin jum ta' indulġenza lil dawk kollha li jgħidu *Pater*, *Ave* u *Gloria* quddiem l-immaġni tas-Santissima Verġni jew ta' San Franġisku Borgia, imqegħdin hawn bis-saħħa tagħhom." Billi tkellimt dwar skultura sagra, se npoġġi hawn dettall tassew bizzarr li rrimarkajt fuq bieb kbir ta' knisja.

Dawn huma rjus ta' mewt bi mkatar tal-għonq forma ta' ġwienaħ ta' farfett. Dan il-ġeroglifiku stil Rokokò, funebri tar-renju ta' Lwiġi XV, tal-qosor tal-ħajja deherli jassoċja b'mod ġdid l-emblemi tal-*boudoir* mal-ornamenti tal-qabar. Wieħed ma jistax ikun sepulkrali b'mod aktar galanti, u l-idea ħtiġilha tkun imżiegħla minn xi ċkejken *abbé* tal-qorti. Jekk is-sens ta' din l-enigma funebri kien ċar għalija, ma kienx l-istess dak ta' bassoreliev li rajt fuq il-bieb ta' diversi djar u li jirrappreżenta, b'varjanti ħfief, mara għarwiena mgħaddsa fil-fjammi sa qaddha, hi u tgħolli driegħha lejn is-sema. Bandalora ġġorr il-kelma inċiża: Valletta. Malti li nikkonsulta jispjegali li r-renta tad-djar indikati b'dan il-mod tmur għall-konfraternanza tal-erwieħ tal-Purgatorju wara mewt il-proprjetarji tagħhom, li għalihom kienu jsiru talb u quddisiet. Dik il-mara għarwiena tissimbolizza r-ruħ.

Il-palazz tal-Gran Mastri, illum il-palazz tal-Gvern, ma għandu xejn b'mod tajjeb rimarkabbli bħala arkitettura. Id-data tiegħu hi reċenti u ma jweġibx għall-idea li wieħed jagħmel lilu nnifsu tar-residenza tal-Villiers de l'Ile-Adam*ijiet*, tal-Lavalette*ijiet* u tas-suċċessuri tagħhom. Madankollu għandu preżenza biżżejjed monumentali u jħalli effett sabiħ fuq din il-pjazza kbira, li jokkupa waħda mill-ġnub tagħha. Żewġ bibien b'kolonni rustiċi jiksru l-uniformità ta' din il-faċċata; mirador immens, hu u jagħmel gallerija interna, u miġrur fuq klejbiet skolpiti, idur ftit viċin mal-għoli tal-ewwel sular, u jagħti lill-edifiċju s-siġill ta' Malta. Dan id-dettall għalkollox lokali jivvalorizza dak li din l-arkitettura setgħet kellha ċatt. Dan il-palazz, vulgari fil-manjifiċenza tiegħu, b'dan il-mod kien qed isir oriġinali. — L-intern, li żort, joffri sensiela ta' swali vasti u ta' gallariji hu u jsakkar pitturi li jirrappreżentaw battalji fuq l-art u l-baħar, assedji, tlugħ fuq ix-xwieni Torok u xwieni tar-Reliġjon (hu

b'dan il-mod li jissejjaħ kollettivament l-Ordni ta' San Ġwann) ta' Matteo da Lecce. — Hemm ukoll pitturi ta' Trevisan, ta' Espagnolet, ta' Guide, ta' Calabrese u ta' Michelangelo da Caravaggio.

Iċ-ċiċeronjan[3] iġiegħlek tippassiġġa f'appartamenti kbar bl-art miksija twapet tal-qasab fini, bil-kolonni tal-*istucco* jew tal-irħam, bit-tapizzeriji magħmulin b'għollieqa għolja tal-ispag tan-newl skont Martin de Voos jew Jouvenet, bis-soqfa tal-injam forma ta' djamanti jew kwadrati, aġġustati, b'xi ftit jew wisq tal-gost, għad-destinazzjoni attwali: il-blażunijiet u x-xbihat tal-Gran Mastri jfakkru 'l hemm u 'l hawn fl-abitanti antiki ta' dan il-palazz kavalleresk li sar residenza Ingliża; kont sorpriż insib hemm xbieha mpittra minn ta' Lawrence[4], Ġorġ III jew IV, kollu satin abjad u skarlatt, hu u jħares lejn Lwiġi XVI impinġi b'mod pjuttost tajjeb, għalkemm anqas ilellex b'riflessjonijiet immadriperlati mill-monarka Ingliż. Waħda mis-swali enormi, meta għaddejt Malta, kienet imħejjija f'sala ta' ballu, u ma' waħda mill-kolonni kienet imdendla l-karta stampata tal-valzijiet, tal-polki u tal-kwadrilji; dan id-dettall, tassew naturali għaldaqstant, ġegħelna nitbissmu; kien sa jkun qed iferraħ id-dellijiet tal-kavallieri żgħażagħ jekk kien jogħġobhom jiġu lura billejl fir-residenza l-antika tagħhom: ix-xjuħ burużi kienu sa jħossuhom offiżi weħedhom fiha, billi dawn il-patrijiet suldati kienu jgħaddu tassew ħajja ferħana, u l-bereġ tagħhom kienu jixbhu aktar il-każermi milli l-monasteri. It-tron tal-Ingilterra, bit-tużell, bl-istemmi u bil-pavaljuni tiegħu, kien qed jgħolli lilu nnifsu b'mod kburi flok il-post tal-pultruna li kien jokkupa l-Gran Mastru tal-Ordni, u x-xbihat ta' litografija kkulurita tal-proġenitura numeruża tal-Prinċep Albert u tar-Reġina Vittorja, kif dan kien xieraq li jkun għand kull sudditu leali, huma mdendlin mal-ħitan ta' stagħġib ta' dan il-kenn taċ-ċelibat.

Kont kieku xtaqt inżur il-mużew tal-korazzi, immiss dawk l-elmijiet mibruxin bix-xfafar ta' Damasku, dawk il-korazzi mħattbin bil-ġebel tal-katapulti u li taħthom ħabbtu tant qlub nobbli: dawk it-tarki mpinġijin b'elementi araldiċi tas-salib tal-Ordni u li fihom kienu jwaħħlu lilhom infushom huma u jitriegħdu l-vleġeġ Saraċini; iżda, wara siegħa ta' stennija u ta' tfittxija, qaluli li l-għassies kien mar fil-kampanja u kien ġarr iċ-ċwievet miegħu. Ma' dik it-tweġiba mill-isbaħ, emmintni għadni fi Spanja, fejn, bilqiegħda quddiem bieb ta' kwalunkwe monument, kont nistenna li l-purtinar seta' mnejn spiċċa s-sjesta tiegħu u kellu mnejn jixtieq tassew jiftaħli. Kelli għalhekk nirrinunzja li nara dak il-fdal ta' ħadid erojku u niddirieġi l-ġirja tiegħi band'oħra.

Biex nispiċċa mill-kavallieri, iddiriġejt lili nnifsi lejn il-knisja ta' San Ġwann, qisha l-Panteon tal-Ordni. Il-faċċata, bi frontun triangulari, b'żewġ kampnari mal-ġenb li jispiċċaw b'turretti tal-ġebel li ma kellhomx għalkollox bħala ornament ħlief erba' plieri akkoppjati u superimposti u minfudin b'tieqa u b'bieb mingħajr skultura u mingħajr arabesk, ma tippreparax il-vjaġġant għall-manjifiċenzi ta' ġewwa. L-ewwel ħaġa li twaqqaf il-ħarsa, hi ħnejja immensa mpinġija bl-affreski li testendi mat-tul kollu tal-korsija; dan l-affresk, sfortunatament deterjorat biż-żmien, jew pjuttost mill-kwalità ħażina tat-tikħil, hu ta' Mattija Preti, imsejjaħ il-Calabrese, wieħed minn dawk l-imgħallmin kbar sekondarji li, jekk huma xi ftit anqas inġenjużi, għandhom kultant aktar talent mill-prinċpijiet tal-arti. Ix-xjenza, l-abbiltà, l-intelliġenza, l-abbundanza u r-riżorsi li hemm f'din il-pittura kolossali, li ftit li xejn jitkellmu dwarha, huma verament inimmaġinabbli.

Kull diviżjoni tal-ħnejja taqfel suġġett mill-ħajja ta' San Ġwann, li għalih il-knisja hi dedikata, u li kien il-patrun tal-Ordni. Dawn id-diviżjonijiet huma sollevati, mas-suffitti tagħhom, bi gruppi ta' priġunieri. Saraċini, Torok, Kristjani jew oħrajn, nofshom għarwenin jew mgħottijin b'xi fdal ta' korazza mkissra, f'qagħdiet umiljati u kostretti, speċijiet ta' karjatidi barbari b'mod tajjeb approprjati għas-suġġett. Din il-parti tal-affresk hi mimlija b'karattru u bi tqanqil ta' interess u tibbrilla b'forza ta' kulur rari f'dan il-ġeneru ta' pittura. Dawn l-isfumaturi ta' kuluri solidi jġiegħlu joħorġu l-isfumaturi ħfief tal-ħnejja u jġiegħlu jaħarbu s-smewwiet bi profondità kbira. Ma nafx bi strataġemma daqstant kbira ħlief is-saqaf ta' Fumiani fil-knisja ta' San Pantaljun, f'Venezja, li tirrappreżenta l-ħajja, il-martirju u l-apoteożi tal-qaddis ta' dan l-isem. Iżda d-dewqa tad-dekadenza tinħass anqas fix-xogħol tal-Kalabriż milli f'dak tal-Venezjan. Jekk wieħed jixtieq jagħraf sew l-alliev ta' Guerchin, hu f'Malta, fil-knisja ta' San Ġwann, li jeħtieġlu jiġi. Bħala kumpens għal din il-biċċa opera ġganteska, Mattija Preti kellu l-unur li jkun magħmul kavallier tal-Ordni, bħal Caravaggio.

Il-paviment tal-knisja kompost minn erba' mitt qabar ta' kavallieri, ingastati bid-djaspru, bil-porfirju, bi rħam aħdar antik, bi breċċ ta' kull kulur, li għandhom imnejn jifformaw il-mużajk funebri l-aktar splendidu; qed ngħid għandhom imnejn, għax, fil-mument taż-żjara tiegħi, kienu miksijin b'dawk it-twapet tal-qasab immaljat li bihom jittapizzaw il-knejjes Meridjonali; użu li jispjega lilu nnifsu bin-nuqqas ta' siġġijiet u l-abitudni li wieħed jinżel għarkupptejh mal-art biex iwettaq id-devozzjonijiet tiegħu. Iddispjaċieni bi qtigħ għal dan; iżda l-kappelli u l-kripta jikkontienu biżżejjed rikkezzi sepulkrali biex jindennizzawk.

Dawn il-kappelli, estremament ornati bl-arabesk, bil-voluti, bid-disinni ta' friegħi bil-weraq u bil-fjuri skulturati mħalltin mas-slaleb, mal-blażunijiet, mal-fjurdulis, kollox indurat b'deheb tad-dukati, jissorprendu bir-rikkezzi tagħhom lil dawk li ma jafux ħlief il-knejjes ta' Franza, b'għera tant severa u b'melankonija tant romantika. Din il-profużjoni ta' ornamenti, dan l-indurar, dan l-irħam varjat jidhru għall-Franċiżi li jixirqu pjuttost għad-dekorazzjoni ta' palazz jew ta' sala ta' ballu, billi l-Kattoliċiżmu tagħna hu xi ftit Protestant.

Il-qabar ta' Nicolas Cotoner, wieħed mill-Gran Mastri li kkontribwew l-aktar għall-isplendur tal-Ordni u li nefqu l-ġid privat tagħhom biex jiddotaw lil Malta b'monumenti utli u lussużi, mhux ta' gost wisq tajjeb, iżda hu rikk u msawwar minn materji prezzjużi. Hu jikkonsisti f'piramida mwaħħla mal-ħajt, li tiddomina sfera inkroċjata li jakkumpanjawha divinità allegorika ddoqq trumbetta u anġlu żgħir iżomm il-blażun tal-Cotoneri. Il-bust tal-Gran Mastru jokkupa l-qiegħ tal-piramida fiċ-ċentru ta' trofew ta' elmijiet, ta' kanuni, ta' busijiet, ta' bnadar, ta' tarek, ta' mnanar għat-tlugħ fuq ix-xwieni u ta' lanez. Żewġ skjavi għarkupptejhom, driegħhom marbutin wara daharhom, u b'wieħed minnhom idur lura donnu qed jirribella, iġorru l-vaża u jiffurmaw il-pedistall. Iddeskrivejt dan il-qabar bid-dettall, billi hu bħat-tip tal-oħrajn, li fihom l-emblemi tal-fidi jitħalltu mas-simboli tal-gwerra, bħalma hu konvenjenti għal Ordni fl-istess waqt militari u reliġjuż. Jeħtieġ ukoll tingħata daqqa t'għajn lill-musulew tal-Gran Mastru Rohan, bil-bosta manjifiku u ħelu ħafna, u lil dak ta' Don Ramon de Perillas, il-Gran Mastru Spanjol, li l-armi kelliema tiegħu huma mħalltin mas-slaleb u mal-lanġas.

Rajt dawn l-oqbra kollha mingħajr ebda impressjoni oħra ħlief it-tristezza rispettuża li jagħti dejjem bniedem ħaj hu u jaħseb dwar il-ġebla li warajha hemm moħbi bniedem li għex u ħaseb bħalu. Iżda ma stajtx ma nkunx emozzjonat jien u niltaqa' mal-liwja ta' loġġa ma' rħama ffirmata Pradier, b'dawk il-karattri nofshom Griegi, nofshom Franċiżi u dik is-*sigma* eteroklita li lilha kien xtaq jagħti l-forza kollha tal-valur ta' *epsilon*! L-aħħar linji li kont ktibt fi Franza, sagħtejn qabel it-tluq tiegħi, kienu għelew il-mewt ħabta u sabta ta' dan l-artist maħbub, li seta' kompla joħloq tant kapulavuri. Kont qed insib, mingħajr ma stennejt, f'Malta waħda mill-istatwi b'mod mill-aktar grazzjuż melankoniċi tiegħu, li fiha kien għaraf jikkonserva fil-mewt l-għaxqa kollha taż-żgħożija, dik tal-isfortunat Konti de Beaujolais, li konna tant ammirajnieha fis-*Salon*, għaxar snin ilu. Il-mewt reċenti kienet imfakkra lili b'qabar diġà qadim, jekk l-oqbra għandhom żmien u jekk il-piramida ta' Keops hi ixjaħ mill-fossa magħluqa lbieraħ f'Père-Lachaise. Hieni madankollu hu dak li jħalli bħala

wirt ismu mal-materja l-aktar iebsa li jista' jkun hawn u jiżgura b'opri sbieħ l-immortalità relattiva li l-bniedem jista' jiddisponi minnha!

Kappella sotterrana, pjuttost traskurata, taqfel fiha s-sepolturi ta' Villiers de l'Ile-Adam, ta' la Valette u ta' Gran Mastri oħrajn mimdudin ġol-korazzi tagħhom fuq bċejjeċ ta' kolonni b'tiżjin araldiku, sollevati minn iljuni, għasafar u kimeri; xi wħud tal-bronż, oħrajn tal-irħam jew minn xi materja oħra prezzjuża. Din il-kripta ma għandha xejn misterjuż, lanqas funebri. Id-dawl tal-pajjiżi sħan hu wisq vivaċi biex jislef lilu nnifsu għall-effetti tal-kjaroskur tal-katidrali Gotiċi.

Qabel ma nħallu l-knisja, ma ninsewx insemmu grupp ta' *San Ġwann jgħammed lil Kristu* tal-iskultur Malti Gaffan, impoġġi fuq l-artal maġġur, mimli talent, għalkemm b'xi ftit manjeriżmi, u pittura ta' feroċità mill-isbaħ, ta' Michelangelo da Caravaggio, li għandha bħala suġġett il-qtugħ ir-ras tal-istess qaddis. Minn bejn it-trab tal-abbandun u d-duħħan taż-żmien jinsiltu biċċiet ta' realiżmu sorprendenti, arkati kuluriti u stil ta' enerġija straordinarja.

Il-ħin għaddej, u l-vapur mhux se jistenna lil dawk li jiddawru. Ejjew niġġerrew għal darb'oħra fi triq San Ġwann u fil-pittoreska Santa Ursula, bil-gallariji saljenti tagħhom, il-ħwienet li jirrigawhom, il-folla li titla' u tinżel b'mod perpetwu t-taraġ tagħhom, Strada Stretta, li kellha fl-imgħoddi l-privileġġ li sservi ta' terren għad-dwellisti tal-Ordni, mingħajr ma dawn setgħu jiġu mfixklin; nagħtu ħarsa, mill-għoli tas-swar, fuq dik il-kampanja kannella, diviża b'ħitan tal-ġebel, mingħajr dell u mingħajr veġetazzjoni, devorata minn xemx ħarxa; inħarsu lejn il-baħar mill-għoli ta' pjazza Reġina, żmaltata bl-oqbra Ingliżi; naqsmu bid-dgħajsa l-Marsa, niġġerrew mat-triq wiesgħa ta' Senglea u nitilgħu abbord bid-dispjaċir li ma stajniex inġorru magħna par minn dawk il-vażuni sbieħ tal-ġebel ta' Malta li l-abitanti jnaġġru bis-sikkina b'mod mill-aktar inġenjuż u mill-aktar eleganti.

Saru l-erbgħa u nofs, u l-vapur refa' l-ankra fil-ħamsa. — Divertiment għalkollox lokali kien riżervat għalina donnu bukkett tal-waqfa wisq qasira tagħna f'Malta. Dgħajjes żgħar dawruna mgħobbijin b'subien għarwenin għalkollox. Il-Maltin jgħumu donnhom papri għadhom kif ħarġu mill-bajda, u huma għaddasa eċċellenti. — Minn abbord xħetnielhom mill-għoli biċċa tal-fidda fil-baħar; l-ilma hu limpidu fil-port, li stajna narawha tinżel sa għoxrin pied fond. Is-subien kienu jkunu għassa għall-waqgħa tal-munita, jgħoddsu immedjatament għal warajha u jaqbduha tlieta minn erba' darbiet, eżerċizzju xejn anqas favorevoli għal saħħithom mill-borża tal-flus tagħhom. Se jkollkom tiskużawni li m'iniex se nkellimkom dwar il-katakombi, dwar il-għolja ta'

Benġemma, dwar il-fdalijiet tat-tempju ta' Erkole, dwar il-grotta ta' Kalipso, billi l-għorrief jippretendu li Malta hi l-Oġiġja ta' Omeru: ma kellix il-ħin li narahom, u mhux lant li nikkopja dak li ntqal dwarhom minn oħrajn.

Għada, matul in-nofstanhar ta' filgħodu, se nilmħu xtut il-Greċja. M'iniex klassiku mherwel, lil hinn minn dan, madankollu din l-idea qed tinkwitani. Inħoss dejjem apprensjoni nara tissawwar fir-realtà art imbassra mit-tfulija miċ-ċpar tal-ħolm poetiku.

**Noti**

1 Théophile Gautier, *Constantinople*, Bibliothèque-Charpentier, Paris, 1891, pp. 20-33.

2 Munita Torka.

3 Jiġifieri gwida elokwenti.

4 Sir Thomas Lawrence (1769-1830). Il-pittur ritrattista favorit tar-Re Ġorġ IV.

# NEKROLOĢIJA

# L-Għawdxi li rebaħ l-Insularità: Pawlu Mizzi (1929-2019)

Sergio Grech

It-Tnejn, 5 ta' Awwissu 2019, filgħodu kelli nintervista lil Joseph Mizzi, iben Pawlu Mizzi, fuq l-istazzjon Campus FM. Messaġġ kmieni mingħand Joe, kwarta qabel saru s-sebgħa ta' filgħodu, għarrafni li mhux se jattendi għall-intervista li konna ppjanajna.

Fil-jiem ta' qabel, tista' tgħid li Joseph kien qed jaġġornani kuljum u spiss ħafna dwar saħħet missieru li bil-mod il-mod kienet qed tnin u sejra lura bħall-granċ. Joseph kien qalbu maqtugħa li missieru did-darba kien se jeħlisha għalkemm niftakru jirrimarka li, minkejja d-dgħufija tal-ġisem fuq l-għatba tat-territorju tal-mewt, missieru kien "fighter."

Bla ma ridt, staqsejtu kif inhu u Joe weġibni xott xott, "Ħażin." Sakemm wasalt ir-radju, Pawlu Mizzi laħaq miet.

Joseph ħabbar mewt missieru b'mod mill-iżjed kommoventi. Bla ma jaf, forsi kien qed iħaddem l-intensità tal-poeżija. Ritratt ta' idu tagħfas id missieru. L-aħħar għafsa bejn il-missier u l-iben, u żied il-kliem: "L-aħħar għafsa. Issa baqa' biss l-għafsa ta' qalb."

Ma' dak il-post fuq Facebook, segwiet xita ta' kondoljanzi għall-bniedem ta' importanza nazzjonali.

Għax min hu Pawlu Mizzi jekk mhux figura nazzjonali li żewwaq waħda mill-isbaħ paġni tal-istorja ta' Malta meta welled, b'sagrifiċċju mhux żgħir, il-Klabb Kotba Maltin (KKM) f'epoka meta x'taqra bil-Malti kien limitat ħafna? Meta ma kien hawn xejn jew ftit. Pawlu Mizzi ħareġ lil Malta mil-letteratura tal-faxxikli.

Pawlu Mizzi l-ewwel nett telaq minn żvantaġġ. Kien Għawdxi u bħala bin Għawdex kellu jbati u jsofri mill-iżolament ta' gżira li għal snin twal kienet meqjusa bħala gżira tat-tieni klassi. Ironikament gżira li ċerti politiċi kienu jiftakru fiha biss meta tasal l-elezzjoni ġenerali.[1]

Paradossalment, Għawdex kellu jara s-'sekli' biex tidħol l-idea ta' infrastruttura ġusta u moderna fl-isferi ġenerali tal-ħajja, bir-riżultat li, pereżempju, Għawdex ftit seta' jipprovdi xogħol lil uliedu u maż-żmien sar presepju nostalġiku. Kien hemm żminijiet meta Malta għamlet lil Għawdex kolonja tagħha indirettament.

U dan ġab l-emigrazzjoni sfurzata fejn Għawdex tilef ħafna riżorsi li kienu tiegħu bi dritt u li l-Għawdxin kienu obbligati jinżlu Malta biex ifendu għal rashom, jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum u jiffurmaw il-familja tagħhom hemm.

Pawlu kien wieħed minnhom. Imma l-emigrazzjoni sfurzata dawwarha f'opportunità.

Imwieled fil-belt ewlenija ta' Għawdex, b'familtu u razztu taħt il-ħarsien tal-bażilika ta' San Ġorġ, kellu jimxi lejn Malta mingħajr qatt ma ċaħad l-identità Għawdxija. Martu Marija kienet temmen li dan se jkun passaġġ għal ftit u l-familja terġa' lura Għawdex. Imma l-istorja ġrat mod ieħor.

San Ġorġ baqa' qalb l-interessi tiegħu u anki ppubblika riċerka tiegħu dwar il-bażilika – suġġett li għal xi żmien kien iqanqal polemika. Il-mużew Il-Ħaġar, mużew li l-bażilika Ġorġjana impossibbli ma tkunx kburija bih, tah l-isem hu. Ma naqsux ukoll kontribuzzjonijiet fil-pubblikazzjoni annwali tas-Soċjetà Filarmonika La Stella għall-festa ta' San Ġorġ.

Il-kapulavur ta' Pawlu jibqa' l-Klabb Kotba Maltin. Il-klabb telaq bi premessa importanti, li jipprovdi dak li fis-suq ma kienx komuni. Il-ktieb. Mizzi, sakemm jasal hawn, ried jitla' diversi telgħat u skaluni. Qabel imma ssaħħaħ billi għal xi żmien kien ħadem ta' għalliem, librar kif ukoll fil-ġurnaliżmu u l-istampar. Kien għamel xi żmien imexxi l-istamperija Il-Ħajja wara Dun Saverin Bianco.

Ilkoll ħiliet li sabhom meta ġie għall-opra kbira tiegħu. Ma' Pawlu Mizzi l-ktieb jidħol fl-era tal-kwalità. Bosta drabi fil-bidu stampat mil-Lux Press, minn fejn kienet toħroġ ukoll il-gazzetta *The Bullettin* – gazzetta ta' filgħaxija li, għalkemm indipendenti fis-snin tat-taqbid, kienet tiffavorixxi lill-PN ta' Borg Olivier.

Pawlu Mizzi skopra awturi ġodda u ħass il-polz ibaqbaq tal-letteratura l-ġdida, u l-opportunitajiet ħatafhom. Ma beżax jieħu r-riskju b'awturi żgħażagħ u ġodda li kienu qed jippreżentaw kitba għalkollox differenti minn dawk ta' Chetcuti, Aquilina, Galea u l-bella kumpanija.

Il-KKM jibda bir-rumanz *Il-Gaġġa* ta' Frans Sammut u jkompli b'ġabra ta' poeżija moderna li għaliha l-appell għall-bejgħ kien ristrett. Pawlu Mizzi fehem minn kmieni li jista' jkollu suċċess biss jekk jiddiversifika l-prodott, anki jekk kien jaf li ċerti ġeneri kienu se jimxu iktar minn oħrajn. Kien jaf ukoll li kien se jkollu jagħmel xi sagrifiċċji għax xi kotba kienu se jzappu u ma jiġborhomx.

Mal-istorja kreattiva inkluda wkoll ir-riċerka storika. Minn tal-ewwel fil-qasam, il-ktieb ta' Henry Frendo dwar Manwel Dimech – figura li ma kinitx tinżel għasel ma' kulħadd, inkluż, ngħidu aħna, mal-Arċisqof Gonzi. Imma Pawlu daħal għalih u ħareġ *Lejn Tnissil ta' Nazzjon*. Kienet il-fażi meta bdew jidhru l-kopertini ta' Mario Azzopardi li bi vrusu kien qed jisfida l-istatus quo u kellu allerġija għall-kitba Romantika.

Mizzi inkluda wkoll fost l-ewwel kotba traduzzjoni għall-Malti ta' Ġużè Aquilina tar-rumanz *Le Chant de la Noria*, li nkiteb minn Laurent Ropa. Trevor Żahra beda mal-Klabb ta' Mizzi bir-rumanz *Is-Surmast*. U hekk beda l-ktieb tax-xahar.

Maż-żmien Pawlu Mizzi fehem li ma setax jinjora r-riċerka dwar Malta bl-Ingliż sakemm waqqaf il-Midsea Books – illum atturi ewlenin f'dan il-kamp u rebbieħa ta' diversi premjijiet letterarji. Il-Midsea Books kienet ta' żvog għal ħafna akkademiċi li f'Malta ftit kellhom opportunitajiet li jippubblikaw ir-riċerki tagħhom.

Fost il-kisbiet il-kbar ta' Pawlu ta' min isemmi *Il-Miklem Malti* ta' Erin Serracino Inglott, il-*Maltese-English Dictionary* ta' Ġużè Aquilina u l-enċiklopedija *Heritage*. Mizzi kien ipperswada wkoll lill-Ministru Philip Muscat biex Malta jkollha l-Fiera tal-Ktieb bħal pajjiżi oħra, u fl-aqwa tagħha l-Fiera kien ikollha wkoll esibituri barranin. Fil-lista ta' min iżid il-memorji ta' Anton Buttigieg u dawk ta' Monsinjur Charles G. Vella. Il-ktieb kien ġie mniedi l-Phoenicia Hotel. Ma' Marisa Attard kien ħareġ *Vokabularju għat-Tfal bl-Istampi* biex sa minn età żgħira t-tfal isibu ħabib. Kien hemm ukoll is-sensiela ta' kotba ewlenin facsimile, fosthom il-*Malta Antica Illustrata* u diversi oħrajn.

Pawlu ħa ħsieb li jippubblika għadd ta' leġġendi għat-tfal, u niftakru jispjegali waqt intervista fuq Campus FM li ħass li fis-sitwazzjoni li kien għaddej minnha l-pajjiż, ried ikun politikament korrett. Għalkemm mhux kulħadd kien qabel ma' dik l-istrateġija.

Sadanittant wieħed josserva kif il-KKM baqa' negozju fil-familja, u dan kien fattur li żamm il-proġett għaddej b'tant dinamiżmu.

Fl-aħħar żminijiet ta' ħajtu qabel marad, Pawlu Mizzi beda jikteb fir-rivista tad-djoċesi Għawdxija *Il-Ħajja f'Għawdex*, fejn kiteb sensiela interessanti dwar karattri Għawdxin li baqgħu friski fil-memorja tiegħu li kienu ħaqqhom tal-anqas profil biex ma jintesewx.

Kburi ngħid li lil Pawlu Mizzi ilni snin twal insegwih. Biss biss niftakru ta' tifel inżur il-Fiera tan-Naxxar u kont narah ma' martu u probabbli ma' wliedu Joseph u Anna jbigħu l-kotba fuq l-istand.

Maż-żmien Pawlu serva wkoll fil-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, li tiegħu jien kont l-ewwel Direttur Eżekuttiv. Niftakar li l-ewwel laqgħa bdiet bi trikki trakki bejni u bejnu, imma ħadd minna qatt ma żamm għal xulxin. Kien bdil ta' ideat. Dakinhar lil Pawlu niftakru jirribattini u jgħidli li ktieb mingħajr pubblikatur ma jiswiex karlin!

Niftakar lil Pawlu fil-Fiera tal-Ktieb f'Dar il-Mediterran jirrakkontali dwar il-Fiera kif bdiet u minn xiex kellu jgħaddi biex hu waqqaf il-Klabb.

Min jaf kemm-il żjara għamilt fil-ħanut tal-Klabb fi Triq id-Dejqa nqalleb u nara l-kotba, u jekk m'iniex sejjer żball, ġieli inzertajtu hemm wara l-bank u b'dik it-tbissima jistaqsik, "X'qed tfittex?"

Meta Pawlu għalaq it-80 sena, attendejt għas-serata li kienet saret fil-Berġa ta' Provenza. Dakinhar, Oliver Friggieri, li kien xettiku mit-twaqqif tal-KKM għal raġunijiet ta' telf ta' flus li l-familja Mizzi setgħet tesponi ruħha għaliha, sejjaħ lil Pawlu Mizzi bħala missier il-ktieb Malti modern.

Dawn huma tifkiriet li se nibqa' ngħożż għal dejjem.

Illum ibnu Joe onorani billi qed neditja proġett li beda missieru: il-memorji tiegħu. Qed neditjahom b'ħafna mħabba u rispett u nittama li fi żmien ftit xhur ikollna l-ewwel tappa minn dan il-proġett.

Kif sostna Monsinjur Ġużeppi Farrugia fil-funeral ta' Pawlu Mizzi, li sar fit-8 ta' Awwissu 2019, "Mizzi rnexxielu jneħħi l-blatiet tal-injoranza kulturali li kienu qed jimbarraw lill-poplu tagħna."

Pawlu Mizzi jibqa' għal dejjem. In-nazzjon midjun mal-Għawdxi li sfida ċ-ċokon u l-insularità.

## Noti

1 Dawn l-argumenti li tismagħhom min-naħa tal-Għawdxin u mhux mill-Maltin żvolġejthom fil-bijografija tiegħi dwar Anton Tabone, ippubblikata minn Kite.

# Il-Malti

RIVISTA TAL-AKKADEMJA TAL-MALTI

Rev. Geoffrey George **Attard** Charles **Bezzina** Ġorġ **Borg** Louis **Briffa** John **Caruana** Charles **Casha** Manwel **Cassar** Carmel G. **Cauchi** Manwel **Cutajar** Victor **Fenech** Claudia **Gauci** Sergio **Grech** Jane **Micallef** Immanuel **Mifsud** Alex **Mizzi** Therese **Pace** Yana **Psaila** Ivan **Said** Kevin **Saliba** Rita **Saliba** Salv **Sammut** Manwel **Schembri** Joseph **Vella** Paul **Zahra** Trevor **Żahra** Toni **Aquilina** Josette **Attard**

Rev. Geoffrey George **Attard** Charles **Bezzina** Ġorġ **Borg** Louis **Briffa** John **Caruana** Charles **Casha** Manwel **Cassar** Carmel G. **Cauchi** Manwel **Cutajar** Victor **Fenech** Claudia **Gauci** Sergio **Grech** Jane **Micallef** Immanuel **Mifsud** Alex **Mizzi** Therese **Pace** Yana **Psaila** Ivan **Said** Kevin **Saliba** Rita **Saliba** Salv **Sammut** Manwel **Schembri** Joseph **Vella** Paul **Zahra** Trevor **Żahra** Toni **Aquilina** Josette **Attard**

Rev. Geoffrey George **Attard** Charles **Bezzina** Ġorġ **Borg** Louis **Briffa** John **Caruana** Charles **Casha** Manwel **Cassar** Carmel G. **Cauchi** Manwel **Cutajar** Victor **Fenech** Claudia **Gauci** Sergio **Grech** Jane **Micallef** Immanuel **Mifsud** Alex **Mizzi** Therese **Pace** Yana **Psaila** Ivan **Said** Kevin **Saliba** Rita **Saliba** Salv **Sammut** Manwel **Schembri** Joseph **Vella** Paul **Zahra** Trevor **Żahra** Toni **Aquilina** Josette **Attard**



*MDINA*
Żejt fuq tila, 2018, 100 ċm x 70 ċm
**Antonio Mifsud**

ISBN 978-99932-7-761-3

**klabb kotba maltin**
L-AKKADEMJA TAL-MALTI